IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.6.2018
COM(2018) 441 final

2018/0231 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-Programm għas-suq uniku, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u għall-istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014, (UE) Nru 258/2014, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 2017/826

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2018) 294 final} - {SWD(2018) 320 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi

Fit-2 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) tal-Unjoni għall-perjodu 2021-2027[1]. Fost affarijiet oħrajn, il-Kummissjoni pproponiet Programm tas-Suq Uniku. Dan il-Programm se jgħin biex jinkisbu l-objettivi stabbiliti fil-Komunikazzjoni politika li takkumpanja il-proposta tal-QFP[2]. Se jagħmel dan billi jsaħħaħ il-governanza tas-suq intern, jappoġġa l-kompetittività tal-industrija u b'mod partikolari tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs), billi jippromwovi s-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti u l-benessri tal-annimali u billi jistabbilixxi l-qafas għall-finanzjament tal-istatistika Ewropea. Il-proposta[3] tipprevedi allokazzjoni tal-baġit ta' EUR 4 089 miljun. Barra minn hekk, EUR 2 000 miljun allokati taħt il-Fond InvestEU, b'mod partikolari permezz tat-Tieqa tagħha għall-Intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, se jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-objettivi ta' dan ir-Regolament.

Is-suq intern huwa pedament tal-Unjoni Ewropea. Ilu kontributur ewlieni għat-tkabbir, għall-kompetittività u għall-impjiegi sa mill-bidu tiegħu. Is-suq intern għen fil-ħolqien tal-impjiegi u offra għażla akbar lill-konsumaturi bi prezzijiet aktar baxxi. Qed ikompli jkun magna għall-bini ta' ekonomija aktar b'saħħitha, aktar bilanċjata u aktar ġusta. Huwa waħda mill-akbar kisbiet tal-Unjoni u l-aktar assi b'saħħtu tagħha f'dinja li kulma tmur qed tkun dejjem aktar globalizzata. Madankollu, is-suq intern irid kontinwament jadatta għal ambjent li jinbidel veloċement ikkaratterizzat minn rivoluzzjoni diġitali u globalizzazzjoni. Dan joħloq sfida sinifikanti għar-regolamentazzjoni u għall-infurzar.

Il-korp sostanzjali tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jirfed il-funzjonament tas-suq intern. Dan jikkonċerna, b'mod partikolari, il-kompetittività, l-istandardizzazzjoni, il-protezzjoni tal-konsumatur, is-sorveljanza tas-suq u r-regolamentazzjoni tal-katina alimentari. Jaffettwa wkoll ir-regoli li jikkonċernaw in-negozju, il-kummerċ, is-servizzi u l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-promozzjoni ta' kompetizzjoni ġusta, li jgħinu fil-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi li huma essenzjali għall-funzjonament tas-suq intern. Madankollu għad fadal ostakli għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern u qed jitfaċċaw ostakoli ġodda. L-istabbiliment tar-regoli huwa biss l-ewwel pass; li jirnexxielhom jaħdmu huwa daqstant importanti.

Dan joħloq il-ħtieġa li jingħata tagħrif suffiċjenti lill-individwi u lin-negozji dwar id-drittijiet tagħhom, tagħrif lill-awtoritajiet pubbliċi dwar kif japplikaw ir-regoli u l-għarfien espert meħtieġ lill-qrati dwar kif jinfurzawhom. Dan ifisser li jeħtieġ li jiġu stabbiliti għodod ta' informazzjoni, programmi ta' taħriġ u mekkaniżmi ta' emerġenza. Jirrikjedi wkoll li tittejjeb il-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-Kummissjoni u l-aġenziji deċentralizzati tagħha tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-infurzar effettiv u l-immodernizzar tal-qafas legali tal-Unjoni u l-adattament rapidu tiegħu għall-ambjent li l-ħin kollu jinbidel, jirrikjedu analiżijiet aġġornati, studji jew evalwazzjonijiet ibbażati fuq data ta' kwalità għolja, komparabbli u affidabbli.

Il-Programm propost jiġbor flimkien l-attivitajiet iffinanzjati taħt ħames programmi preċedenti fl-oqsma tal-kompetittività tal-intrapriżi, il-protezzjoni tal-konsumatur, tal-klijenti

[1] COM(2018) 322 final .
[2] COM(2018) 321, paġni 7-9
[3] COM (2018) 321, paġna 29

u tal-utenti aħħarin fis-servizzi finanzjarji, it-tfassil tal-politiki fis-servizzi finanzjarji u fir-rigward tal-katina alimentari, jew li kienu ffinanzjati qabel taħt bosta linji baġitarji tal-Kummissjoni[4], li kollha jittrattaw is-suq intern u l-kompetittività tal-SMEs. Il-Programm propost jinkludi wkoll inizjattivi ġodda[5] li għandhom l-għan li jtejbu l-funzjonament tas-suq intern. Dawn l-attivitajiet kollha huma magħqudin permezz tal-objettivi kondiviżi tagħhom li jirregolaw, jimplimentaw, jiffaċilitaw, jinfurzaw u jipproteġu diversi attivitajiet u atturi fi ħdan is-suq intern; u li jippreservaw suq intern li jkompli jiffunzjona mingħajr interruzzjoni. Għalhekk, dawn l-attivitajiet kollha huma, fil-mod differenti tagħhom, essenzjali għal suq intern li jiffunzjona tajjeb u huwa neċessarju li jkompli jingħatalhom appoġġ finanzjarju. Il-Programm propost jipprevedi kontinwità tad-diversi azzjonijiet preċedenti filwaqt li jissimplifika u jisfrutta s-sinerġiji bejniethom u mal-attivitajiet ġodda.

Tista' tinkiseb aktar simplifikazzjoni billi jinġabru flimkien l-istrumenti finanzjarji ġestiti kollha b'mod ċentrali fil-livell tal-Unjoni fil-Fond InvestEU[6], inkluż strumenti finanzjarji ta' dejn u ekwità għall-benefiċċju tal-SMEs. Għalhekk il-garanziji għal self għall-SMEs li qabel kienu pprovduti taħt il-programm COSME[7] se jiġu implimentati taħt it-"tieqa tal-SMEs" tal-InvestEU[8]. Fir-rigward tar-riċevituri tal-istrumenti finanzjarji tad-dejn u tal-ekwità previsti fil-programm COSME, il-kontinwità tal-assistenza finanzjarja u t-tranżizzjoni bla xkiel lejn l-InvestEU se tiġi żgurata.

Għaldaqstant, il-Programm għandu l-għan li jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern. Jipprovdi qafas ta' finanzjament aktar flessibbli u aġli u jimmira li jissalvagwardja suq intern li jiffunzjona tajjeb bl-aktar mod kosteffiċjenti. F'kuntest ta' restrizzjonijiet baġitarji, l-UE trid tfittex sinerġiji u tipprevjeni d-duplikazzjoni u l-frammentazzjoni fl-appoġġ tagħha lis-suq intern. Jeħtieġ ukoll li tagħti viżibbiltà u koerenza akbar tal-azzjoni tagħha lejn l-individwi, il-konsumaturi, in-negozji u l-awtoritajiet kompetenti, li l-firxa wiesgħa tal-għodod u programmi ta' appoġġ differenti tista' toħolqilhom konfużjoni. Għaldaqstant il-Programm se jipprovdi l-mezzi baġitarji sabiex jappoġġa l-istabbiliment ta' suq intern aktar profond u ġust permezz ta' qafas ta' finanzjament issimplifikat u flessibbli.

Minħabba li għadd ta' inizjattivi fil-Programm huma ġodda u l-kundizzjonijiet fil-qasam tal-kompetizzjoni huma partikolarment affettwati minn żviluppi dinamiċi fis-suq intern, li l-pass u d-daqs tagħhom huma diffiċli li jiġu stmati, huwa antiċipat li se tkun meħtieġa flessibbiltà biex jiġu ffaċċjati l-ħtiġijiet li qed jevolvu taħt din il-parti tal-Programm.

Barra minn hekk, il-Programm jistabbilixxi l-qafas finanzjarju biex tinħareġ statistika Ewropea ta' kwalità għolja, komparabbli u affidabbli li tirfed it-tfassil, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki kollha tal-UE. Dan jissostitwixxi l-Programm Statistiku Ewropew[9] ta' qablu. Irid jiġi enfasizzat li, għalkemm bla dubju ta' xejn tikkontribwixxi għat-twassil tal-

---

4 L-implimentazzjoni u l-iżvilupp tas-suq uniku għas-servizzi finanzjarji; id-dritt soċjetarju; l-għodod ta' governanza tas-suq intern; l-appoġġ għall-attivitajiet ta' standardizzazzjoni, l-operat u l-iżvilupp tas-suq intern għall-oġġetti u s-servizzi, id-dwana u l-iżvilupp tal-politika tat-tassazzjoni.

5 Politika ambizzjuża u innovattiva għall-kompetizzjoni għal Unjoni aktar b'saħħitha fl-era diġitali, Inizjattiva ta' Raggruppament Konġunt.

6 COM(2018) 439 final

7 Ir-Regolament (UE) Nru 1287/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u għall-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (COSME) (2014 - 2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 33).

8 COM(2018) 321 final "Baġit modern għal Unjoni li Tipproteġi, Tagħti s-Setgħa u Tiddefendi l-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027", p. 18 – 19.

9 Ir-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-2017 (ĠU L 39, 9.2.2013, p. 12).

politiki tas-suq intern, l-istatistika Ewropea għandha kamp ta' applikazzjoni ferm usa' mis-suq intern peress li sservi l-politiki kollha tal-Unjoni.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti tal-politika**

Il-Programm jikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' suq intern aktar profond u ġust, li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Istrateġiji tas-Suq Uniku[10] u tas-Suq Diġitali[11], il-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali[12] u l-pakkett tal-Patt il-Ġdid għall-Konsumaturi[13]. Suq Uniku aktar b'saħħtu huwa wkoll meqjus bħala prekundizzjoni għal Unjoni aktar b'saħħitha kif stabbilit mill-President tal-Kummissjoni fid-diskors tiegħu dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2017[14].

It-tisħiħ tal-governanza tas-suq intern iwieġeb ukoll għal bosta Konklużjonijiet tal-Kunsill u għar-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-Suq Uniku. L-iżjed importanti fosthom huma l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Kompetittività tad-29 ta' Frar 2016 dwar l-Istrateġija għal Suq Uniku (Ref. 6622/16) u r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Mejju 2016 dwar l-Istrateġija għas-Suq Uniku (Ref. 2015/2534 (INI)).

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-Programm propost huwa konsistenti ma' programmi oħrajn ta' azzjoni tal-Unjoni proposti u ma' fondi li jsegwu objettivi simili f'oqsma ta' kompetenza relatati. B'mod partikolari, l-azzjonijiet taħt dan il-Programm se jikkomplementaw dawk tal-Programmi Dwana[15] u Fiscalis[16] li wkoll għandhom l-għan li jappoġġaw u jtejbu l-funzjonament tas-suq intern.

Il-Programm propost jippromwovi sinerġiji u komplementaritajiet biex jappoġġa lill-SMEs u lill-intraprenditorija taħt il-Fond InvestEU[17]. Għal dan l-għan, minbarra l-ammont ta' EUR 1 000 miljun allokat għat-tip ta' appoġġ ta' strument mhux finanzjarju għall-kompetittività tal-SMEs taħt dan il-Programm, se tiġi implimentata faċilità ta' garanzija għall-SMEs b'baġit ta' EUR 2 000 miljun taħt it-tieqa għall-SMEs ta' InvestEU.

Il-Programm huwa komplementari għall-appoġġ għall-SMEs u għall-intraprenditorija taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali[18]. Il-Programm ifittex sinerġiji ma' Orizzont Ewropa[19] u l-Programm Spazjali[20] għall-inkoraġġiment tal-SMEs biex jibbenefikaw minn innovazzjoni ġdida u soluzzjonijiet oħrajn żviluppati taħt dawk il-programmi. Il-Programm huwa wkoll komplementari għall-Programm Ewropa Diġitali[21] li għandu l-għan li jippromwovi d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija tal-Unjoni u tas-settur pubbliku.

---

[10] COM(2015) 192 final "Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa".
[11] COM(2015) 550 final, Naġġornaw is-Suq Uniku: opportunitajiet aktar għaċ-ċittadini u n-negozji.
[12] COM(2015) 468 final, "Pjan ta' Azzjoni għall-Bini ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali"
[13] COM(2018) 0185 final
[14] http://europa.eu/rapid/press-release_SPEECH-17-3165_mt.htm
[15] COM(2018) 442 final
[16] COM(2018) 443 final.
[17] COM(2018) 439 final
[18] COM(2018) 372 final
[19] COM(2018) 435 final
[20] COM(2018) 447 final.
[21] COM(2018) 434 final

Barra minn hekk, il-Programm propost, se jfittex sinerġiji mal-Fond għall-Ġustizzja, għad-Drittijiet u għall-Valuri[22] li għandu l-għan li jappoġġa l-iżvilupp ulterjuri ta' żona Ewropea ta' ġustizzja għall-effettività tas-sistemi nazzjonali tal-ġustizzja, li hija fattur ewlieni li tippermetti ekonomija Ewropea ġusta u kosteffettiva.

Il-Programm propost huwa konsistenti mal-Erasmus[23] u mal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea[24] kif ukoll mal-Fond Soċjali Ewropew Plus[25]. Se jaġixxi bħala katalizzatur għall-mobbiltà fis-suq tax-xogħol u fost iż-żgħażagħ, li huwa essenzjali għas-suq intern li jiffunzjona tajjeb.

Fl-aħħar nett, l-azzjonijiet fil-katina alimentari, appoġġati taħt il-Programm, bħall-miżuri veterinarji u fitosanitarji biex jiġu indirizzati l-kriżijiet tas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti, jistgħu jkunu kkomplementati minn interventi bbażati fis-suq mill-baġit tal-Politika Agrikola Komuni tal-Unjoni[26].

Fejn rilevanti l-azzjonijiet tal-Programm jenħtieġ li jintużaw biex jindirizzaw il-fallimenti tas-suq jew is-sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali, b'mod proporzjonat, mingħajr ma jsir duplikazzjoni jew esklużjoni tal-finanzjament privat u jenħtieġ li jkollhom valur miżjud Ewropew ċar. Dan se jiżgura konsistenza bejn l-azzjonijiet tal-programm u r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, u jevita li jkun hemm distorsjoni tal-kompetizzjoni mhux dovuta fis-suq intern.

Din il-proposta tipprevedi l-applikazzjoni tar-Regolament mill-1 ta' Jannar 2021. Hija ppreżentata għal Unjoni ta' 27 Stat Membru. Hija konformi man-notifika tar-Renju Unit dwar l-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni Ewropea u l-Euratom abbażi tal-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. In-notifika waslet għand il-Kunsill Ewropew fid-29 ta' Marzu 2017.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

Skont il-ġurisprudenza stabbilita, l-għażla tal-bażi ġuridika għal miżura tal-Unjoni Ewropea trid tkun ibbażata fuq fatturi oġġettivi li jwasslu għal rieżami ġudizzjarju. Fejn it-Trattat jinkludi dispożizzjoni aktar speċifika li tkun kapaċi tikkostitwixxi l-bażi ġuridika għall-miżura inkwistjoni, il-miżura trid tkun imsejsa fuq dik id-dispożizzjoni. Jekk l-eżami ta' miżura jiżvela li għandha żewġ għanijiet jew li għandha żewġ komponenti u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, il-miżura trid tissejjes fuq bażi ġuridika waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti. Fir-rigward ta' miżura li fl-istess waqt issegwi għadd ta' objettivi, jew li għandha diversi komponenti, li huma marbuta b'mod inseparabbli mingħajr ma wieħed ikun inċidentali għall-ieħor, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fejn diversi dispożizzjonijiet tat-Trattat huma għalhekk applikabbli, tali miżura jkollha tissejjes, b'mod eċċezzjonali, fuq id-diversi bażijiet ġuridiċi korrispondenti. Ir-rikors għal bażi ġuridika doppja mhuwiex possibbli fejn il-proċeduri stabbiliti għal kull bażi ġuridika huma inkompatibbli ma' xulxin[27].

---

[22] COM(2018) 375 final
[23] COM(2018) 367[…].
[24] COM(2018) 393 final
[25] COM(2018) 382 final
[26] COM(2018) 322 final, Artikolu 10
[27] ECLI:EU:C:2012:525, Il-Kawża C-490/10 Il-Parlament vs. Il-Kunsill, paragrafi 44 sa 47.

L-atti bażiċi li jistabbilixxu l-programmi attwalment fis-seħħ li se jkunu integrati fil-Programm huma bbażati fuq bażijiet ġuridiċi differenti. Dawn jikkonċernaw l-Artikoli li ġejjin tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE):

- l-Artikolu 114 għall-attivitajiet li jappoġġaw ir-rappurtar finanzjarju u l-awditjar[28] (u għadd kbir ta' miżuri tas-suq intern li fihom miżuri ta' finanzjament anċillari);
- l-Artikolu 169(2)(b) rigward il-protezzjoni tal-konsumatur[29];
- l-Artikoli 43 u 168(4)(b) rigward il-miżuri veterinarji u fitosanitarji[30];
- l-Artikolu 197 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva;
- l-Artikolu 173 li jinkoraġġixxi ambjent favorevoli għall-iżvilupp tal-impriżi, b'mod partikolari l-SMEs;
- l-Artikolu 195 dwar it-turiżmu; u
- l-Artikolu 338 dwar l-istatistika.

Fid-dawl tas-sinerġiji miksuba, l-għaqda tal-programmi preċedenti rriżultat fil-fatt li l-proposta ssegwi b'mod simultanju erba' objettivi li huma konnessi b'mod inseparabbli mingħajr ma wieħed ikun inċidentali fuq l-ieħor. Dawn l-objettivi huma:

- is-suq intern (l-Artikolu 114 TFUE);
- il-miżuri veterinarji u fitosanitarji (l-Artikoli 43 u 168(4)(b) TFUE);
- it-tħeġġiġ ta' ambjent favorevoli għall-iżvilupp tal-impriżi, b'mod partikolari l-SMEs (l-Artikolu 173 TFUE); u
- l-istatistika għall-politiki tal-Unjoni (l-Artikolu 338 TFUE).

Għaldaqstant, il-bażijiet ġuridiċi ta' dan il-Programm huma l-Artikolu 114, l-Artikoli 43(2) u 168(4)(b); u l-Artikoli 173 u 338 tat-TFUE.

- **Sussidjarjetà**

L-istabbiliment ta' suq intern aktar profond u ġust jirrikjedi qafas regolatorju li jiffunzjona tajjeb, individwi, konsumaturi u negozji informati u abilitati u ekosistema industrijali kompetittiva. Dan kollu ma jistax jinkiseb mill-Unjoni jew l-Istati Membri waħedhom. Anki jekk l-Istati Membri huma primarjament responsabbli għat-twassil tas-suq intern fuq il-post, il-Kummissjoni bħala gwardjan tat-Trattati u l-Unjoni inġenerali għandhom interess li jiżguraw li dawn l-għanijiet jitwasslu b'mod koerenti, sabiex l-individwi, il-konsumaturi u n-negozji jgawdu l-istess drittijiet u l-istess opportunitajiet fl-Ewropa kollha. Hija meħtieġa azzjoni fil-livell tal-Unjoni biex jiġi żgurat l-iżvilupp konsistenti tas-suq intern; in-nondiskriminazzjoni; il-protezzjoni tal-konsumatur; il-kompetizzjoni effettiva; l-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-Istati Membri u tal-kooperazzjoni bejniethom; u l-indirizzar tal-kwistjonijiet transfruntiera. Ir-regoli komuni u l-kooperazzjoni Ewropea huma meħtieġa biex il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jkunu jistgħu jaħdmu b'mod koerenti fil-livell operattiv.

[28] Ir-Regolament (UE) Nru 258/2014.
[29] Ir-Regolament (UE) Nru 254/2014, ir-Regolament (UE) 2017/826.
[30] Ir-Regolament (UE) Nru 652/2014.

Grad għoli ħafna ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni bħal dan jista' jinkiseb biss permezz ta'approċċ ċentralizzat, idealment fil-livell tal-Unjoni. L-attivitajiet tal-Programm propost huma aktar kosteffettivi milli kieku kull Stat Membru parteċipanti kellu jistabbilixxi oqfsa ta' kooperazzjoni individwali fuq bażi bilaterali u multilaterali. Bil-ġbir komuni tar-riżorsi l-Programm jibni fuq l-ekonomiji ta' skala. Dan jippermetti li fl-istess ħin tissaħħaħ il-fiduċja fis-suq intern fost il-pubbliku, il-konsumaturi, in-negozji u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

Barra minn hekk, il-ħtieġa għal intervent mill-Unjoni kienet diġà stabbilita sew fil-programmi preċedenti. Il-Programm propost mhux se jbiddel dak ir-raġunament.

Għaldaqstant, dan il-Programm jista' biss jiġi stabbilit fil-livell tal-Unjoni peress li l-azzjonijiet jirrikjedu kooperazzjoni u koordinazzjoni attiva bejn l-Istati Membri.

- **Proporzjonalità**

Il-Programm propost se jgħin biex jiġi infurzat u modernizzat b'mod effettiv il-qafas legali tal-Unjoni u biex jiġi adattat malajr mal-ambjent li dejjem qed jinbidel. Dan se jsir, fost oħrajn, permezz tal-ġbir tad-data u tal-analiżi tad-data, l-istudji, l-evalwazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet ta' politika. Aktar minn nofs il-baġit propost se jintnefaq fuq attivitajiet ta' bini tal-kapaċità u fuq l-iffaċilitar ta' azzjonijiet konġunti bejn l-Istati Membri u bejn l-awtoritajiet kompetenti tagħhom u l-Kummissjoni u l-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Programm se jiffinanzja mekkaniżmi li jippermettu lill-individwi, lill-konsumaturi, u lir-rappreżentanti tan-negozji jikkontribwixxu għall-proċessi deċiżjonali. Se jsaħħaħ ukoll l-iskambju u d-disseminazzjoni tal-esperjenza u tal-għarfien. Il-Programm se jappoġġa tipi ta' azzjonijiet speċifiċi ħafna f'dawn l-oqsma li ġejjin: it-titjib tal-kompetittività, b'mod partikolari tal-SMEs, kif ukoll il-miżuri ta' standardizzazzjoni u ta' emerġenza fil-kuntest tal-katina alimentari.

Barra minn hekk, il-Programm jipprovdi qafas għall-finanzjament tal-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea fit-tifsira tal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009[31].

L-ebda waħda mill-azzjonijiet ma tmur lil hinn minn dak li huwa assolutament meħtieġ sabiex jinkisbu l-objettivi tal-Programm fl-istabbiliment ta' suq intern li jiffunzjona tajjeb, il-promozzjoni tal-kompetittività tal-SMEs u l-produzzjoni tal-istatistika Ewropea. L-azzjonijiet huma bbażati fuq l-analiżi tal-ħtiġijiet reali fuq il-post iżda jqisu wkoll ir-rekwiżiti legali (eż. il-miżuri ta' emerġenza veterinarji u fitosanitarji, l-istatistika Ewropea). Il-Kummissjoni se teżerċita funzjonijiet ta' koordinazzjoni, eżekuzzjoni u amministrazzjoni, kif stabbilit fit-Trattati.

Għaldaqstant, l-objettivi tal-Programm se jinkisbu b'mod aktar proporzjonat fil-livell tal-Unjoni milli fil-livell tal-Istati Membri.

Il-paragrafu 3.3 tal-Valutazzjoni tal-Impatt jagħmel referenza għall-valur miżjud tal-Unjoni.

---

[31] Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

- **Għażla tal-istrument**

Kif tikkonkludi l-Valutazzjoni tal-Impatt, l-intervent tal-Unjoni permezz ta' programm ta' finanzjament huwa xieraq. It-tgħaqqid tal-programmi preċedenti, l-attivitajiet iffinanzjati qabel taħt il-linji baġitarji li jittrattaw is-suq intern, il-kompetittività tal-SMEs u l-istatistika Ewropea fi Programm wieħed se jtejjeb il-koerenza u l-integrazzjoni tal-azzjonijiet. Fl-istess ħin se jnaqqas l-għadd ta' regoli ta' finanzjament diverġenti u frammentati.

Skont il-politika leġiżlattiva li adottat il-Kummissjoni fil-QFP, il-programm ta' finanzjament huwa propost bħala Regolament.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET RETROSPETTIVI, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet retrospettivi/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Dan il-Programm jibni fuq it-tagħlimiet meħuda mill-evalwazzjonijiet tal-programmi preċedenti. Iqis ukoll ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet u tal-konsultazzjonijiet pubbliċi dwar l-attivitajiet iffinanzjati qabel taħt il-linji baġitarji tas-suq intern jew jivvaluta l-ħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dawk ġodda.

B'mod partikolari, ta' min jinnota li 6 % biss taċ-ċittadini tal-UE jħossu li huma informati sew dwar id-drittijiet tagħhom bħala ċittadin tal-Unjoni u 36 % iħossu li huma pjuttost informati sew[32]. Fil-konsultazzjoni pubblika dwar il-Gateway Diġitali Unika[33], 80 % tan-negozji sabu li kien diffiċli li wieħed jikkonforma mar-rekwiżiti nazzjonali f'pajjiżi oħrajn. 60 % tal-individwi sabuha diffiċli jew pjuttost diffiċli li jkunu jafu liema rekwiżiti nazzjonali kellhom jissodisfaw meta jmorru jgħixu fi Stat Membru ieħor[34].

L-evalwazzjoni REFIT[35] tal-funzjonament tas-sorveljanza tas-suq għall-prodotti ukoll żvelat nuqqas ta' għarfien dwar ir-regoli min-negozji u trasparenza batuta fir-rigward tal-konformità tal-prodotti. L-evalwazzjoni sabet li n-nuqqas ta' konformità huwa kkawżat fost l-oħrajn mill-organizzazzjoni frammentata tas-sorveljanza tas-suq fl-Unjoni. Il-finanzjament ta' azzjonijiet konġunti mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jeħtieġ qafas ta' koordinazzjoni aktar koerenti sabiex jonqsu l-prodotti mhux konformi fis-suq intern.

Fir-rigward tal-politika tal-kompetizzjoni, l-istħarriġ tal-"Ewrobarometru" fl-2010 u fl-2014 wera li l-pubbliku kellu nuqqas ta' għarfien dwar fejn wieħed għandu jirrikorri f'każ ta' prezzijiet ogħla, inqas prodotti jew għażliet ta' fornituri jew kwalità inferjuri. Barra minn hekk, stħarriġ tal-Ewrobarometru fl-2016 wera biss għarfien limitat tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

---

32 Ewrobarometru 430: Ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea – Marzu 2016.

33 https://ec.europa.eu/growth/content/public-consultation-single-digital-gateway-0_en.

34 Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni Rapport ta' sinteżi dwar il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati dwar il-Portal Diġitali Uniku li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' portal diġitali uniku li jipprovdi informazzjoni, proċeduri, u servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (SWD/2017/0212 final - 2017/086 (COD)).

35 http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=SWD:2017:0469:FIN

L-evalwazzjoni tal-Programm tal-Konsumaturi[36] indikat il-kapaċità bil-mod tiegħu li jwieġeb għal sfidi ġodda tas-suq ikkawżati minn bidla soċjetali u teknoloġika mgħaġġla u spiss imprevedibbli. L-evalwazzjoni enfasizzat ukoll limitazzjonijiet speċifiċi f'ċerti Stati membri, li jipprevjenu l-adozzjoni ottimali, tipikament minħabba riżorsi limitati.

L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Programm dwar il-Katina Alimentari[37] wriet li l-attivitajiet kollha li jirċievu appoġġ finanzjarju mill-Unjoni f'dan il-qasam baqgħu essenzjali għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti tul il-katina alimentari. Dan il-Programm wera li huwa flessibbli fl-indirizzar tal-ħtiġijiet emerġenti għall-kofinanzjament, speċjalment fit-tifqigħat tal-marda tal-annimali u tal-organiżmi ta' ħsara għall-pjanti.

Finalment, l-evalwazzjoni li għaddejja tal-Programm Statistiku Ewropew[38] turi li huwa meħtieġ li tiġi żviluppata kapaċità permanenti li twieġeb b'mod aktar rapidu għall-ħtiġijiet ġodda tad-data. Il-globalizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u l-bidla teknoloġika rapida qed jisfidaw il-pedamenti tal-kejl tal-prestazzjoni ekonomika, jiġifieri il-Prodott Domestiku Gross u l-indikaturi ekonomiċi ewlenin. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġu investiti sforzi sostanzjali wkoll fl-iżvilupp ta' metodoloġiji ġodda. Il-ġbir tad-data jrid ikun adattat biex jinkludi s-sorsi tad-data kollha disponibbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-konsultazzjoni pubblika dwar il-proposta tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali saret bejn l-10 ta' Jannar u d-9 ta' Marzu 2018. Il-kwestjonarju kopra l-investiment, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-SMEs u s-suq intern.

Madwar 80 % tal-partijiet ikkonċernati kkunsidraw li l-Programmi u l-fondi tal-Unjoni jżidu aktar valur milli jista' jinkiseb fil-livell nazzjonali. Is-suq intern kien ikkunsidrat bħala l-aħjar eżempju tal-valur miżjud tal-Unjoni, peress li tqies bħala ġid pubbliku li jwassal valur reali u tanġibbli.

Fost l-aktar sfidi importanti rilevanti għall-Programm kif identifikati mill-maġġoranza l-kbira tar-rispondenti kienu: l-appoġġ għall-SMEs u għall-iżvilupp industrijali, il-kompetizzjoni ġusta u s-sikurezza alimentari. Ġeneralment bejn 20 % u 50 % tar-rispondenti kkunsidraw li l-politiki relatati mal-Programm jikkontribwixxu bis-sħiħ jew pjuttost tajjeb fl-indirizzar ta' dawn l-isfidi. Iċ-ċirkolazzjoni bla xkiel tal-oġġetti fl-Unjoni kienet iġġudikata l-ogħla (50 % tat-tweġibiet kollha). Segwita mill-appoġġ għall-iżvilupp industrijali (42 %), il-provvediment ta' statistika tal-Unjoni (40 %) u l-appoġġ lill-flussi ta' kapital u investimenti (39 %). Sa 12 % biss ta' dawk li wieġbu qiesu li dawn il-politiki assolutament ma rnexxewx.

- **Valutazzjoni tal-Impatt**

It-tfassil tal-Programm propost kien is-suġġett tal-Valutazzjoni tal-Impatt. Ġew analizzati t-tliet xenarji globali li ġejjin:

  – Għażla 1: **xenarju ta' żamma tal-istatus quo** fejn titkompla l-implimentazzjoni tal-programmi pluriennali attwali u l-linji baġitarji attwali, filwaqt li l-proposti l-ġodda ta' nfiq jiġu miżjuda b'atti bażiċi separati.

[36] Ir-Regolament (UE) Nru 254/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar programm pluriennali tal-konsumaturi għas-snin 2014-2020 u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1926/2006/KE (ĠU L 84, 20.3.2014, p. 42).

[37] Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tar-Regolament (UE) Nru 652/2014.

[38] Ir-rapport għadu ma ġiex ippubblikat iżda jista' jiġi mitlub mingħand l-Eurostat.

– Għażla 2: **xenarju integrat** fejn jiġi adottat programm ġdid biex iwassal il-programmi u l-linji baġitarji attwali u ġodda li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-programm. Dan isir permezz ta' att bażiku wieħed li jkun flessibbli biżżejjed biex jiżgura li jinżammu r-rekwiżiti legali u istituzzjonali speċifiċi.

– Għażla 3: **xenarju kompletament unifikat;** hawnhekk il-programmi kollha fil-kamp ta' applikazzjoni tal-programm jingħaqdu f'att bażiku komuni uniku b'rekwiżiti legali u istituzzjonali identiċi għall-attivitajiet kollha fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu.

L-għażla 2 — Programm integrat — tqieset bħala l-għażla ppreferuta. Ġie rikonoxxut li tkun għażla inqas ambizzjuża mill-għażla 3, iżda kien mod fattibbli u pragmatiku biex jinkisbu aktar simplifikazzjoni, flessibbiltà u sinerġiji fil-programmi kollha u fil-linji baġitarji fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Fl-istess ħin, dan jagħmilha possibbli li jiġu akkomodati r-rekwiżiti legali u istituzzjonali speċifiċi għall-governanza ta' dawk il-programmi individwali. Eżempji ta' dan huma l-miżuri veterinarji u fitosanitarji ta' emerġenza u l-Programm Statistiku Ewropew[39], li għandhom konfigurazzjonijiet istituzzjonali u ta' governanza ddedikati li mhumiex rilevanti għal partijiet oħrajn tal-Programm.

Il-Valutazzjoni tal-Impatt irċeviet opinjoni pożittiva mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju[40]. Madankollu l-Bord ħareġ bosta kunsiderazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet għat-titjib li kienu indirizzati b'dan il-mod:

Rakkomandazzjonijiet tal-RSB	Reviżjonijiet introdotti
Ir-rapport jenħtieġ li jkun aġġornat sabiex jirrifletti u jispjega l-aħħar deċiżjonijiet dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-programm.	It-Taqsima 1.1 "*kamp ta' applikazzjoni u kuntest*" twessgħet sabiex tirrifletti l-kamp ta' applikazzjoni tal-Programm dwar is-Suq Uniku.
Fl-introduzzjoni, ir-rapport jista' jispjega aħjar in-natura tal-annessi speċifiċi għall-programm. Għandu jsewwi l-inkonsistenzi bejn l-annessi u r-rapport. Għandu jinkludi s-sejbiet li huma sinifikanti għall-baġit tal-Programm dwar is-Suq Uniku mill-annessi fir-rapport ewlieni. Għandu jispjega l-bidliet fil-programmi individwali li se jkunu implimentati fil-perjodu li jmiss. Għandu jirrifletti wkoll l-input tal-partijiet ikkonċernati b'mod aktar ċar fil-preżentazzjoni tal-kuntest tal-politika u l-prijoritajiet il-ġodda. Ir-rapport għandu jispjega kif it-tħassib espress b'mod partikolari f'termini ta' prijoritizzazzjoni huwa rifless kif xieraq, eż. fir-rigward tas-saħħa u ta' katina alimentari sikura u	In-natura tal-annessi speċifiċi għall-programm ġiet iċċarata fit-Taqsima 1.1 "*Kamp ta' applikazzjoni u kuntest*". Is-sejbiet ewlenin mill-programmi (sekondarji) tal-Programm tas-Suq Uniku ġew iċċarati fir-rapport ewlieni tal-IA fit-Tabella (1.3, *Tagħlimiet meħuda ewlenin fil-programmi u l-linji baġitarji inklużi fil-Programm dwar is-Suq Uniku*), u l-bidliet ewlenin fil-programmi (sekondarji) ġew miżjuda fit-Tabella (2.1, *Aġġustamenti ewlenin fil-programmi/linji baġitarji eżistenti*). Barra minn hekk, ġew iċċarati il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati.

[39] Kif ifformulat fir-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-Istatistika Ewropea.
[40] SEC(2018)294

sostenibbli.	
Ir-rapport jistabbilixxi l-prijoritajiet komuni tal-Programm dwar is-Suq Uniku iżda jista' jiddiskuti aktar il-prijoritizzazzjoni bejniethom u bejn il-programmi sekondarji. Bħala tali, l-analiżi tista' tirrifletti x-xenarji għat-tnaqqis tal-attivitajiet u/jew għall-kisba ta' sinerġija sabiex il-programm ilaħħaq ma' baġit possibbilment limitat.	Fir-rapport iddaħlet it-Taqsima 3.3 dwar "*prijoritizzazzjonijiet possibbli b'reazzjoni għax-xenarju bażi ta' EU27*".
Ir-rapport jista' jispjega aħjar il-koerenza u s-sinerġiji potenzjali bejn l-istrumenti tal-Programm dwar is-Suq Uniku u programmi oħrajn tal-QFP.	"*Esklużjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni u koerenza ma' programmi oħrajn tal-QFP*" taħt it-Taqsima 1.1 ġiet estiża b'informazzjoni addizzjonali dwar il-koerenza u s-sinerġiji potenzjali ma' programmi oħrajn.

- **Simplifikazzjoni**

Kif spjegat hawn fuq, il-Programm propost jiġbor flimkien l-attivitajiet li qabel kienu ffinanzjati taħt sitt programmi preċedenti, inkluż il-Programm Statistiku Ewropew, iżda wkoll l-attivitajiet li qabel kienu ffinanzjati taħt bosta linji baġitarji tal-Kummissjoni[41] li jittrattaw is-suq uniku. Il-Programm jinkludi wkoll inizjattivi ġodda[42] li għandhom l-għan li jtejbu l-funzjonament tas-suq intern.

Għaldaqstant, il-Programm propost jiffaċilita u jisfrutta s-sinerġiji bejn l-azzjonijiet diversi. Jipprovdi wkoll qafas ta' finanzjament aktar flessibbli u aġli li jimmira li jissalvagwardja u japprofondixxi suq intern li jiffunzjona tajjeb bl-aktar mod kosteffiċjenti.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-Programm jiżgura r-rispett sħiħ tad-drittijiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' diversi minn dawk id-drittijiet. B'mod partikolari, l-objettivi tal-Programm huma b'mod partikolari l-iżgurar tas-saħħa taċ-ċittadini skont l-Artikolu 35 tal-Karta u l-protezzjoni tal-konsumatur skont l-Artikolu 38 tal-Karta. Jikkontribwixxi wkoll għad-dritt ta' rimedju effettiv u proċess ġust kif preskritt fl-Artikolu 47 tal-Karta. Il-Programm għandu wkoll l-għan li jsaħħaħ il-libertà li jitwettaq negozju skont id-dritt tal-Unjoni u l-liġijiet u l-prattiki nazzjonali (l-Artikolu 16).

41 L-implimentazzjoni u l-iżvilupp tas-suq uniku għas-servizzi finanzjarji; id-dritt soċjetarju; l-għodod ta' governanza tas-suq intern; l-appoġġ għall-attivitajiet ta' standardizzazzjoni, l-operat u l-iżvilupp tas-suq intern għall-oġġetti u s-servizzi, linja baġitarja ta' appoġġ lid-dwana u l-iżvilupp tal-politika tat-tassazzjoni.

42 Politika ambizzjuża u innovattiva għall-kompetizzjoni għal Unjoni aktar b'saħħitha fl-era diġitali, Inizjattiva ta' Raggruppament Konġunt.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Fit-2 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni adottat proposta għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss għall-perjodu li jibda fl-2021. Skont din il-proposta, dan ir-Regolament jinkludi qafas baġitarju ta' EUR 4 088 580 000 (fi prezzijiet kurrenti) għall-perjodu li jibda fl-2021.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-Programm propost se jkun prinċipalment implimentat b'ġestjoni diretta, b'mod partikolari permezz ta' għotjiet, premjijiet u akkwist.

Partijiet tal-programm huma mistennija li jiġu implimentati mill-aġenziji eżekuttivi. Dawn jikkonċernaw b'mod partikolari l-attivitajiet fir-rigward tal-kompetittività tan-negozji u tal-SMEs u li jirrelataw mat-taħriġ fil-qasam tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti tul il-katina alimentari, u mal-appoġġ tal-benessri tal-annimali.

L-impatt tal-Programm se jkun ivvalutat permezz ta' evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu u finali kif ukoll bil-monitoraġġ kontinwu ta' sett ta' indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin ta' livell għoli. Dawn l-evalwazzjonijiet se jitwettqu f'konformità mal-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016[43], li fih it-tliet istituzzjonijiet ikkonfermaw li l-evalwazzjonijiet ta' leġiżlazzjoni u politika eżistenti jenħtieġ li jipprovdu l-bażi għall-valutazzjonijiet tal-impatt tal-opzjonijiet għal azzjoni ulterjuri. L-evalwazzjonijiet se jivvalutaw l-effetti tal-programm fir-realtà bbażati fuq indikaturi u miri u fuq analiżi dettaljata tal-grad sa fejn l-istrument jista' jiġi meqjus rilevanti, effettiv u effiċjenti, jipprovdi biżżejjed valur miżjud tal-UE u huwa koerenti ma' politiki oħrajn tal-UE. Se jinkludu t-tagħlimiet meħuda biex jiġu identifikati nuqqasijiet jew problemi potenzjali, kif ukoll il-potenzjal għal aktar titjib tal-azzjonijiet jew tar-riżultati tagħhom, u biex jgħinu jimmassimizzaw l-impatt tagħhom.

Ir-riżultati u l-outputs tal-Programm se jkunu vvalutati b'mod regolari permezz ta' sistema ta' monitoraġġ komprensiva, abbażi ta' indikaturi definiti, bil-ħsieb li jiġi żgurat il-valur għall-flus. Peress li l-Programm l-aktar għandu rwol ta' appoġġ, billi jgħin lill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri jaqsmu l-informazzjoni u jagħti spinta lill-kapaċità tagħhom, is-sistema ta' monitoraġġ tiffoka fost l-oħrajn fuq is-segwitu tal-progress tal-attivitajiet tal-Programm permezz ta' indikaturi tal-output.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Kapitolu I Dispożizzjonijiet ġenerali

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Programm ikopri l-qasam tas-suq intern, il-kompetittività tal-SMEs u l-istatistika Ewropea b'mod komprensiv.

L-objettivi speċifiċi tal-programm jikkonċernaw:

[43] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016 (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1-14).

- kif intejbu l-funzjonament tas-Suq Intern;
- it-titjib tal-kompetittività tan-negozji, speċjalment l-SMEs;
- aktar standardizzazzjoni;
- il-promozzjoni tal-interessi tal-konsumaturi;
- il-kontribuzzjoni għal livell għoli ta' saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti tul il-katina alimentari; u
- il-produzzjoni u l-komunikazzjoni ta' statistika dwar l-Ewropa ta' kwalità għolja.

Il-Programm se jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni mill-Istati Membri, mill-membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), il-pajjiżi aderenti, il-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali. B'konformità mal-politika ġenerali tal-Unjoni, il-pajjiżi koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat se jkollhom ukoll il-possibbiltà li jieħdu sehem fil-programm taħt ċerti kundizzjonijiet. Barra minn hekk, il-Programm se jkun miftuħ għall-Isvizzera, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistika[44].

Il-Programm se jiġi implimentat permezz tal-mekkaniżmi tal-infiq l-aktar użati tal-baġit tal-Unjoni, jiġifieri l-akkwist pubbliku u l-għotjiet.

<u>Kapitolu II Għotjiet</u>

Dan il-Kapitolu jindika t-tipi ġeneriċi ta' azzjonijiet li se japplikaw għall-objettivi speċifiċi kollha. Dawn jinkludu:

- appoġġ għall-infurzar effettiv u l-immodernizzar tal-qafas legali tal-Unjoni permezz tal-ġbir u l-analiżijiet ta' data;
- studji u evalwazzjonijiet,
- attivitajiet ta' bini tal-kapaċità u l-iffaċilitar ta' azzjonijiet konġunti bejn l-Istati Membri u bejn l-awtoritajiet kompetenti tagħhom u l-Kummissjoni u l-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni;
- il-finanzjament ta' mekkaniżmi li jippermettu lill-individwi, lill-konsumaturi, u lir-rappreżentanti tan-negozji jikkontribwixxu għall-proċess deċiżjonali; u
- it-tisħiħ tal-iskambju u d-disseminazzjoni tal-esperjenza u tal-għarfien.

Barra minn hekk, dan il-Kapitolu jelenka tipi ta' azzjonijiet speċifiċi u mmirati ħafna u strettament limitati f'dawn l-oqsma li ġejjin: it-titjib tal-kompetittività, l-aktar tal-SMEs; l-istandardizzazzjoni u l-miżuri ta' emerġenza tul il-katina alimentari. Barra minn hekk, dan il-Kapitolu jelenka l-attivitajiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-qafas għall-finanzjament tal-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea fit-tifsira tal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

Sabiex tinkiseb simplifikazzjoni massima, dan il-Kapitolu jistipula jew kundizzjonijiet addizzjonali jew derogi mir-Regolament Finanzjarju dwar ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà għall-

[44] ĠU L 90, 28.3.2006, p. 2

entitajiet, l-eċċezzjonijiet mir-rekwiżit tas-sejħa għal proposti, ir-regoli dwar il-kofinanzjament, l-ispejjeż eliġibbli, eċċ.

Kapitolu III Programmar, monitoraġġ u evalwazzjoni

L-implimentazzjoni tal-Programm jenħtieġ li tiġi bbażata fuq programm jew programmi ta' ħidma annwali jew pluriennali. Fid-dawl tal-fatt li l-objettivi huma bbażati fuq żmien medju u twil u abbażi tal-esperjenza miksuba maż-żmien, il-programmi ta' ħidma jistgħu jkopru ħafna snin. Għalkemm ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-Programm, il-programmi ta' ħidma pluriennali se jnaqqsu l-piż amministrattiv.

Fl-Anness IV ġiet introdotta lista ta' indikaturi ewlenin li jtejbu l-monitoraġġ tal-Programm u l-prestazzjoni tiegħu mill-bidu nett. Il-Kummissjoni se tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati sabiex temenda l-qafas ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni u il-lista ta' indikaturi fejn ikun meħtieġ.

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 iffissat għan iktar ambizzjuż għall-integrazzjoni klimatika fil-programmi tal-Unjoni kollha, b'mira kumplessiva ta' 25 % tan-nefqa tal-Unjoni li tikkontribwixxi għall-objettivi tal-klima. Il-kontribuzzjoni ta' dan il-programm għall-kisba ta' din il-mira kumplessiva se tiġi ntraċċata permezz ta' sistema ta' mmarkar ta' traċċi tal-klima tal-Unjoni f'livell xieraq ta' diżaggregazzjoni, inkluż l-użu ta' metodoloġiji iktar preċiżi fejn dawn huma disponibbli. Il-Kummissjoni se tkompli tippreżenta l-informazzjoni kull sena f'termini ta' approprjazzjonijiet ta' impenn fil-kuntest tal-abbozz annwali tal-baġit.

Biex tappoġġa l-utilizzazzjoni sħiħa tal-potenzjal tal-Programm li jikkontribwixxi għall-objettivi tal-klima, il-Kummissjoni se tagħmel minn kollox biex tidentifika l-azzjonijiet rilevanti matul il-proċessi ta' preparazzjoni, implimentazzjoni, reviżjoni u evalwazzjoni tal-Programm.

Se jsiru evalwazzjonijiet interim u finali.

Kapitolu IV Dispożizzjonijiet tranżitorji u finali

Se tiġi provduta informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi, fosthom il-midja u l-pubbliku.

2018/0231 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-Programm għas-suq uniku, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u għall-istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014, (UE) Nru 258/2014, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 2017/826

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari

l-Artikolu 43(2), l-Artikolu 168(4)(b) u l-Artikoli 114, 173 u 338 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[45],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[46],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Is-suq intern huwa pedament tal-Unjoni Ewropea. Sa mill-bidu tiegħu, kien kontributur ewlieni għat-tkabbir, għall-kompetittività u għall-impjiegi. Huwa ġġenera opportunitajiet ġodda u ekonomiji ta' skala għan-negozji Ewropej, b'mod partikolari għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs), u saħħaħ il-kompetittività industrijali tagħhom. Is-suq intern ikkontribwixxa għall-ħolqien ta' impjiegi u offra għażla akbar bi prezzijiet orħos lill-konsumaturi. Qed ikompli jkun magna għall-bini ta' ekonomija aktar b'saħħitha, aktar bilanċjata u aktar ġusta. Huwa waħda mill-akbar kisbiet tal-UE u l-aħjar assi tagħha f'dinja li kulma tmur qed tkun dejjem aktar globalizzata.

(2) Is-suq intern irid kontinwament jadatta għal ambjent li jinbidel veloċement ta' rivoluzzjoni diġitali u globalizzazzjoni. Era ġdida ta' innovazzjoni diġitali tkompli tipprovdi opportunitajiet għan-negozji u għall-individwi, toħloq prodotti u mudelli ta' negozju ġodda iżda tikkostitwixxi wkoll sfida għar-regolamentazzjoni u għall-infurzar.

(3) Il-korp sostanzjali tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jirfed il-funzjonament tas-suq intern. Dan jirrigwarda, b'mod partikolari, il-kompetittività, l-istandardizzazzjoni, il-protezzjoni tal-konsumatur, is-sorveljanza tas-suq u r-regolamentazzjoni tal-katina alimentari iżda wkoll regoli li jirrigwardaw tranżazzjonijiet tan-negozju, kummerċjali u finanzjarji u l-promozzjoni ta' kompetizzjoni ġusta li tipprovdi kundizzjonijiet ekwi essenzjali għall-funzjonament tas-suq intern.

[45] ĠU C , , p. .
[46] ĠU C , , p. .

(4) Madankollu għad fadal ostakli għall-funzjonament xieraq tas-suq intern jew qed jitfaċċaw ostakoli ġodda. L-istabbiliment tar-regoli huwa biss l-ewwel pass iżda li jirnexxielhom jaħdmu huwa daqstant importanti. Fl-aħħar mill-aħħar din hija kwistjoni ta' fiduċja taċ-ċittadini fl-Unjoni, fil-kapaċità tagħha li tagħti riżultati, u l-abbiltà tagħha li toħloq impjiegi u tkabbir filwaqt li tipproteġi l-interess pubbliku.

(5) Jeżistu bosta programmi għall-azzjoni tal-Unjoni bħalissa fl-oqsma tal-kompetittività tal-intrapriżi inklużi l-SMEs, il-protezzjoni tal-konsumatur, tal-klijenti u tal-utenti aħħarin fis-servizzi finanzjarji, it-tfassil tal-politika fis-servizzi finanzjarji u l-katina alimentari. Xi attivitajiet addizzjonali huma ffinanzjati direttament taħt il-linji baġitarji tas-suq intern. Huwa neċessarju li jiġu simplifikati u sfruttati s-sinerġiji bejn diversi azzjonijiet u jiġi previst qafas ta' finanzjament aktar flessibbli u aġli għall-finanzjament tal-attivitajiet li jimmiraw li jiksbu suq intern li jiffunzjona tajjeb bl-aktar mod kosteffiċjenti. Għalhekk huwa neċessarju li jiġi stabbilit programm ġdid li jiġbor flimkien l-attivitajiet li qabel kienu ffinanzjati taħt dawk il-programmi l-oħra u linji baġitarji oħra rilevanti. Jenħtieġ li l-Programm jinkludi wkoll inizjattivi ġodda li għandhom l-għan li jtejbu l-funzjonament tas-suq intern.

(6) L-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea huma soġġetti għal Programm Statistiku Ewropew separat stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[47]. Sabiex tiġi provduta kontinwità tal-produzzjoni u tad-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea, il-programm il-ġdid jenħtieġ li jinkludi wkoll l-attivitajiet koperti mill-Programm Statistiku Ewropew billi jiġi provdut qafas għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea. Il-Programm jenħtieġ li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju għall-istatistika Ewropea biex tinħareġ statistika ta' kwalità għolja, komparabbli u affidabbli dwar l-Ewropa sabiex tirfed it-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki kollha tal-UE.

(7) Għalhekk huwa xieraq li jiġi stabbilit Programm għas-suq intern, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, u għall-istatistika Ewropea (il-"Programm"). Jenħtieġ li l-Programm jiġi stabbilit għal tul ta' żmien ta' seba' snin mill-2021 sal-2027.

(8) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa t-tfassil, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tirfed il-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-ħolqien tal-kundizzjonijiet it-tajbin biex jagħti s-setgħa lill-atturi kollha tas-suq intern: lin-negozji, liċ-ċittadini inklużi l-konsumaturi, lis-soċjetà ċivili u lill-awtoritajiet pubbliċi. Għal dan l-għan, il-Programm jenħtieġ li jimmira li jiżgura l-kompetittività tan-negozji, b'mod partikolari tal-SMEs, iżda wkoll li jappoġġa l-infurzar tal-protezzjoni tal-konsumatur u r-regoli ta' sikurezza u jissensibilizza n-negozji u l-individwi billi jipprovdilhom l-għodod ġusti, l-għarfien u l-kompetenza biex jagħmlu deċiżjonijiet informati u jsaħħaħ il-parteċipazzjoni tagħhom fit-tfassil tal-politiki tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Programm jenħtieġ li jkollu l-għan li jsaħħaħ il-kooperazzjoni regolatorja u amministrattiva, b'mod partikolari permezz tal-iskambju tal-aħjar prattiki, il-bini ta' bażijiet ta' għarfien u kompetenza, inkluż l-użu tal-akkwist pubbliku strateġiku. Il-Programm jenħtieġ ukoll li jappoġġa l-iżvilupp ta' standards internazzjonali ta' kwalità għolja li jirfdu l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Dan jinkludi wkoll l-iffissar ta' standards fil-qasam tar-rappurtar finanzjarju u tal-awditjar, li jikkontribwixxu għat-trasparenza u l-funzjonament tajjeb tas-swieq tal-kapital tal-Unjoni u jtejbu l-protezzjoni tal-investitur. Jenħtieġ li l-Programm jappoġġa t-tfassil tar-regoli u l-iffissar ta' standards ukoll billi jiżgura l-involviment l-aktar wiesa' possibbli tal-partijiet ikkonċernati.

---

47 Ir-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-2017 (ĠU L 39, 9.2.2013, p. 12).

L-objettiv tal-Programm jenħtieġ li jkun ukoll li jappoġġa l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tipprovdi għal livell għoli ta' saħħa għall-bniedem, għall-annimali u għall-pjanti tul il-katina alimentari u t-titjib tal-benessri tal-annimali.

(9) Suq intern modern jippromwovi l-kompetizzjoni u huwa ta' benefiċċju għall-konsumaturi, għan-negozji u għall-impjegati. L-użu aħjar tas-suq intern għas-servizzi li dejjem jevolvi huwa mistenni li jgħin lin-negozji Ewropej joħolqu l-impjiegi u jespandu lil hinn mill-fruntieri tagħhom, joffru għażla usa' ta' servizzi bi prezzijiet aħjar, filwaqt li jżommu standards għoljin għall-konsumaturi u l-ħaddiema. Biex jiksbu dan, il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għat-tneħħija tal-ostakli, u jiżgura qafas regolatorju li jista' jakkomoda mudelli ta' negozju innovattivi ġodda.

(10) L-ostakli regolatorji fuq is-suq intern tneħħew għal ħafna prodotti industrijali permezz ta' mekkaniżmi ta' prevenzjoni, l-adozzjoni ta' regoli komuni u, fejn ma jeżistux dawn it-tipi ta' regoli tal-Unjoni, permezz tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku. Għal ċerti oqsma fejn ma teżistix leġiżlazzjoni tal-Unjoni, il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku jfisser li l-prodotti li huma kummerċjalizzati legalment fi Stat Membru jgawdu d-dritt tal-moviment liberu u jistgħu jinbiegħu fi Stat Membru ieħor. Iżda meta r-rikonoxximent reċiproku ma jiġix applikat kif xieraq, il-kumpaniji jsibuha ferm aktar diffiċli biex jaċċessaw is-swieq fi Stati Membri oħra. Minkejja l-livell għoli ta' integrazzjoni tas-suq fil-qasam tal-prodotti, dan iwassal biex jintilfu l-opportunitajiet għall-ekonomija b'mod ġenerali. Għaldaqstant, il-Programm jenħtieġ li jkollu l-għan li jtejjeb l-applikazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku fil-qasam tal-oġġetti u li jnaqqas l-għadd ta' oġġetti illegali u mhux konformi li jidħlu fis-suq.

(11) L-isfidi regolatorji u ta' infurzar ġodda huma relatati mat-tibdil rapidu fl-ambjent tar-rivoluzzjoni diġitali, fir-rigward ta' kwistjonijiet bħaċ-ċibersigurtà, l-Internet tal-Oġġetti jew l-Intelliġenza Artifiċjali. Jekk issir il-ħsara, ir-regoli stretti dwar is-sikurezza tal-prodotti u r-responsabbiltà għalihom huma essenzjali biex jiġi żgurat rispons politiku li jippermetti liċ-ċittadini Ewropej, inkluż il-konsumaturi u n-negozji li jibbenefikaw minn regoli bħal dawn. Għaldaqstant, il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-adattament u l-infurzar rapidi tal-iskema ta' responsabbiltà għall-prodotti tal-Unjoni li trawwem l-innovazzjoni.

(12) It-tqegħid fis-suq ta' prodotti li mhumiex konformi mad-dritt tal-Unjoni jqiegħed lil dawk li jikkonformaw fi żvantaġġ u jista' jipperikola lill-konsumaturi. Ħafna intraprendituri jinjoraw ir-regoli, jew minħabba nuqqas ta' għarfien, jew apposta, biex jiksbu vantaġġ kompetittiv. Spiss l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq ma jkollhomx fondi biżżejjed u jkunu limitati mill-fruntieri nazzjonali, filwaqt li l-intraprendituri jinnegozjaw fil-livell tal-Unjoni jew saħansitra anki dinji. B'mod partikolari, fil-każ tal-kummerċ elettroniku, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq isibuha ferm diffiċli biex jittraċċaw prodotti mhux konformi li jiġu importati minn pajjiżi terzi u biex jidentifikaw l-entità responsabbli fi ħdan il-ġurisdizzjoni tagħhom. Għaldaqstant, il-Programm jenħtieġ li jsaħħaħ il-konformità tal-prodotti billi jipprovdi l-inċentivi t-tajba lill-intraprendituri, isaħħaħ il-kontrolli tal-konformità u jippromwovi l-kooperazzjoni transfruntiera msaħħa fost l-awtoritajiet tal-infurzar. Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi wkoll għall-konsolidazzjoni tal-qafas eżistenti għall-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq, iħeġġeġ azzjonijiet konġunti tal-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq minn Stati Membri differenti, itejjeb l-iskambju ta' informazzjoni u jippromwovi l-konverġenza u integrazzjoni aktar mill-qrib tal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq.

(13) Is-sikurezza tal-prodotti hija tħassib komuni. Il-korpi li jivvalutaw il-konformità jivverifikaw jekk il-prodotti jissodisfawx ir-rekwiżiti tas-sikurezza qabel jitqiegħdu fis-suq. Għaldaqstant huwa importanti ferm li l-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità jkunu affidabbli u kompetenti. L-Unjoni daħħlet sistema ta' akkreditament tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità, li tivverifika l-kompetenza, l-imparzjalità u l-indipendenza tagħhom. Issa l-isfida ewlenija hi li

tinżamm is-sistema ta' akkreditament allinjata mal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u li jkun żgurat li tiġi applikata bl-istess mod strett fl-Unjoni kollha. Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-miżuri biex jiżgura li l-korpi li jivvalutaw il-konformità jkomplu jissodisfaw ir-rekwiżiti regolatorji u biex tissaħħaħ is-sistema ta' akkreditament Ewropea, b'mod partikolari f'oqsma ġodda tal-politika, billi tiġi appoġġata l-kooperazzjoni Ewropea għall-Akkreditament msemmija fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[48].

(14) Barra minn hekk, peress li s-swieq tal-konsumaturi ma għandhomx fruntieri bl-iżvilupp tal-kummerċ online u s-servizzi tal-ivvjaġġar, huwa importanti li jkun żgurat li l-konsumaturi residenti fl-Unjoni jistgħu jibbenefikaw minn protezzjoni adegwata meta jimportaw oġġetti u servizzi mingħand operaturi ekonomiċi bbażati f'pajjiżi terzi. Għalhekk il-Programm jenħtieġ li jippermetti li tiġi appoġġata l-kooperazzjoni mal-korpi rilevanti li jinsabu f'pajjiżi terzi sħab kummerċjali ewlenin tal-Unjoni fejn meħtieġ.

(15) L-akkwist pubbliku jintuża mill-awtoritajiet pubbliċi biex jiżguraw valur għall-flejjes pubbliċi minfuqa u biex jikkontribwixxu għal suq intern aktar innovattiv, sostenibbli, inklużiv u kompetittiv. Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[49], id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[50] u d-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[51] jipprovdu l-qafas legali għall-integrazzjoni u l-funzjonament effettiv tas-swieq tal-akkwist pubbliku li jirrappreżentaw 14 % tal-prodott domestiku gross tal-Unjoni, għall-benefiċċju tal-awtoritajiet pubbliċi, tan-negozji kif ukoll taċ-ċittadini, inkluż l-konsumaturi. Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa miżuri li jiżguraw adozzjoni usa' tal-akkwist pubbliku strateġiku, il-professjonalizzazzjoni ta' xerrejja pubbliċi, aċċess imtejjeb għas-swieq tal-akkwist għall-SMEs, aktar trasparenza, integrità u data mtejba, it-titjib tat-trasformazzjoni diġitali tal-akkwist u l-promozzjoni ta' akkwist konġunt, permezz tat-tisħiħ tal-approċċ ta' sħubija mal-Istati Membri, it-titjib tal-ġbir tad-data u tal-analiżi tad-data, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' għodod tal-IT iddedikati, l-appoġġ għall-iskambju ta' esperjenzi u prattiki tajbin, l-għoti ta' gwida, it-tiftix ta' ftehimiet kummerċjali ta' benefiċċju, it-tisħiħ tal-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali u t-tnedija ta' proġetti pilota.

(16) Sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Programm u biex jiġu ffaċilitati l-ħajjiet tan-negozji u taċ-ċittadini, iridu jiġu stabbiliti servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja ċċentrati fuq l-utent. Dan jimplika li l-amministrazzjonijiet pubbliċi se jkollhom jibdew jaħdmu b'modi ġodda, iwaqqgħu s-sajlos bejn il-partijiet differenti tal-amministrazzjonijiet tagħhom, u jinvolvu ruħhom fil-ħolqien konġunt ta' dawn is-servizzi pubbliċi maċ-ċittadini u man-negozji. Barra minn hekk, iż-żieda kontinwa u kostanti tal-attivitajiet transfruntiera fis-suq intern tirrikjedi l-provvediment ta' informazzjoni aġġornata dwar id-drittijiet tan-negozji u taċ-ċittadini, iżda wkoll informazzjoni li tispjega l-formalitajiet amministrattivi. Isir ukoll essenzjali li jingħataw pariri legali u għajnuna biex jissolvew problemi li jinqalgħu bejn il-fruntieri. Minbarra dan, huwa

[48] Ir-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

[49] Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1).

[50] Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

[51] Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

meħtieġ li ssir konnessjoni sempliċi u effiċjenti bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali kif ukoll li jiġi evalwat kif is-suq intern jaħdem fuq il-post. Għalhekk il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-għodod eżistenti ta' governanza tas-suq intern, jiġifieri: il-Portal l-Ewropa Tiegħek li jenħtieġ li jkun is-sinsla tal-Portal Diġitali Uniku li ġej, il-Pariri tal-Ewropa Tiegħek, SOLVIT, is-sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern u t-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku biex titjieb il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini u l-kapaċità tan-negozji li jinnegozjaw bejn il-fruntieri.

(17) Jenħtieġ li l-Programm jappoġġa l-iżvilupp tal-qafas regolatorju tal-Unjoni fil-qasam tad-dritt soċjetarju u l-governanza korporattiva, kif ukoll il-liġi kuntrattwali, bl-għan li n-negozju jsir aktar effiċjenti u kompetittiv filwaqt li tingħata protezzjoni lill-partijiet ikkonċernati affettwati mill-operazzjonijiet tal-kumpaniji, u li jkun hemm reazzjoni għall-isfidi ta' politiki emerġenti. Jenħtieġ ukoll li jiżgura evalwazzjoni, implimentazzjoni u infurzar xierqa tal-*acquis* rilevanti, jinforma u jassisti lill-partijiet ikkonċernati u jippromwovi l-iskambju ta' informazzjoni fil-qasam. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa aktar l-inizjattivi tal-Kummissjoni favur qafas legali ċar u adattat għall-ekonomija tad-data u għall-innovazzjoni. Dawk l-inizjattivi huma neċessarji biex tissaħħaħ iċ-ċertezza tad-dritt fir-rigward tal-liġi kuntrattwali u extra kuntrattwali, b'mod partikolari fir-rigward tar-responsabbiltà u l-etika fil-kuntest tat-teknoloġiji emerġenti, bħal pereżempju l-internet tal-oġġetti, l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika, l-istampar 3D. Il-Programm jenħtieġ li jkollu l-għan li jiġi stimulat l-iżvilupp tan-negozju mmexxi mid-data, minħabba li dan se jkun deċiżiv għall-pożizzjoni tal-ekonomija tal-Unjoni f'kompetizzjoni dinjija.

(18) Jenħtieġ li l-Programm jippromwovi wkoll l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni korretti u sħaħ tal-qafas legali tal-Unjoni għall-finanzjament kontra l-ħasil tal-flus u kontra t-terroriżmu mill-Istati Membri u l-iżvilupp ta' politiki futuri biex jiġu indirizzati sfidi ġodda fil-qasam. Jenħtieġ li jappoġġa wkoll l-attivitajiet rilevanti tal-organizzazzjonijiet internazzjonali ta' interess Ewropew, bħal pereżempju l-Kumitat ta' Esperti dwar l-Evalwazzjoni ta' Miżuri Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu tal-Kunsill tal-Ewropa.

(19) L-implimentazzjoni u l-iżvilupp tas-suq intern fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, l-istabbiltà finanzjarja u l-unjoni tas-swieq tal-kapital inklużi l-finanzi sostenibbli, jiddependu ħafna mill-miżuri ta' politika li tieħu l-Unjoni bbażati fuq l-evidenza. Biex jinkiseb dan l-objettiv, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha rwol attiv fil-monitoraġġ kontinwu tas-swieq finanzjarji u tal-istabbiltà finanzjarja, fil-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni mill-Istati Membri, fil-valutazzjoni ta' jekk il-leġiżlazzjoni eżistenti hijiex idonea għall-iskop tagħha u fl-identifikazzjoni tal-oqsma potenzjali ta' azzjoni fejn jitfaċċaw riskji ġodda, bl-involviment kontinwu tal-partijiet ikkonċernati matul iċ-ċiklu tal-politika. Attivitajiet bħal dawn jiddependu fuq il-produzzjoni ta' analiżijiet, studji, materjal ta' taħriġ, stħarriġ, valutazzjonijiet ta' konformità, evalwazzjonijiet u statistika u huma appoġġati minn sistemi tal-IT u għodod ta' komunikazzjoni.

(20) Peress li s-suq intern kif stipulat fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jinkludi sistema li tiżgura li l-kompetizzjoni ma tkunx imxekkla, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-politika dwar il-kompetizzjoni tal-Unjoni, in-netwerks u l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali u l-qrati kif ukoll jilħaq grupp usa' ta' partijiet ikkonċernati fil-komunikazzjoni u l-ispjegazzjoni tad-drittijiet, l-benefiċċji u l-obbligi tal-politika dwar il-kompetizzjoni tal-Unjoni.

(21) B'mod partikolari l-Programm irid jindirizza l-implikazzjonijiet radikali għall-kompetizzjoni u l-funzjonament tas-suq intern li jirriżultaw mit-trasformazzjoni kontinwa tal-ekonomija u tal-ambjent tan-negozju, b'mod partikolari permezz tat-tkabbir esponenzjali u l-użu tad-data, waqt li jiġi kkunsidrat l-użu dejjem jikber tal-Intelliġenza Artifiċjali u ta' għodod oħrajn u l-għarfien espert tal-IT mill-kumpaniji u l-konsulenti tagħhom. Huwa wkoll essenzjali li l-Programm jappoġġa n-netwerks u l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet u l-qrati tal-Istati Membri, minħabba li

l-kompetizzjoni mhux imxekkla u l-funzjonament tas-suq intern jiddependu ferm mill-azzjoni ta' dawn l-entitajiet. Fid-dawl tar-rwol partikolari tal-politika dwar il-kompetizzjoni fil-prevenzjoni tal-ħsara lis-suq intern li tirriżulta mill-imġiba antikompetittiva lil hinn mill-fruntieri tal-Unjoni, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa wkoll il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, kif xieraq. Finalment, it-twessigħ tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni huwa meħtieġ sabiex jippermetti li aktar ċittadini u negozji jiksbu l-benefiċċji sħaħ ta' kompetizzjoni ġusta fis-suq intern. Minħabba li għadd ta' inizjattivi fil-Programm huma ġodda u li l-parti tal-kompetizzjoni tal-Programm hija partikolarment affettwata mill-iżviluppi dinamiċi fil-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq intern, l-aktar f'dak li jirrigwarda l-Intelliġenza Artifiċjali, l-algoritmi, il-big data, iċ-ċibersigurtà u t-teknoloġija forensika, li l-pass u d-daqs tagħhom huma diffiċli li jiġu stmati, huwa antiċipat li se tkun meħtieġa flessibbiltà biex jiġu ffaċċjati l-ħtiġijiet li qed jevolvu taħt din il-parti tal-Programm.

(22) Huwa importanti ferm li tissaħħaħ il-kompetittività tal-impriżi Ewropej waqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi effettivi u suq intern miftuħ u kompetittiv. L-SMEs huma l-mutur tal-ekonomija Ewropea li jirrappreżentaw 99 % tan-negozji kollha fl-Ewropa, jipprovdu żewġ terzi tal-impjiegi u jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-ħolqien ta' impjiegi ġodda b'dimensjoni reġjonali u lokali.

(23) L-SMEs jikkondividu sfidi komuni li ma jaffettwawx ditti akbar bl-istess mod biex jiksbu finanzjament, biex isibu forza tax-xogħol bl-aqwa ħiliet, biex itaffu l-piż amministrattiv, biex jadottaw il-kreattività u l-innovazzjoni, biex jaċċessaw is-swieq u biex irawmu attivitajiet ta' internazzjonalizzazzjoni. Jenħtieġ li l-Programm jindirizza t-tali fallimenti tas-suq b'mod proporzjonat, filwaqt li ma jfixkilx il-kompetizzjoni fis-suq intern bla bżonn.

(24) Ħafna mill-problemi tal-kompetittività tal-Unjoni jinvolvu diffikultajiet tal-SMEs biex jiksbu l-aċċess għall-finanzi minħabba li jitħabtu biex juru l-valur tal-kreditu tagħhom u ma jkollhomx biżżejjed kollateral. Sfidi addizzjonali ta' finanzjament jirriżultaw mill-ħtieġa tal-SMEs li jibqgħu kompetittivi billi jinvolvu ruħhom eż. fl-attivitajiet ta' diġitalizzazzjoni, internazzjonalizzazzjoni u innovazzjoni u jtejbu l-ħiliet tal-forza tax-xogħol tagħhom. L-aċċess limitat għall-finanzjament għandu effett negattiv fuq il-ħolqien, it-tkabbir u r-rati ta' sopravivenza tan-negozji, kif ukoll fuq ir-rieda ta' intraprendituri ġodda li jidħlu responsabbli għal kumpaniji vijabbli fil-kuntest ta' suċċessjoni ta' negozju.

(25) Sabiex jingħelbu dawn il-fallimenti tas-suq u biex tiġi żgurat li l-SMEs ikomplu jaqdu r-rwol tagħhom bħala l-pedament tal-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jeħtieġu aktar appoġġ permezz ta' strumenti ta' dejn u ta' ekwità li jridu jiġu stabbiliti taħt it-tieqa għall-SMEs tal-Fond InvestEU stabbilit fir-Regolament [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[52]. Il-faċilità tal-garanzija għal self stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 1287/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[53] uriet li għandha valur miżjud u hija mistennija li tagħti kontribut pożittiv għal mill-inqas 500 000 SME; se jiġi stabbilit suċċessur taħt it-tieqa għall-SMEs tal-Fond InvestEU.

(26) L-objettivi ta' politika ta' dan il-Programm se jiġu indirizzati wkoll permezz ta' strumenti finanzjarji u garanzija baġitarja bħala parti mit-tieqa għall-SMEs tal-Fond InvestEU. L-appoġġ finanzjarju jenħtieġ li jintuża sabiex nuqqasijiet tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment mhux ottimali jiġu indirizzati b'mod proporzjonat, filwaqt li l-azzjonijiet jenħtieġ li ma

52 COM(2018) 439 final

53 Ir-Regolament (UE) Nru 1287/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u għall-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (COSME) (2014 - 2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 33).

jiddupplikawx jew ma jeskludux il-finanzjament privat, jew ifixklu l-kompetizzjoni fis-suq intern. L-azzjonijiet jenħtieġ li jkollhom valur miżjud Ewropew ċar.

(27) Il-Programm jenħtieġ li jipprovdi appoġġ effettiv għall-SMEs tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom. Jenħtieġ li jibni fuq l-għarfien u l-kompetenza esperta uniċi żviluppati fir-rigward tal-SMEs u s-setturi industrijali u fuq esperjenza twila ta' ħidma ma' partijiet ikkonċernati Ewropej, nazzjonali u reġjonali. Dan l-appoġġ jenħtieġ li jibni fuq l-esperjenza ta' suċċess tan-Netwerk Enterprise Europe bħala punt uniku ta' servizz biex tittejjeb il-kompetittività tal-SMEs u jiġi żviluppat in-negozju tagħhom fis-Suq Uniku u lil hinn minnu. In-Netwerk qed jippjana li jkompli jagħti servizzi f'isem programmi oħra tal-Unjoni bħall-programm Orizzont 2020, permezz tar-riżorsi finanzjarji ta' dawn il-programmi. L-iskema ta' mentoraġġ għall-intraprendituri ġodda jenħtieġ li tibqa' l-għodda biex tgħin lill-intraprendituri ġodda jew aspiranti jiksbu esperjenza ta' negozju billi tlaqqagħhom ma' intraprenditur tal-esperjenza minn pajjiż ieħor u b'hekk tippermettilhom isaħħu t-talenti intraprenditorjali tagħhom. Il-Programm jenħtieġ li jkompli jagħmel ħiltu biex jikber u jestendi l-kopertura ġeografika tiegħu u b'hekk joffri firxa usa' ta' possibilitajiet ta' tqabbil lill-intraprendituri f'komplementarjetà ma inizjattivi oħra tal-Unjoni fejn rilevanti.

(28) Ir-raggruppamenti huma għodda strateġika għall-appoġġ tal-kompetittività u t-tkabbir tal-SMEs minħabba li joffru ambjenti tan-negozju favorevoli. L-Inizjattivi ta' Raggruppamenti Konġunti jenħtieġ li jiksbu massa kritika biex jitħaffef it-tkabbir tal-SMEs. Permezz tal-konnessjoni ta' ekosistemi speċjalizzati, ir-raggruppamenti joħolqu opportunitajiet tan-negozju ġodda għall-SMEs u jintegrawhom aħjar fil-ktajjen ta' valur strateġiċi Ewropej u dinjija. Jenħtieġ li jiġi provdut appoġġ għall-iżvilupp ta' strateġiji ta' sħubija transnazzjonali u għall-implimentazzjoni ta' attivitajiet konġunti, appoġġati mill-Pjattaforma Ewropea għall-Kollaborazzjoni bejn ir-Raggruppamenti. Jenħtieġ li titħeġġeġ is-sħubija sostenibbli b'finanzjament kontinwu jekk jintlaħqu l-miri ta' prestazzjoni u parteċipazzjoni. L-appoġġ dirett għall-SMEs jenħtieġ li jgħaddi mill-organizzazzjonijiet tar-raggruppamenti għal dan li ġej: l-adozzjoni ta' teknoloġiji avvanzati, mudelli ta' negozju ġodda, soluzzjonijiet b'użu baxx ta' karbonju u użu effiċjenti tar-riżorsi, il-kreattività u t-tfassil, l-aġġornament tal-ħiliet, l-attrazzjoni tat-talent, l-aċċellerazzjoni tal-intraprenditorija u l-internazzjonalizzazzjoni. Atturi ta' appoġġ għall-SMEs speċjalizzati oħra jenħtieġ li jiġu assoċjati biex tiġi ffaċilitata t-trasformazzjoni industrijali u l-implimentazzjonijiet ta' strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti. Għalhekk il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għat-tkabbir u jibni rabtiet maċ-ċentri ta' innovazzjoni (diġitali) tal-Unjoni u mal-investimenti taħt il-Politika ta' Koeżjoni u Orizzont Ewropa. Jistgħu wkoll jiġu esplorati s-sinerġiji mal-programm Erasmus.

(29) Il-kreattività u l-innovazzjoni huma kruċjali għall-kompetittività tal-ktajjen tal-valur industrijali tal-Unjoni. Dawn jirrappreżentaw katalizzaturi għall-modernizzazzjoni industrijali u jikkontribwixxu għat-tkabbir intelliġenti, inklużiv u sostenibbli. Madankollu, l-adozzjoni mill-SMEs għadha lura. Għalhekk il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-azzjonijiet immirati, in-netwerks u s-sħubiji għall-innovazzjoni mmexxija mill-kreattività tul il-katina tal-valur industrijali.

(30) L-istandards Ewropej għandhom rwol importanti fis-suq intern. Huma ta' interess vitali għall-kompetittività tal-impriżi, u speċjalment tal-SMEs. Huma wkoll għodda kruċjali biex jappoġġaw il-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-Unjoni f'għadd ta' oqsma ewlenin bħall-enerġija, it-tibdil fil-klima, it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, l-użu sostenibbli tar-riżorsi, l-innovazzjoni, is-sikurezza tal-prodotti, il-protezzjoni tal-konsumatur, is-sikurezza u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema u l-popolazzjoni li qed tixjiħ, u b'hekk jikkontribwixxu għas-soċjetà kollha.

(31) L-attivitajiet Ewropej ta’ standardizzazzjoni huma rregolati mir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[54] u implimentati permezz ta’ Sħubija-Pubblika-Privata fit-tul li hija fundamentali biex jinkisbu l-objettivi stabbiliti f’dak ir-Regolament kif ukoll fil-politiki tal-Unjoni ta’ standardizzazzjoni ġenerali u settorjali.

(32) Qafas ta’ rappurtar finanzjarju komuni li jaħdem sew huwa essenzjali għas-suq intern, għall-funzjonament effikaċi tas-swieq tal-kapital u għall-ħolqien ta’ suq integrat għas-servizzi finanzjarji fil-kuntest tal-Unjoni tas-Swieq tal-Kapital.

(33) F’konformità mar-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [55], l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) adottati mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà u l-interpretazzjonijiet relatati mill-Kumitat tal-Interpretazzjonijiet tal-IFRS iridu jiġu inkorporati fid-dritt tal-Unjoni sabiex jiġu applikati mill-kumpaniji b’titoli elenkati f’suq regolat fl-Unjoni, biss jekk l-IFRS jissodisfaw il-kriterji stabbiliti f’dak ir-Regolament, inkluż ir-rekwiżit li l-kontijiet jagħtu “stampa vera u ġusta” kif stabbilit fl-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[56] u jekk iwasslu għall-ġid pubbliku Ewropew. Tali standards internazzjonali tal-kontabbiltà jridu jiġu żviluppati fi proċess trasparenti u demokratikament responsabbli. L-IFRS, għalhekk, għandhom rwol ewlieni fil-funzjonament tas-suq intern u għaldaqstant l-Unjoni għandha interess dirett li tiżgura li l-proċess li permezz tiegħu l-IFRS jiġu żviluppati u approvati jirriżulta fi standards li jkunu konsistenti mar-rekwiżiti tal-qafas ġuridiku tas-suq intern. Għalhekk huwa importanti li jiġu stabbiliti arranġamenti ta’ finanzjament xierqa għall-Fondazzjoni tal-IFRS.

(34) B’kont meħud tar-rwol tal-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju (EFRAG) li jivvaluta jekk l-IFRS jikkonformawx mar-rekwiżit tal-liġi u l-politika tal-Unjoni dwar il-kumpaniji, kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1606/2002, huwa meħtieġ ukoll li l-Unjoni tiżgura finanzjament stabbli għall-EFRAG u għalhekk tikkontribwixxi għall-finanzjament tiegħu. Ix-xogħol tekniku tal-EFRAG jenħtieġ li jkun iffukat fuq l-għoti ta’ pariri tekniċi lill-Kummissjoni dwar l-approvazzjoni tal-IFRS, kif ukoll dwar il-parteċipazzjoni xierqa fil-proċess ta’ żvilupp ta’ tali IFRS, u għandu jiżgura li l-interessi tal-Unjoni jitqiesu b’mod adegwat fil-proċess tal-iffissar ta’ standards internazzjonali. Dawk l-interessi jenħtieġ li jinkludu l-kunċett ta’ “prudenza” u ż-żamma tar-rekwiżit dwar “stampa vera u ġusta” kif stabbilit fid-Direttiva 2013/34/UE, u tal-ġid pubbliku Ewropew kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 1606/2002, filwaqt li jitqies l-impatt tal-IFRS fuq l-istabbiltà finanzjarja u l-ekonomija. Jenħtieġ li jiġi stabbilit ukoll Laboratorju ta’ Rappurtar Korporattiv Ewropew bħala parti mill-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju (EFRAG), li jippromwovi l-innovazzjoni u l-iżvilupp tal-aqwa prattiki fir-rappurtar korporattiv, bħall-kontabbiltà ambjentali. F’dan il-forum, il-kumpaniji u l-investituri jistgħu jikkondividu l-aħjar prattiki b’mod partikolari fil-qasam tar-rappurtar mhux finanzjarju u dwar is-sostenibbiltà.

---

54 Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

55 Ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta’ standards internazzjonali tal-kontabilità (ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1).

56 Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta’ ċerti tipi ta’ impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

(35) Fil-qasam tal-awditjar statutorju, il-Bord tas-Sorveljanza tal-Interess Pubbliku (PIOB) inħoloq fl-2005 mill-Grupp ta' Monitoraġġ, organizzazzjoni internazzjonali responsabbli mill-monitoraġġ tar-riforma tal-governanza tal-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC). L-irwol tal-PIOB huwa li jissorvelja l-proċess li jwassal għall-adozzjoni tal-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar (ISAs) u attivitajiet oħra ta' interess pubbliku tal-IFAC. Huwa possibbli li l-ISAs jiġu adottati għall-applikazzjoni tagħhom fl-Unjoni dment li, b'mod partikolari, ikunu ġew żviluppati bi proċess, sorveljanza pubblika u trasparenza dovuti, kif meħtieġ mill-Artikolu 26 tad-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[57]. Fid-dawl tal-introduzzjoni tal-ISAs fl-Unjoni u r-rwol ewlieni tal-PIOB biex jiġi żgurat li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2006/43/KE, huwa importanti li jiġu żgurati arranġamenti xierqa ta' finanzjament għall-PIOB.

(36) L-Unjoni tikkontribwixxi biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, tagħti s-setgħa lill-konsumaturi u tqiegħdhom fil-qalba tas-suq intern billi tappoġġa u tikkumplimenta l-politiki tal-Istati Membri b'mod li tiżgura li meta jaġixxu bħala konsumaturi ċ-ċittadini jkunu jistgħu jgawdu b'mod sħiħ il-benefiċċji tas-suq intern u li, b'hekk, is-sikurezza u l-interessi legali u ekonomiċi tagħhom jiġu protetti sew permezz ta' azzjonijiet konkreti. L-Unjoni trid tiżgura wkoll li l-liġijiet dwar il-konsumatur u s-sikurezza tal-prodotti jkunu infurzati kif xieraq u b'mod ugwali fuq il-post u li n-negozji jgawdu kundizzjonijiet ekwi b'kompetizzjoni ġusta fis-suq intern. Barra minn hekk, huwa meħtieġ li tingħata s-setgħa lill-konsumaturi u jiġu mħeġġa u assistiti biex jagħmlu għażliet sostenibbli, u b'hekk ikunu qed jikkontribwixxu għal ekonomija ċirkolari, sostenibbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija u tar-riżorsi.

(37) Il-Programm jenħtieġ li jkollu l-għan li jissensibilizza l-konsumaturi, in-negozji, is-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet rigward il-liġijiet tal-Unjoni dwar il-konsumatur u s-sikurezza u li jagħti s-setgħa lill-konsumaturi u lill-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-Unjoni l-aktar billi jappoġġa lill-*Bureau Européen des Unions de Consommateurs* (BEUC - Uffiċċju Ewropew tal-Għaqdiet tal-Konsumaturi) li huwa NGO li ilha stabbilita u rikonoxxuta għal żmien twil u li tħares l-interessi tal-konsumaturi b'rabta mal-politiki kollha tal-UE, u lill-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Koordinazzjoni tar-Rappreżentanza tal-Konsumaturi fl-Istandardizzazzjoni (ANEC) li tirrappreżenta l-interess tal-konsumaturi b'rabta ma' kwistjonijiet ta' standardizzazzjoni. Waqt li jsir dan, jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-ħtiġijiet ġodda tas-suq rigward il-promozzjoni ta' konsum sostenibbli u l-prevenzjoni ta' vulnerabbiltajiet kif ukoll sfidi maħluqa mid-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija jew l-iżvilupp ta' tendenzi ta' konsum u mudelli ta' negozju ġodda. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-iżvilupp ta' informazzjoni rilevanti dwar is-swieq, l-isfidi politiċi, kwistjonijiet u mġiba emerġenti, u l-pubblikazzjoni tat-tabelli ta' valutazzjoni tal-konsumatur tal-Unjoni.

(38) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, inkluż dawk responsabbli għall-monitoraġġ tas-sikurezza tal-prodotti, li jikkooperaw b'mod partikolari permezz tas-sistema ta' twissija rapida tal-Unjoni għall-prodotti perikolużi. Jenħtieġ li jappoġġa wkoll l-infurzar tad-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[58] u r-Regolament (KE) Nru 765/2008 dwar il-protezzjoni tal-konsumatur u s-sikurezza tal-prodotti, u n-netwerk ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur u l-kooperazzjoni internazzjonali bejn l-awtoritajiet rilevanti fil-pajjiż terzi u fl-Unjoni. Il-programm jenħtieġ ukoll li jkollu l-għan li jiżgura aċċess għall-konsumaturi u n-negozjanti kollha għal riżoluzzjoni

57 Id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 87).

58 Id-Direttiva Nru 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4).

ta' tilwim barra l-qorti u għal riżoluzzjoni ta' tilwim online ta' kwalità u għal informazzjoni dwar il-possibilitajiet ta' rimedju.

(39) In-Netwerk taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi qed jgħin lill-konsumaturi jiksbu l-benefiċċju tad-drittijiet tal-konsumatur tal-Unjoni meta jixtru oġġetti u servizzi bejn il-fruntieri fis-Suq Intern u fiż-ŻEE, kemm online kif ukoll meta jkunu qed jivvjaġġaw. In-netwerk li jikkonsisti fi 30 ċentru u li ilu ffinanzjat b'mod konġunt mill-programmi tal-Unjoni għall-konsumaturi għal aktar minn 10 snin wera l-valur miżjud tiegħu biex isaħħaħ il-fiduċja tal-konsumaturi u tan-negozjanti fis-Suq Intern. Huwa jindirizza t-talbiet ta' aktar minn 100 000 konsumatur fis-sena u jilħaq miljuni ta' ċittadini permezz tal-attivitajiet ta' informazzjoni tiegħu fuq il-ġurnali u online. Huwa wieħed mill-aktar netwerks ta' assistenza liċ-ċittadini apprezzati tal-Unjoni u ħafna miċ-ċentri tiegħu jospitaw punti ta' kuntatt għal-liġi dwar is-suq intern bħad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[59] u l-evalwazzjoni tiegħu tenfasizza l-importanza li jkompli jopera. In-netwerk għandu wkoll l-intenzjoni li jiżviluppa arranġamenti ta' reċiproċità ma' korpi simili f'pajjiżi terzi.

(40) Il-kontroll tal-idoneità tal-liġi tal-Unjoni dwar il-konsumatur u l-kummerċjalizzazzjoni li sar mill-Kummissjoni f'Mejju 2017 wera l-ħtieġa li r-regoli jiġu infurzati aħjar u li jiġi ffaċilitat ir-rimedju meta l-konsumaturi jġarrbu ħsara minħabba ksur tal-liġijiet dwar il-konsumatur. B'riżultat ta' dan il-Kummissjoni adottat "Patt ġdid għall-Konsumaturi" f'April 2018 sabiex tiżgura, fost l-oħrajn, trattament ugwali għall-konsumaturi fis-suq intern b'rabta mal-istandards ta' kwalità doppja, kapaċitajiet ta' infurzar aqwa tal-Istati Membri, sikurezza tal-prodotti mtejba, kooperazzjoni internazzjonali msaħħa u possibilitajiet ġodda ta' rimedju l-aktar permezz ta' azzjonijiet rappreżentattivi minn entitajiet kwalifikati. Il-Programm jenħtieġ li jkollu l-għan li jappoġġa din l-inizjattiva permezz tas-sensibilizzazzjoni u l-bini tal-għarfien, il-bini tal-kapaċità u l-iskambju tal-aħjar prattiki tal-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tal-konsumatur, in-netwerking u l-iżvilupp tal-intelliġenza tas-suq, billi jsaħħaħ fost l-oħrajn il-bażi tal-evidenza dwar il-funzjonament tas-suq intern għall-konsumaturi, is-sistemi tal-IT u l-għodod ta' komunikazzjoni.

(41) Iċ-ċittadini huma partikolarment affettwati mill-funzjonament tas-swieq tas-servizzi finanzjarji. Dawn huma komponent ewlieni tas-suq intern u jirrikjedu qafas solidu għar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni li jiżgura mhux biss stabbiltà finanzjarja u ekonomija sostenibbli, iżda jipprovdi wkoll livell għoli ta' ħarsien lill-konsumaturi u lil utenti aħħarin oħrajn tas-servizzi finanzjarji, inklużi l-investituri individwali, dawk li jfaddlu, id-detenturi tal-poloz ta' assigurazzjoni, il-membri u l-benefiċjarji ta' fondi ta' pensjoni, l-azzjonisti individwali, il-mutwatarji u l-SMEs. Huwa importanti li titjieb il-kapaċità tagħhom li jipparteċipaw fit-tfassil ta' politiki għas-settur finanzjarju.

(42) Għaldaqstant il-Programm jenħtieġ li jkompli jappoġġa l-attivitajiet speċifiċi koperti mill-Programm tal-Bini tal-Kapaċità 2017-2020 filwaqt li isaħħaħ l-involviment tal-konsumaturi u utenti aħħarin oħrajn tas-servizzi finanzjarji fit-tfassil tal-politika tal-Unjoni, kif stipulat fir-Regolament (UE) Nru 2017/826 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[60] li kompla l-programm pilota u l-azzjoni preparatorja tas-snin 2012-2017. Dan huwa meħtieġ biex jipprovdi lil dawk li jfasslu l-politika b'opinjonijiet mill-partijiet ikkonċernati apparti professjonisti tas-settur finanzjarju u jiżgura rappreżentanza aħjar tal-interessi tal-konsumaturi u ta' utenti aħħarin

59 Id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36).

60 Ir-Regolament (UE) 2017/826 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment ta' programm tal-Unjoni biex jappoġġa attivitajiet speċifiċi li jsaħħu l-involviment tal-konsumaturi u utenti aħħarin oħrajn tas-servizzi finanzjarji fit-tfassil tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji għall-perjodu 2017-2020 (ĠU L 129, 19.5.2017, p. 17).

oħrajn tas-servizzi finanzjarji. Dan huwa mistenni li jwassal għal politiki aqwa għas-servizzi finanzjarji, l-aktar bis-saħħa ta' fehim aqwa mill-pubbliku tal-kwistjonijiet involuti fir-regolamentazzjoni finanzjarja u ta' litteriżmu finanzjarju msaħħaħ.

(43) Bħala parti minn proġett pilota, bejn l-2012 u l-2013, u ta' azzjoni preparatorja, bejn l-2014 u l-2016, il-Kummissjoni tat għotjiet lil żewġ organizzazzjonijiet wara sejħa annwali miftuħa għal proposti. Iż-żewġ organizzazzjonijiet huma Finance Watch, stabbilita b'għotjiet tal-Unjoni fl-2011 bħala assoċjazzjoni internazzjonali mingħajr skop ta' qligħ skont il-liġi Belġjana, u Better Finance, li hija l-prodott ta' riorganizzazzjonijiet u rebranding suċċessivi ta' federazzjonijiet u azzjonisti Ewropej preeżistenti sa mill-2009. Il-Programm tal-Bini tal-Kapaċità stabbilit taħt ir-Regolament (UE) Nru 2017/826, jidentifika dawn l-istess żewġ organizzazzjonijiet bħala l-uniċi benefiċjarji. Għalhekk huwa meħtieġ li jitkompla l-kofinanzjament ta' dawn l-organizzazzjonijiet bħala parti mill-Programm. Madankollu, dan il-finanzjament jenħtieġ li jkun soġġett għal rieżami.

(44) Huwa meħtieġ livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa permezz tal-katina tal-provvista tal-ikel biex is-suq intern ikun jista' jopera b'mod effiċjenti. Katina tal-provvista tal-ikel sikura u sostenibbli hija prerekwiżit għas-soċjetà u għas-suq intern. Il-kriżijiet tas-saħħa transfruntiera u l-biża' dwar l-ikel ifixklu l-funzjonament tas-suq intern billi jillimitaw il-moviment tal-persuni u tal-oġġetti u jfixklu l-produzzjoni.

(45) L-objettiv ġenerali tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-katina alimentari huwa li jikkontribwixxi għal livell għoli ta' saħħa għall-bniedem, għall-annimali u għall-pjanti tul il-katina alimentari, li jappoġġa t-titjib tal-benessri tal-annimali, li jikkontribwixxi għal livell għoli ta' protezzjoni u informazzjoni għall-konsumaturi u livell għoli ta' protezzjoni ambjentali, inkluża l-preservazzjoni tal-bijodiversità, filwaqt li jtejjeb is-sostenibbiltà tal-produzzjonijiet Ewropej tal-ikel u l-għalf, iżid l-istandards tal-kwalità fl-Unjoni kollha, itejjeb il-kompetittività tal-industrija Ewropea tal-ikel u tal-għalf u jiffavorixxi l-ħolqien tal-impjiegi.

(46) Minħabba n-natura speċifika tal-azzjonijiet li jirrigwardaw livell għoli ta' saħħa għall-bniedem, għall-annimali u għall-pjanti tul il-katina alimentari, iridu jiġu stipulati kriterji ta' eliġibbiltà speċjali rigward il-provvista ta' għotjiet u l-użu tal-akkwist pubbliku f'dan ir-Regolament. B'mod partikolari, b'deroga mir-Regolament (UE, Euratom) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[61] (ir-"Regolament Finanzjarju"), bħala eċċezzjoni għall-prinċipju ta' nonretroattività, l-ispejjeż għall-miżuri ta' emerġenza, minħabba n-natura urġenti u mhux prevedibbli tagħhom, jenħtieġ li jkunu eliġibbli u jinkludu wkoll l-ispejjeż imġarrba bħala riżultat ta' okkorrenza suspettata ta' marda jew organiżmu ta' ħsara bil-kundizzjoni li sussegwentement din l-okkorrenza tiġi kkonfermata u nnotifikata lill-Kummissjoni. L-impenji baġitarji korrispondenti u l-pagament tan-nefqa eliġibbli jenħtieġ li jsiru mill-Kummissjoni, wara l-firma tal-impenji legali u wara l-valutazzjoni tat-talbiet għall-ħlas ppreżentati mill-Istati Membri. L-ispejjeż jenħtieġ li jkunu eliġibbli wkoll għall-miżuri ta' protezzjoni meħuda fil-każ ta' theddida diretta għall-istatus tas-saħħa fl-Unjoni b'riżultat tal-okkorrenza jew l-iżvilupp, fit-territorju ta' pajjiż terz, Stat Membru jew pajjiżi u territorji extra-Ewropej ta' ċertu mard tal-annimali u ċerti żoonożi kif ukoll fir-rigward ta' miżuri ta' protezzjoni, jew attivitajiet rilevanti oħra, meħuda b'appoġġ għall-istatus tas-saħħa tal-pjanti fl-Unjoni.

(47) Il-kontrolli uffiċjali li jsiru mill-Istati Membri huma għodda essenzjali biex jiġi vverifikat u ssorveljat li r-rekwiżiti rilevanti tal-Unjoni qed jiġu implimentati, imħarsa u infurzati. L-effettività u l-effiċjenza tas-sistemi ta' kontroll uffiċjali huma vitali sabiex jinżamm livell għoli ta' sikurezza għall-bniedem, għall-annimali u għall-pjanti tul il-katina alimentari filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u tal-benessri tal-annimali. Jenħtieġ li jkun

[61] [żieda]

disponibbli appoġġ finanzjarju tal-Unjoni għal tali miżuri ta' kontroll. B'mod partikolari, jenħtieġ li tkun disponibbli kontribuzzjoni finanzjarja għal-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni sabiex tgħinhom isostnu l-ispejjeż li jinqalgħu minħabba l-implimentazzjoni tal-programmi ta' ħidma approvati mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, billi l-effikaċja tal-kontrolli uffiċjali tiddependi wkoll mid-disponibbiltà għall-awtoritajiet ta' kontroll ta' persunal imħarreġ tajjeb li jkollu konoxxenza adegwata tad-dritt tal-Unjoni, l-Unjoni jenħtieġ li tkun kapaċi tikkontribwixxi għat-taħriġ tagħhom kif ukoll għall-programmi ta' skambju rilevanti organizzati mill-awtoritajiet kompetenti.

(48) Statistika Ewropea ta' kwalità għolja żviluppata, prodotta u disseminata taħt il-Programm Statistiku Ewropew hija essenzjali għat-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza. L-istatistika Ewropea jenħtieġ li tkun disponibbli fil-waqt u jenħtieġ li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni kif rifless fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari governanza ekonomika msaħħa u integrata, il-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali, l-iżvilupp sostenibbli, il-politika agrikola, id-dimensjoni soċjali tal-Ewropa u l-globalizzazzjoni.

(49) L-istatistika Ewropea hija indispensabbli għat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni u għall-kejl tal-prestazzjoni u tal-impatt tal-inizjattivi tal-Unjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġu żgurati l-provvediment u l-iżvilupp kontinwi tal-istatistika Ewropea, li jieħdu approċċ mifrux mal-Unjoni kollha u li jmorru lil hinn minn perspettiva tas-suq intern, sabiex ikopru l-attivitajiet u l-oqsma politiċi kollha tal-Unjoni, inkluż l-għoti tas-setgħa lin-negozji u liċ-ċittadini sabiex jieħdu deċiżjonijiet infurmati.

(50) Minħabba l-karattru orizzontali tiegħu, il-Programm Statistiku Ewropew huwa soġġett għal rekwiżiti speċifiċi u b'mod partikolari dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[62], b'mod partikolari fir-rigward tar-rispett tal-prinċipji tal-istatistika, il-funzjonament tas-sistema Ewropea tal-Istatistika u l-governanza tagħha, inklużi r-rwol u l-kompiti assenjati lill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika u lill-Kummissjoni (EUROSTAT), it-twaqqif u l-implimentazzjoni tal-ipprogrammar tal-attivitajiet ta' statistika.

(51) Il-Programm ġie sottomess għal eżami minn qabel lill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika skont ir-Regolament (KE) Nru 223/2009.

(52) L-Unjoni u l-Istati Membri huma impenjati fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti. Billi jikkontribwixxu biex l-Aġenda 2030 tirnexxi, l-Unjoni u l-Istati Membri se jrawmu Ewropa aktar b'saħħitha, aktar sostenibbli, inklużiva, sikura u prospera. Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, inkluż billi jibbilanċja d-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-iżvilupp sostenibbli.

(53) Filwaqt li jirrifletti l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima b'konformità mal-impenji tal-Unjoni rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima u tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi lejn l-integrazzjoni ta' azzjonijiet klimatiċi u lejn il-kisba ta' mira ġenerali fejn 25 % tal-infiq tal-baġit tal-UE jappoġġa l-objettivi relatati mal-klima. L-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Programm, u se jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u tal-proċessi ta' rieżami rilevanti.

[62] Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

(54) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għall-Programm li jrid jikkostitwixxi l-ammont primarju ta' referenza, fis-sens ta' [*referenza li trid tiġi aġġornata kif xieraq skont il-ftehim interistituzzjonali l-ġdid:* il-punt 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba[63]], għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali.

(55) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea jipprevedi kooperazzjoni fl-oqsma soġġetti għall-Programm bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles li qed jipparteċipaw fiż-Żona Ekonomika Ewropea, min-naħa l-oħra. Jenħtieġ li jsir provvediment biex il-Programm jinfetaħ għall-parteċipazzjoni minn pajjiżi oħra, inklużi l-pajjiżi tal-viċinat tal-Unjoni u pajjiżi li qed japplikaw għal sħubija fl-Unjoni jew li huma kandidati għaliha jew li qegħdin fil-proċess ta' adeżjoni. Barra minn hekk fil-qasam tal-istatistika Ewropea l-Programm jenħtieġ li jkun miftuħ għall-Isvizzera skont il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistika[64].

(56) Il-pajjiżi terzi li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jistgħu jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni fil-qafas tal-kooperazzjoni stabbilita skont il-ftehim ŻEE, li jipprevedi l-implimentazzjoni tal-programmi permezz ta' deċiżjoni skont dak il-ftehim. Il-pajjiżi terzi jistgħu wkoll jipparteċipaw fuq il-bażi ta' strumenti legali oħra. F'dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi introdotta dispożizzjoni speċifika biex jingħataw id-drittijiet meħtieġa għall-aċċess, kif ukoll l-aċċess, lill-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli, lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri sabiex jeżerċitaw il-kompetenzi rispettivi tagħhom b'mod komprensiv.

(57) Ir-Regolament Finanzjarju japplika għal dan il-Programm. Jistabbilixxi regoli dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni, inklużi regoli dwar għotjiet, premjijiet u akkwist pubbliku.

(58) L-azzjonijiet implimentati taħt il-programmi preċedenti u l-linji baġitarji wrew li huma adegwati u jenħtieġ li jinżammu. L-azzjonijiet il-ġodda introdotti taħt dan il-Programm għandhom l-għan li jsaħħu b'mod partikolari s-suq intern li qed jiffunzjona tajjeb. L-azzjonijiet jenħtieġ li jkunu definiti biss f'termini ta' kategoriji globali u ġeneriċi sabiex jipprovdu aktar sempliċità u flessibbiltà fit-twettiq tal-Programm u b'hekk jilħaq l-objettivi tiegħu. Jenħtieġ li jiġu inklużi wkoll fil-Programm listi ta'attivitajiet indikattivi li jikkonċernaw l-objettivi speċifiċi fil-qasam tal-kompetittività, jew attivitajiet speċifiċi li ġejjin mir-rekwiżiti regolatorji, bħal fil-qasam tal-istandardizzazzjoni, ir-regolamentazzjoni tal-katina alimentari u l-Istatistika Ewropea.

(59) Huwa wkoll neċessarju li jiġu definiti ċerti kategoriji ta' entitajiet eliġibbli għall-finanzjament kif ukoll dawk l-entitajiet li jenħtieġ li jkunu eliġibbli għall-finanzjament mingħajr sejħa għal proposti.

(60) B'kunsiderazzjoni tal-interkonnettività tal-ekonomija dinjija li dejjem qiegħda tiżdied, il-Programm jenħtieġ li jkompli jipprovdi l-possibbiltà li jiġu involuti esperti esterni, bħal uffiċjali ta' pajjiżi terzi, rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet internazzjonali jew operaturi ekonomiċi f'ċerti attivitajiet.

---

63 Ir-referenza trid tiġi aġġornata: ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.
Il-ftehim huwa disponibbli fuq: http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32013Q1220(01)

64 ĠU L 90, 28.3.2006, p. 2

(61) Huwa meħtieġ li jiġu indikati kriterji speċjali rigward ir-regoli ta' kofinanzjament u l-ispejjeż eliġibbli.

(62) B'konformità mal-impenn tal-Kummissjoni, stabbilit fil-Komunikazzjoni tagħha tad-19 ta' Ottubru 2010 bl-isem "ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE"[65], u sabiex jiġu previsti l-koerenza u s-simplifikazzjoni tal-programmi ta' finanzjament, ir-riżorsi jenħtieġ li jiġu kondiviżi ma' strumenti oħra ta' finanzjament tal-Unjoni jekk l-azzjonijiet previsti taħt il-Programm ikollhom objettivi li huma komuni għal diversi strumenti ta' finanzjament bl-esklużjoni, madankollu, tal-finanzjament doppju.

(63) Dan il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-appoġġ ġenerali li jindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi u l-integrazzjoni tagħhom fis-suq intern, kif ikkonfermat mill-ġdid reċentement fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Sħubija strateġika aktar b'saħħitha u mġedda mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE"[66].

(64) Il-Programm jenħtieġ li jippromwovi sinerġiji filwaqt li jevita x-xogħol doppju b'rabta mal-programmi u l-azzjonijiet tal-Unjoni relatati. L-azzjonijiet taħt dan il-Programm jenħtieġ li jikkomplementaw lil dawk tal-Programmi Dwana u Fiscalis stabbiliti mir-Regolament (UE) Nru […] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[67] u r-Regolament (UE) Nru […] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[68] li wkoll għandhom l-għan li jappoġġaw u jtejbu l-funzjonament tas-suq intern.

(65) Il-Programm jenħtieġ li jippromwovi sinerġiji u komplementarjetajiet fir-rigward tal-appoġġ għall-SMEs u għall-intraprenditorija taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali stabbilit bir-Regolament (UE) [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[69]. Barra minn hekk, it-tieqa għall-SMEs tal-InvestEU stabbilit bir-Regolament (UE) [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[70] se jiggarantixxi appoġġ għad-dejn u għall-ekwità biex jissaħħu l-aċċess u d-disponibbiltà tal-finanzjament għall-SMEs. Il-Programm jenħtieġ li jfittex ukoll sinerġiji mal-Programm Spazjali stabbilit bir-Regolament (UE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[71] fir-rigward tal-inkoraġġiment tal-SMEs biex jibbenefikaw minn innovazzjoni rivoluzzjonarja u soluzzjonijiet oħrajn żviluppati taħt dawk il-programmi.

(66) Dan il-Programm jenħtieġ li jippromwovi sinerġiji ma' Orizzont Ewropa stabbilit bir-Regolament (UE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[72] li għandu l-għan li jippromwovi r-riċerka u l-innovazzjoni. B'mod partikolari dan jenħtieġ li jikkonċerna l-komplementarjetà mal-azzjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni futur għall-kumpaniji innovattivi, kif ukoll l-appoġġ tas-servizzi għall-SMEs.

(67) Il-Programm jenħtieġ li jippromwovi sinerġiji u komplementarjetajiet fir-rigward tal-Programm Ewropa Diġitali stabbilit bir-Regolament (UE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[73] li għandhom l-għan li jippromwovi d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija u tas-settur pubbliku tal-Unjoni.

(68) Barra minn hekk, il-Programm, jenħtieġ li jfittex sinerġiji mal-Fond għall-Ġustizzja, għad-Drittijiet u għall-Valuri stabbilit bir-Regolament (UE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-

65 COM(2010) 700 final tad-19 ta' Ottubru 2010.
66 COM(2017) 623 final
67 COM(2018) 442 final
68 COM(2018) 443 final
69 COM(2018) 372 final
70 COM(2018) 439 final
71 COM(2018) 447 final
72 COM(2018) 435 final
73 COM(2018) 434 final

Kunsill[74] li għandu l-għan li jappoġġa l-iżvilupp ulterjuri ta' żona Ewropea ta' ġustizzja għall-effettività tas-sistemi nazzjonali tal-ġustizzja, li hija fattur ewlieni li tippermetti ekonomija Ewropea ġusta u kosteffettiva.

(69) Dan il-Programm jenħtieġ li jippromwovi sinerġiji mal-programm Erasmus stabbilit bir-Regolament (UE) Nru […] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[75] u l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea stabbilit bir-Regolament (UE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[76] u l-Fond Soċjali Ewropew Plus stabbilit bir-Regolament (UE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[77] fil-qasam tax-xogħol u l-mobbiltà taż-żgħażagħ li huwa essenzjali għas-suq intern li jiffunzjona tajjeb.

(70) Finalment, l-azzjonijiet dwar il-katina alimentari bħall-miżuri veterinarji u fitosanitarji fil-każ ta' kriżijiet tas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti jistgħu jiġu kkomplementati minn interventi bbażati fis-suq mill-ipprogrammar tal-Politika Agrikola Komuni tal-Unjoni stabbilit bir-Regolament (UE) Nru […] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[78].

(71) Fejn rilevanti l-azzjonijiet tal-Programm jenħtieġ li jintużaw biex jindirizzaw il-fallimenti tas-suq jew is-sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali, b'mod proporzjonat, mingħajr ma jsir duplikazzjoni jew esklużjoni tal-finanzjament privat u jenħtieġ li jkollhom valur miżjud Ewropew ċar.

(72) Is-setgħat ta' implimentazzjoni jenħtieġ li jingħataw lill-Kummissjoni fir-rigward tal-adozzjoni tal-programmi ta' ħidma li jimplimentaw l-azzjonijiet li jikkontribwixxu għal livell għoli ta' saħħa għall-bniedem, għall-annimali u għall-pjanti tul il-katina alimentari. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[79].

(73) It-tipi ta' finanzjament u l-metodi ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li jintgħażlu skont il-ħila tagħhom li jiksbu l-objettivi speċifiċi tal-azzjonijiet u li jagħtu r-riżultati, filwaqt li b'mod partikolari jitqiesu l-ispejjeż tal-kontrolli, il-piż amministrattiv u r-riskju mistenni tan-nuqqas ta' konformità. Dan jenħtieġ li jinkludi l-konsiderazzjoni tal-użu ta' ammonti f'daqqa, rati fissi u spejjeż unitarji, kif ukoll finanzjament mhux marbut mal-ispejjeż kif imsemmi fl-Artikolu 125(1) tar-Regolament Finanzjarju.

(74) Biex ikun żgurat monitoraġġ u rappurtar regolari, jenħtieġ li jiġi stabbilit mill-bidu nett qafas xieraq għall-monitoraġġ tal-azzjonijiet u tar-riżultati tal-Programm. Dawn il-monitoraġġ u r-rappurtar jenħtieġ li jkunu bbażati fuq indikaturi, li jkejlu l-effetti tal-azzjonijiet taħt il-Programm skont linji bażiċi definiti minn qabel.

(75) Skont il-paragrafu 22 u l-paragrafu 23 tal-ftehim Interistituzzjonali għat-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[80], hemm il-ħtieġa li dan il-Programm jiġi evalwat fuq il-bażi ta' informazzjoni miġbura permezz ta' rekwiżiti speċifiċi ta' monitoraġġ, filwaqt li jiġu evitati r-regolamentazzjoni żejda u l-piżijiet amministrattivi, b'mod partikolari għall-Istati Membri. Dawn ir-rekwiżiti, fejn xieraq, jenħtieġ li jinkludu indikaturi li jistgħu jitkejlu, bħala bażi għall-evalwazzjoni tal-effetti tal-Programm fuq il-post.

---

74 COM(2018) 375 final
75 COM(2018) 367 final
76 COM(2018) 322 final, Artikolu 10
77 COM(2018) 382 final
78 COM(2018) 393 final
79 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).
80 ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1

(76) Il-lista ta' mard tal-annimali u żoonożi li jikkwalifikaw għall-finanzjament taħt il-miżuri ta' emerġenza u għall-finanzjament taħt il-programmi ta' eradikazzjoni, kontroll u sorveljanza jenħtieġ li tiġi stabbilita fuq il-bażi tal-mard tal-annimali msemmi fil-Kapitolu 2 tal-Parti I tar-Regolament (UE) Nru 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[81], ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[82] u r-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[83].

(77) Sabiex jitqiesu s-sitwazzjonijiet li huma provokati bil-mard tal-annimali li jkollu impatt sinifikanti fuq il-produzzjoni jew il-kummerċ tal-bhejjem, l-iżvilupp taż-żoonożi li jippreżentaw theddida għall-bniedem, jew l-iżviluppi xjentifiċi jew epidemjoloġiċi ġodda, kif ukoll il-mard tal-annimal li aktarx jikkostitwixxu theddida ġdida għall-Unjoni, jenħtieġ li s-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tingħata lill-Kummissjoni, fir-rigward tal-emenda tal-lista ta' mard tal-annimali u żoonożi. Sabiex tiġi żgurata valutazzjoni effettiva tal-progress tal-Programm lejn il-kisba tal-objettivi tiegħu, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat tal-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tar-rieżami jew biex jiġu komplementati l-indikaturi għall-kejl tal-kisba tal-objettivi speċifiċi fejn jitqies meħtieġ u biex jiġi supplimentat dan ir-Regolament b'dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni. Huwa partikolarment importanti li waqt il-ħidma preparatorja tagħha l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawn il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tkun żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin bħall-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

(78) Skont [*referenza trid tiġi aġġornata kif xieraq skont id-deċiżjoni l-ġdida dwar il-Pajjiżi u territorji extra-Ewropej:* l-Artikolu 94 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE[84]], persuni u entitatijiet stabbiliti f'pajjiżi u territorji extra-Ewropej huma eliġibbli għall-finanzjament soġġett għar-regoli u għall-objettivi tal-Programm u għall-arranġamenti possibbli applikabbli għall-Istat Membru li magħhom il-pajjiż jew territorju extra-Ewropew rilevanti huwa marbut.

(79) Skont ir-Regolament Finanzjarju, ir-Regolament (UE Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[85], ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2988/95[86] u r-

---

81 Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali) (ĠU L 84, 31.03.2016, p. 1).

82 Ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 fuq il-kontroll tas-salmonella u aġenti Żoonotiċi oħra speċifiċi li jkun hemm ġewwa l-ikel (ĠU L 325, 12.12.2003, p. 1)

83 Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 999/2001 tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered. (ĠU L 147, 31.05.2001, p. 1).

84 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE tal-25 ta' Novembru 2013 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea (Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Extra-Ewropea) (ĠU L 344, 19.12.2013, p. 1).

85 Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

86 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 2988/95 tat-18 Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.95, p. 1).

Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96[87] u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 [88], l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jridu jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inklużi l-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni tal-irregolaritajiet u tal-frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett u fejn xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 u r-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (l-UPPE) jista' jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u reati kriminali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[89]. Skont ir-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) u tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

(80) Ir-regoli finanzjarji orizzontali adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea japplikaw għal dan ir-Regolament. Dawn ir-regoli huma stipulati fir-Regolament Finanzjarju u b'mod partikolari jiddeterminaw il-proċedura għall-iffissar u l-implimentazzjoni tal-baġit permezz ta' għotjiet, akkwist, premjijiet u implimentazzjoni indiretta, filwaqt li jipprevedu t-twettiq ta' verifiki rigward ir-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji. Ir-regoli adottati abbażi tal-Artikolu 322 TFUE jikkonċernaw ukoll il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni fil-każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri, għaliex ir-rispett lejn l-istat tad-dritt huwa prekundizzjoni essenzjali għall-ġestjoni finanzjarja tajba u finanzjament tal-Unjoni effettiv.

(81) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[90] jirregola l-ipproċessar tad-data personali mwettaq mill-Istati Membri fil-kuntest ta' dan ir-Regolament u taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Ir-Regolament (KE) 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[91] jirregola l-ipproċessar tad-data personali mwettaq mill-Kummissjoni fil-qafas ta' dan ir-Regolament u taħt is-superviżjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. Kwalunkwe skambju jew trażmissjoni ta' informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti irid jikkonforma mar-regoli dwar it-trasferiment tad-data personali kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2016/679 u kwalunkwe skambju jew trażmissjoni ta' informazzjoni mill-Kummissjoni jrid jikkonforma mar-regoli dwar it-trasferiment ta' data personali kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 45/2001.

---

[87] Ir-Regolament tal-Kunsill (EURATOM, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.96, p. 2).

[88] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

[89] Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

[90] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

[91] Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

(82) Minħabba li l-objettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba n-natura transfruntiera tal-kwistjonijiet involuti, iżda pjuttost jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni minħabba l-potenzjal akbar tal-azzjoni tagħha, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(83) Il-Programm jenħtieġ ukoll li jiżgura aktar viżibbiltà u koerenza tal-azzjonijiet tas-suq intern tal-Unjoni, tal-kompetittività tal-intrapriżi inkluż l-SMEs u tal-istatistika Ewropea lejn iċ-ċittadini, in-negozji u l-amministrazzjonijiet.

(84) Ir-Regolament (UE) Nru 99/2013, ir-Regolament (UE) Nru 1287/2013, ir-Regolament (UE) Nru 254/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[92], ir-Regolament (UE) Nru 258/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[93], ir-Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [94], ir-Regolament (UE) 2017/826, jenħtieġ li jitħassru b'effett mill-1 ta' Jannar 2021.

(85) Huwa xieraq li tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel mingħajr interruzzjoni bejn il-programmi fl-oqsma tal-kompetittività tal-intrapriżi u tal-SMEs, il-protezzjoni tal-konsumatur, tal-klijenti u tal-utenti aħħarin fis-servizzi finanzjarji, it-tfassil ta' politiki fis-servizzi finanzjarji, il-katina alimentari u l-istatistika Ewropea, stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 1287/2013, ir-Regolament (UE) Nru 254/2014, ir-Regolament (UE) Nru 2017/826, ir-Regolament (UE) Nru 258/2014, ir-Regolament (UE) Nru 652/2014, ir-Regolament (UE) Nru 99/2013 u dan il-Programm, b'mod partikolari rigward il-kontinwazzjoni tal-miżuri pluriennali u l-evalwazzjoni tas-suċċessi tal-programmi preċedenti,

[92] Ir-Regolament (UE) Nru 254/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar programm pluriennali tal-konsumaturi għas-snin 2014-2020 u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1926/2006/KE (ĠU L 84, 20.3.2014, p. 42).

[93] Ir-Regolament (UE) Nru 258/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-istabbiliment ta' programm tal-Unjoni għas-sostenn ta' attivitajiet speċifiċi fil-qasam tar-rappurtar finanzjarju u l-awditjar għall-perjodu 2014-2020 u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE (ĠU L 105, 8.4.2014, p. 1).

[94] Ir-Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/29/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KEE, 76/894/KEE u 2009/470/KE (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 1).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-programm għat-titjib tal-funzjonament tas-suq intern u l-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju u l-qafas għall-finanzjament tal-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea fit-tifsira tal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 (il-"Programm").

Jistabbilixxi l-objettivi tal-Programm, il-baġit għall-perjodu mill-2021 sal-2027, il-forom ta' finanzjament mill-Unjoni u r-regoli għall-għoti ta' dan it-tip ta' finanzjament.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "Operazzjoni ta' taħlit" tfisser azzjonijiet appoġġati mill-baġit tal-Unjoni, inkluż dawk fi ħdan il-faċilitajiet ta' taħlit skont l-Artikolu 2(6) tar-Regolament Finanzjarju, li jikkombinaw forom ta' appoġġ li mhux rimborżabbli u/jew strumenti finanzjarji mill-baġit tal-Unjoni flimkien ma' forom ta' appoġġ rimborżabbli mingħand l-istituzzjonijiet tal-iżvilupp jew istituzzjonijiet oħra tal-finanzi pubbliċi, kif ukoll mingħand l-istituzzjonijiet tal-finanzjament kummerċjali u investituri;

(2) "Statistika Ewropea" tfisser statistika żviluppata, prodotta u disseminata skont ir-Regolament (KE) Nru 223/2009;

(3) "entità legali" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika maħluqa u rikonoxxuta bħala tali skont id-dritt nazzjonali, id-dritt tal-Unjoni jew id-dritt internazzjonali, li għandha personalità ġuridika u li tista', meta taġixxi f'isimha stess, teżerċita drittijiet u tkun soġġetta għal obbligi, jew entità mingħajr personalità ġuridika f'konformità mal-Artikolu 197(2)(c) tar-Regolament (UE, Euratom) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-"Regolament Finanzjarju");

(4) "intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju" tfisser intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju kif iddefiniti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[95] fil-verżjoni tas-6 ta' Mejju 2003;

(5) "pajjiż terz" tfisser pajjiż li mhuwiex membru tal-Unjoni.

Artikolu 3

Objettivi tal-programm

1. Il-Programm għandu l-objettivi ġenerali li ġejjin:

[95] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju [traduzzjoni mhux uffiċjali] (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

(a) li jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern, u b'mod speċjali li jipproteġi u jagħti s-setgħa liċ-ċittadini, lill-konsumaturi u lin-negozji, b'mod partikolari lill-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs), permezz tal-infurzar tad-dritt tal-Unjoni, l-iffaċilitar tal-aċċess għas-suq, l-iffissar ta' standards, u bil-promozzjoni tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti u tal-benessri tal-annimali; kif ukoll li jtejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni u l-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni;

(b) li jipprovdi statistika ta' kwalità għolja, komparabbli u affidabbli dwar l-Ewropa li tirfed it-tfassil, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki kollha tal-Unjoni u jgħin lil dawk li jfasslu l-politika, in-negozji, l-akkademji, iċ-ċittadini u l-midja sabiex jieħdu deċiżjonijiet informati u jipparteċipaw b'mod attiv fil-proċess demokratiku.

2. Il-Programm għandu l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

(a) li jagħmel is-suq intern aktar effettiv, jiffaċilita l-prevenzjoni u t-tneħħija tal-ostakli, jappoġġa l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar tad-dritt tal-Unjoni fl-oqsma tas-suq intern għall-oġġetti u s-servizzi, l-akkwist pubbliku, is-sorveljanza tas-suq kif ukoll fl-oqsma tad-dritt soċjetarju u l-liġi kuntrattwali u extra-kuntrattwali, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-moviment liberu tal-kapital, is-servizzi finanzjarji u l-kompetizzjoni, inkluż l-iżvilupp ta' għodod ta' governanza;

(b) li jtejjeb il-kompetittività tal-intrapriżi b'enfasi speċjali fuq l-SMEs u li jikseb l-addizzjonalità permezz tal-provvediment ta' miżuri li jipprovdu forom diversi ta' appoġġ lill-SMEs, l-aċċess għas-swieq inkluż l-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs, ambjent tan-negozju favorevoli għall-SMEs, il-kompetittività tas-setturi, il-modernizzazzjoni tal-industrija u l-promozzjoni tal-intraprenditorija;

(c) li jiżgura l-funzjonament effettiv tas-suq intern permezz ta' proċessi ta' standardizzazzjoni li:

(i) jippermettu l-finanzjament tal-istandardizzazzjoni Ewropea u l-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati fl-iffissar ta' standards Ewropej;

(ii) jappoġġaw l-iżvilupp ta' standards internazzjonali ta' kwalità għolja ta' rappurtar finanzjarju u ta' awditjar, jiffaċilita l-integrazzjoni tagħhom fid-dritt tal-Unjoni u jippromwovi l-innovazzjoni u l-iżvilupp tal-aħjar prattiki fir-rappurtar korporattiv;

(d) li jippromwovi l-interessi tal-konsumaturi u jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u sikurezza tal-prodotti billi:

(i) jagħti s-setgħa, jassisti u jeduka lill-konsumaturi, lin-negozji u lis-soċjetà ċivili; jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, konsum sostenibbli u sikurezza tal-prodotti b'mod partikolari billi jappoġġa lill-awtoritajiet ta' infurzar kompetenti u lill-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-konsumatur u lill-azzjonijiet ta' kooperazzjoni; jiżgura li l-konsumaturi kollha jkollhom aċċess għar-rimedju u; jipprovdi informazzjoni xierqa dwar is-swieq u l-konsumaturi;

(ii) isaħħaħ l-parteċipazzjoni tal-konsumaturi u ta' utenti aħħarin oħrajn tas-servizzi finanzjarji u tas-soċjetà ċivili fit-tfassil tal-politiki; jippromwovi fehim aħjar tas-settur finanzjarju;

(e) li jikkontribwixxi għal livell għoli ta' saħħa għall-bniedem, għall-annimali u għall-pjanti tul il-katina alimentari u f'oqsma relatati, inkluż billi jiġu pprevenuti u meqruda l-mard u l-organiżmi ta' ħsara, u jappoġġa t-titjib tal-benessri tal-annimali kif ukoll il-produzzjoni u l-konsum sostenibbli tal-ikel;

(f) li jipproduċi u jikkomunika statistika ta’ kwalità għolja f’waqtha, imparzjali u kosteffiċjenti dwar l-Ewropa, permezz ta’ sħubiji mtejba fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 u mal-partijiet rilevanti u esterni kollha, bl-użu ta’ diversi sorsi ta’ data, metodi avvanzati ta’ analiżi tad-data, sistemi intelliġenti u teknoloġiji diġitali.

Artikolu 4

Baġit

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu mill-2021 sal-2027 għandu jkun EUR 4 088 580 000 fi prezzijiet kurrenti.

2. Fl-ammont imsemmi fil-paragrafu 1, l-ammonti indikattivi li ġejjin għandhom jiġu allokati għall-objettivi li ġejjin:

(a) EUR 1 000 000 000 għall-objettiv msemmi fl-Artikolu 3(2)(b);

(b) EUR 188 000 000 għall-objettiv msemmi fl-Artikolu 3(2)(d)(i);

(c) EUR 1 680 000 000 għall-objettiv msemmi fl-Artikolu 3(2)(e);

(d) EUR 552 000 000 għall-objettiv msemmi fl-Artikolu 3(2)(f);

3. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 jista’ jintuża għall-assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm, rigward b’mod partikolari l-attivitajiet ta’ tħejjija, monitoraġġ, kontroll, awditu u evalwazzjoni u għall-użu ta’ netwerks ta’ teknoloġija tal-informatika li jiffokaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju tal-informazzjoni, u l-użu u l-iżvilupp ta’ għodod ta’ teknoloġija tal-informatika korporattivi.

4. Għall-objettiv imsemmi fl-Artikolu 3(2)(e), l-impenji baġitarji li jestendu fuq aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jinqasmu fuq diversi snin fi ħlasijiet parzjali annwali.

5. B’deroga mill-Artikolu 111(2) tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni għandha tagħmel l-impenn baġitarju għall-għotja mogħtija għall-miżuri ta’ emerġenza veterinarji u fitosanitarji taħt l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(e) ta’ dan ir-Regolament wara li tivvaluta t-talbiet għall-ħlas sottomessi mill-Istati Membri.

6. Ir-riżorsi allokati lill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża jistgħu, fuq it-talba tagħhom, jiġu ttrasferiti għall-Programm. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawn ir-riżorsi direttament skont il-punt (a) tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju jew indirettament skont il-punt (c) ta’ dak l-Artikolu. Fejn possibbli dawn ir-riżorsi għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 5

Pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm

Il-Programm għandu jkun miftuħ għall-pajjiżi terzi li ġejjin:

(a) Il-membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim ŻEE;

(b) il-pajjiżi aderenti, il-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali, b’konformità mal-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet qafas rispettivi u fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta’ Assoċjazzjoni, jew arranġamenti simili, u b’konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fi ftehimiet bejn l-Unjoni u dawk il-pajjiżi;

(c) il-pajjiżi koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat, skont il-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet qafas rispettivi u fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, jew ftehimiet simili, u skont il-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fi ftehimiet bejn l-Unjoni u dawk il-pajjiżi;

(d) il-pajjiżi terzi, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fi ftehim speċifiku li jkopri l-parteċipazzjoni tal-pajjiż terz fi kwalunkwe programm tal-Unjoni, sakemm dak il-ftehim:

(i) jiżgura bilanċ ġust fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet u tal-benefiċċji tal-pajjiż terz li jkun qed jipparteċipa fil-programmi tal-Unjoni;

(ii) jistabbilixxi l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni fil-programmi, inkluż il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji għal programmi individwali u l-ispejjeż amministrattivi tagħhom;

(iii) ma jagħtix lill-pajjiż terz, is-setgħa li jieħu deċiżjonijiet dwar il-programm;

(iv) jiggarantixxi d-drittijiet tal-Unjoni li tiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u li tipproteġi l-interessi finanzjarji tagħha.

Il-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-punt (ii) għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu [21(5)] tar-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 6

Implimentazzjoni u forom ta' finanzjament mill-UE

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat b'ġestjoni diretta skont ir-Regolament Finanzjarju jew b'ġestjoni indiretta flimkien mal-korpi msemmija fl-Artikolu 62(1)(c) tar-Regolament Finanzjarju.

2. Il-Programm jista' jipprovdi finanzjament fi kwalunkwe waħda mill-forom stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju, b'mod partikolari għotjiet, premjijiet u akkwist. Jista' jipprovdi wkoll finanzjament fil-forma ta' strumenti finanzjarji fi ħdan l-operazzjonijiet ta' taħlit.

3. Il-kontribuzzjonijiet għal mekkaniżmu ta' assigurazzjoni reċiproka jistgħu jkopru r-riskju assoċjat mal-irkupru tal-fondi dovuti mir-riċevituri, u skont ir-Regolament Finanzjarju għandhom jitqiesu bħala garanzija suffiċjenti. Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet stipulati fl-[Artikolu X tar-] Regolament XXX [is-suċċessur tar-Regolament dwar il-Fond ta' Garanzija][96].

KAPITOLU II

GĦOTJIET

Artikolu 7

Għotjiet

Għotjiet li jaqgħu taħt il-Programm għandhom jingħataw u jiġu ġestiti skont it-Titolu VIII tar-Regolament Finanzjarju.

[96] [żieda]

Artikolu 8

Azzjonijiet eliġibbli

1. L-azzjonijiet li jimplimentaw l-objettivi msemmija fl-Artikolu 3 biss għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament.

2. B'mod partikolari l-azzjonijiet li jimplimentaw l-objettivi msemmija fl-Artikolu 3 għandhom ikunu eliġibbli:

(a) il-ħolqien tal-kundizzjonijiet tajbin biex l-atturi kollha tas-suq intern, inklużi n-negozji, iċ-ċittadini u l-konsumaturi, is-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet pubbliċi jingħataw is-setgħa permezz ta' kampanji trasparenti ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni, l-iskambju tal-aħjar prattika, il-promozzjoni ta' prattiki tajbin, l-iskambju u d-disseminazzjoni ta' kompetenza esperta u għarfien u l-organizzazzjoni ta' taħriġ;

(b) il-provvista ta' mekkaniżmi għaċ-ċittadini, għall-konsumaturi, għall-utenti aħħarin, għas-soċjetà ċivili u għar-rappreżentanti tan-negozju mill-Unjoni biex tingħata kontribuzzjoni lid-diskussjonijiet politiċi, lill-politiki u lill-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet, b'mod partikolari billi jiġi appoġġat il-funzjonament tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-Unjoni;

(c) il-bini ta' kapaċità u l-iffaċilitar u l-koordinazzjoni ta' azzjonijiet konġunti bejn l-Istati Membri u bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni, l-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni u l-awtoritajiet tal-pajjiżi terzi;

(d) l-appoġġ għall-infurzar effettiv u l-immodernizzar tal-qafas legali tal-UE u l-adattament rapidu tiegħu għall-ambjent li l-ħin kollu jinbidel, inkluż permezz tal-ġbir u l-analiżijiet ta' data; studji, evalwazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet ta' politika; l-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' dimostrazzjoni u proġetti pilota; attivitajiet ta' komunikazzjoni; l-iżvilupp ta' għodod tal-IT dedikati li jiżguraw it-trasparenza u l-funzjonament effiċjenti tas-suq intern.

3. L-azzjonijiet li ġejjin li jimplimentaw l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(b) għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament:

(a) li jipprovdu forom diversi ta' appoġġ għall-SMEs;

(b) li jiffaċilitaw l-aċċess tal-SMEs għas-swieq, jappoġġawhom fl-indirizzar ta' sfidi globali u soċjetali u l-internazzjonalizzazzjoni tan-negozji, u jsaħħu t-tmexxija industrijali tal-Unjoni fil-ktajjen tal-valur globali, inkluż in-Netwerk Enterprise Europe;

(c) li jindirizzaw l-ostakli tas-swieq, il-piż amministrattiv u joħolqu ambjent tan-negozju favorevoli biex jagħtu s-setgħa lill-SMEs jibbenefikaw mis-suq intern;

(d) li jiffaċilitaw it-tkabbir tan-negozji, inkluż l-iżvilupp ta' ħiliet, u t-trasformazzjoni industrijali fis-setturi tal-manifattura u tas-servizzi;

(e) li jappoġġaw il-kompetittività tal-intrapriżi u ta' setturi sħaħ tal-ekonomija, u li jappoġġaw tal-adozzjoni mill-SMEs tal-innovazzjoni u l-kollaborazzjoni fil-katina tal-valur permezz tal-konnessjoni strateġika tal-ekosistemi u r-raggruppamenti, inkluż l-inizjattiva tar-raggruppamenti konġunti;

(f) li jrawmu ambjent tan-negozju intraprenditorjali u kultura intraprenditorjali, inkluż l-iskema ta' mentoraġġ għall-intraprendituri ġodda u li jappoġġaw lin-negozji li jkunu għadhom kemm jiftħu, is-sostenibbiltà tan-negozju u n-negozji li jkunu jridu jespandu.

4. L-azzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 15 u 16 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 u l-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(c)(i) ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament.

5. L-azzjonijiet li jipprovdu appoġġ għall-attivitajiet bl-għan li jiżviluppaw, japplikaw, jivvalutaw u jimmonitorjaw l-istandards internazzjonali fl-oqsma tar-rappurtar finanzjarju u l-awditjar u li jissorveljaw il-proċessi tagħhom għall-iffissar ta' standards u li jimplimentaw l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(c)(ii) għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament.

6. L-azzjonijiet stabbiliti fl-Anness I li jimplimentaw l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(e) għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament:

7. L-azzjonijiet stabbiliti fl-Anness II li jimplimentaw l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(f) għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament:

Artikolu 9

Entitajiet eliġibbli

1. Il-kriterji tal-eliġibbiltà stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 7 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw flimkien mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 197 tar-Regolament Finanzjarju.

2. Minbarra l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà stabbiliti fil-paragrafi 3 sa 7, l-entitajiet li ġejjin għandhom ikunu eliġibbli taħt il-Programm:

   (a) l-entitajiet ġuridiċi stabbiliti fi kwalunkwe wieħed mill-pajjiżi li ġejjin::

      (i) Stat Membru jew pajjiż jew territorju extra-Ewropew marbut miegħu;

      (ii) pajjiż terz assoċjat mal-Programm skont l-Artikolu 5;

   (b) kwalunkwe entità ġuridika maħluqa skont id-dritt tal-Unjoni jew kwalunkwe organizzazzjoni internazzjonali;

   (c) l-entitajiet legali stabbiliti f'pajjiż terz li mhuwiex assoċjat mal-Programm eċċezzjonalment huma eliġibbli li jipparteċipaw, sakemm l-azzjoni ssegwi l-objettivi tal-Unjoni u l-attivitajiet barra l-Unjoni jikkontribwixxu għall-effettività tal-interventi mwettqa fit-territorji tal-Istati Membri li għalihom japplikaw it-Trattati.

3. L-entitajiet ġuridiċi stabbiliti f'pajjiż terz li mhuwiex assoċjat mal-Programm jistgħu jipparteċipaw fl-azzjonijiet li ġejjin:

   (a) l-azzjonijiet li jimplimentaw l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(b);

   (b) l-azzjonijiet li jappoġġaw il-protezzjoni tal-konsumatur li jimplimentaw l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(d)(i).

   L-entitajiet li jipparteċipaw fl-azzjonijiet imsemmija fil-punti a) u b) ma għandhomx ikunu intitolati li jirċievu kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Unjoni, ħlief meta jkun essenzjali għall-Programm, b'mod partikolari f'termini ta' kompetittività u aċċess għas-swieq għall-intrapriżi tal-Unjoni jew f'termini ta' protezzjoni tal-konsumaturi residenti fl-Unjoni. Dik l-eċċezzjoni ma għandhiex tapplika għall-entitajiet li għandhom skop ta' qligħ.

4. Għall-azzjonijiet li jimplimentaw l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(c)(i) ta' dan ir-Regolament, għandhom ikunu eliġibbli l-entitajiet speċifikati fl-Artikoli 15 u 16 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

5. Għall-azzjonijiet li jappoġġaw il-protezzjoni tal-konsumatur li jimplimentaw l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(d)(i) u relatati man-Netwerk taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi, għandhom ikunu eliġibbli l-korpi li ġejjin:

(a) korp maħtur minn Stat Membru jew pajjiż terz imsemmi fl-Artikolu 5 li huwa mingħajr skop ta' qligħ magħżul permezz ta' proċedura trasparenti.

(b) korp pubbliku.

6. Pajjiżi terzi, assoċjati jew mhux assoċjati mal-Programm għandhom ikunu eliġibbli għall-azzjonijiet li ġejjin li jimplimentaw l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(e):

(a) miżuri ta' protezzjoni meħuda fil-każ ta' theddida diretta għall-istatus tas-saħħa tal-Unjoni b'riżultat tal-okkorrenza jew tal-iżvilupp, fit-territorju ta' pajjiż terz jew ta' Stat Membru, ta' waħda mill-mard tal-annimali u ż-żoonożi elenkati fl-Anness III jew organiżmi ta' ħsara elenkati fil-programm ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 16;

(b) miżuri ta' protezzjoni, jew attivitajiet oħra rilevanti, meħuda biex jappoġġaw l-istatus tas-saħħa tal-pjanti fl-Unjoni.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 20 biex temenda l-Anness III fejn ikun meħtieġ sabiex jitqiesu s-sitwazzjonijiet li huma provokati b'dak il-mard tal-annimali li jkollu impatt sinifikanti fuq il-produzzjoni jew il-kummerċ, l-iżvilupp taż-żoonożi li jippreżentaw theddida għall-bniedem, jew l-iżvilupp xjentifiku jew epidemjoloġiku ġdid, kif ukoll il-mard tal-annimal li aktarx jikkostitwixxi theddida ġdida għall-Unjoni.

Ħlief fil-każ tal-mard tal-annimali u l-organiżmi ta' ħsara li jkollhom impatt sostanzjali fuq l-Unjoni, fil-prinċipju, il-pajjiżi mhux assoċjati jenħtieġ li jiffinanzjaw il-parteċipazzjoni tagħhom huma stess fl-azzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b).

7. Għall-azzjonijiet li jimplimentaw l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(f) ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu eliġibbli dawn l-entitajiet ġuridiċi li ġejjin:

(a) l-istituti nazzjonali tal-istatistika u awtoritajiet nazzjonali oħrajn kif imsemmi fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009;

(b) għall-azzjonijiet li jappoġġaw lin-netwerks kollaborattivi, korpi oħrajn li joperaw fil-qasam tal-istatistika li mhumiex l-awtoritajiet imsemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu;

(c) entitajiet li ma jkunux jagħmlu profitt, li jkunu independenti mill-industrija u mill-interessi kummerċjali jew tan-negozju jew interessi kunfliġġenti oħra, u li jkollhom bħala objettivi u attivitajiet prinċipali tagħhom, il-promozzjoni u l-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-Kodiċi tal-Prattika tal-Istatistika Ewropea msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 u l-implimentazzjoni ta' metodi ġodda ta' produzzjoni ta' statistika Ewropea li jimmiraw lejn żieda fl-effiċjenza u titjib fil-kwalità, fil-livell tal-Unjoni.

Artikolu 10

Benefiċjarji deżinjati

Dawn l-entitajiet li ġejjin jistgħu jingħataw għotja taħt il-Programm mingħajr sejħa għal proposti:

(a) għall-azzjonijiet fil-qasam tas-sorveljanza tas-suq li jimplimentaw l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(a) ta' dan ir-Regolament, l-awtorità tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri kif imsemmi fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 u fl-Artikolu 11 tal-[Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli u proċeduri għall-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni fuq il-prodotti u għall-infurzar tagħha][97];

(b) għall-azzjonijiet fil-qasam tal-akkreditament u s-sorveljanza tas-suq li jimplimentaw l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(a) ta' dan ir-Regolament, il-korp rikonoxxut taħt l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 biex iwettaq l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008;

(c) għall-azzjonijiet li jimplimentaw l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(c)(i) ta' dan ir-Regolament, l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012;

(d) għall-azzjonijiet li jimplimentaw l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(c)(ii), il-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju (EFRAG), il-Fondazzjoni tal-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju u l-Bord tas-Sorveljanza tal-Interess Pubbliku (PIOB);

(e) għall-azzjonijiet li jimplimentaw l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(d)(i) b'rabta mar-rappreżentazzjoni tal-interess tal-konsumaturi fil-livell tal-Unjoni, il-*Bureau Européen des Unions de Consommateurs* (BEUC - l-Uffiċċju Ewropew tal-Għaqdiet tal-Konsumaturi) u l-*European Association for the Coordination of Consumer Representation in Standardisation* (ANEC - l-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Koordinazzjoni tar-Rappreżentanza tal-Konsumaturi fl-Istandardizzazzjoni) sakemm ma jkollhomx interessi kunfliġġenti u jirrappreżentaw permezz tal-membri tagħhom l-interessi tal-konsumaturi tal-Unjoni f'mill-inqas żewġ terzi tal-Istati Membri.

(f) għall-azzjonijiet li jimplimentaw l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(d)(ii), Finance Watch u Better Finance taħt dawn il-kundizzjonijiet, li għandhom jiġu vvalutati kull sena:

 (i) l-entitajiet jibqgħu entitajiet mhux governattivi u mingħajr skop ta' qligħ, indipendenti mill-industrija, mill-kummerċ jew min-negozju;

 (ii) ma jkollhomx interessi kunfliġġenti u jirrappreżentaw permezz tal-membri tagħhom l-interessi tal-konsumaturi tal-Unjoni u ta' utenti aħħarin oħrajn fil-qasam tas-servizzi finanzjarji;

(g) għall-azzjonijiet li jimplimentaw l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(e) ta' dan ir-Regolament:

 (i) l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-entitajiet affiljati tagħhom, l-Laboratorji ta' Referenza tal-Unjoni Ewropea u ċ-Ċentri ta' Referenza tal-Unjoni Ewropea msemmija fl-Artikoli 92, 95 u 97 tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[98] u l-organizzazzjonijiet internazzjonali;

[97] COM(2017) 795 final

[98] Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE,

(ii) fil-każ biss tal-azzjonijiet deskritti fl-Artikolu 9(6)(a) u (b) ta' dan ir-Regolament, il-pajjiżi terzi, assoċjati jew mhux assoċjati mal-Programm;

(h) għall-azzjonijiet li jimplimentaw l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(f) ta' dan ir-Regolament, l-istituzzjonijiet nazzjonali tal-istatistika u awtoritajiet nazzjonali oħra msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

Artikolu 11

Evalwazzjoni u kriterji tal-għotji

Il-kumitat(i) ta' evalwazzjoni għall-azzjonijiet li jimplimentaw l-objettiv(i) speċifiku/speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3(2) jista'/jistgħu jkun(u) magħmul(in) kollu/kollha jew parzjalment minn esperti esterni.

Artikolu 12

Ir-regoli tal-kofinanzjament

1. Għall-azzjonijiet li jimplimentaw l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(a) ta' dan ir-Regolament b'referenza għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri u tal-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm u b'referenza għall-faċilitajiet ta' ttestjar tal-Unjoni kif imsemmija fl-Artikolu 20 tal-[Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli u proċeduri għall-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni fuq il-prodotti u għall-infurzar tagħha], il-Programm jista' jiffinanzja sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli ta' azzjoni, sakemm il-prinċipju ta' kofinanzjament kif definit fir-Regolament Finanzjarju ma jinkisirx.

2. Għall-għotjiet mogħtija lill-Bord tas-Sorveljanza tal-Interess Pubbliku (PIOB) li jimplimentaw l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(c)(ii), jekk il-finanzjament mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC) f'sena partikolari jammonta għal aktar minn żewġ terzi tal-finanzjament totali annwali, il-kontribuzzjoni annwali għal dik is-sena għandha tkun limitata għal ammont massimu speċifikat fil-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 16.

3. Għall-azzjonijiet li jimplimentaw l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(e) ta' dan ir-Regolament, il-Programm jista' jiffinanzja sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli, bil-kundizzjoni li l-prinċipju ta' kofinanzjament kif definit fl-Artikolu 190 tar-Regolament Finanzjarju ma jinkisirx.

4. Għall-azzjonijiet li jimplimentaw l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(f) ta' dan ir-Regolament, il-Programm jista' jiffinanzja sa 95 % tal-ispejjeż eliġibbli tal-azzjonijiet li jappoġġaw in-netwerks kollaborattivi kif imsemmi fl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1).

Artikolu 13

Spejjeż eliġibbli

Minbarra l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 186 tar-Regolament Finanzjarju, il-kriterji ta' eliġibbiltà tal-ispejjeż li ġejjin għandhom japplikaw għall-azzjonijiet li jimplimentaw l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(e) ta' dan ir-Regolament:

(a) kif imsemmi fl-Artikolu 193(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju l-ispejjeż għandhom ikunu eliġibbli qabel id-data tat-tnedija tal-azzjoni;

(b) dawn l-ispejjeż jistgħu jkunu eliġibbli wkoll bħala riżultat tal-miżuri meħuda b'rabta mas-suspett ta' okkorrenza ta' marda jew il-preżenza ta' organiżmu ta' ħsara, bil-kundizzjoni li dik l-okkorrenza jew preżenza tkun sussegwentement ikkonfermata.

L-ispejjeż imsemmija fil-punt (a) tal-ewwel paragrafu għandhom ikunu eliġibbli mid-data tan-notifika tal-okkorrenza tal-marda jew il-preżenza tal-organiżmu ta' ħsara lill-Kummissjoni.

Artikolu 14

Finanzjament kumulattiv, komplementari u kkombinat

1. Azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni minn programm ieħor tal-Unjoni tista' tirċievi wkoll kontribuzzjoni mill-Programm, sakemm il-kontribuzzjonijiet ma jkoprux l-istess spejjeż. Ir-regoli ta' kull programm tal-Unjoni li jagħmel il-kontribuzzjoni għandhom japplikaw lill-kontribuzzjoni rispettiva tiegħu għall-azzjoni. Il-finanzjament kumulattiv ma għandux jaqbeż l-ispejjeż eliġibbli totali tal-azzjoni u l-appoġġ mill-programmi differenti tal-Unjoni jista' jiġi kkalkulat fuq bażi *pro-rata* skont id-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ.

2. L-azzjonijiet li jingħataw ċertifikazzjoni tas-Siġill ta' Eċċellenza, jew li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet kumulattivi u komparattivi:

   (a) ikunu ġew ivvalutati f'sejħa għal proposti taħt il-Programm;

   (b) jikkonformaw mar-rekwiżiti minimi ta' kwalità ta' dik is-sejħa għal proposti;

   (c) ma jistgħux jiġu ffinanzjati taħt dik is-sejħa għal proposti minħabba restrizzjonijiet baġitarji.

   jistgħu jirċievu appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Soċjali Ewropew Plus jew il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, skont il-paragrafu 5 tal-Artikolu [67] tar-Regolament (UE) XX [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni] u l-Artikolu [8] jew ir-Regolament (UE) XX [Il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-Politika Agrikola Komuni], bil-kundizzjoni li t-tali azzjonijiet ikunu konsistenti mal-objettivi tal-programm ikkonċernat. Għandhom japplikaw ir-regoli tal-Fond li jkun qed jipprovdi l-appoġġ.

3. Operazzjoni tista' tirċievi appoġġ minn programm tal-Unjoni wieħed jew aktar. Fit-tali każijiet, in-nefqa ddikjarata f'talba għall-ħlas ma għandhiex tiġi ddikjarata f'talba għall-ħlas għal programm ieħor.

4. L-ammont tan-nefqa li għandu jiddaħħal f'talba għall-ħlas jista' jiġi kkalkulat għal kull programm kkonċernat fuq bażi *pro rata* f'konformità mad-dokument li jistipula l-kundizzjonijiet għall-appoġġ.

KAPITOLU III

OPERAZZJONIJIET TA’ TAĦLIT

Artikolu 15

Operazzjonijiet ta’ taħlit

L-operazzjonijiet ta’ taħlit deċiżi taħt dan il-Programm għandhom jiġu implimentati b’konformità mar-[regolament dwar l-InvestEU] u t-Titolu X tar-Regolament Finanzjarju.

KAPITOLU IV

IPPROGRAMMAR, MONITORAĠĠ, IMPLIMENTAZZJONI U KONTROLL

Artikolu 16

Implimentazzjoni tal- Programm

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programm(i) ta’ ħidma msemmi(ja) fl-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju. Il-programmi ta’ ħidma għandhom jistabbilixxu, fejn applikabbli, l-ammont globali riżervat għall-operazzjonijiet ta’ taħlit.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-programmi ta’ ħidma li jimplimentaw l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(e) kif stipulat fl-Anness I, permezz ta’ att ta’ implimentazzjoni. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 21(2).

3. Permezz ta’ deroga mill-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu, għandhom jiġu implimentati l-azzjonijiet stabbiliti fl-Anness II ta’ dan ir-Regolament li jimplimentaw l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(f) ta’ dan ir-Regolament skont l-Artikoli 14 u 17 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

Artikolu 17

Monitoraġġ u rappurtar

1. L-indikaturi għar-rappurtar dwar il-progress tal-Programm lejn il-kisba tal-objettivi speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3(2) huma stabbiliti fl-Anness IV.

2. Biex tiżgura valutazzjoni effettiva tal-progress tal-Programm lejn il-kisba tal-objettivi tiegħu, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 20 biex tirrieżamina jew tikkomplementa l-indikaturi fl-Anness IV fejn jitqies neċessarju u biex tissuplimenta dan ir-Regolament b’dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta’ qafas tal-monitoraġġ u tal-evalwazzjoni.

3. Is-sistema ta’ rappurtar dwar il-prestazzjoni għandha tiżgura li d-data għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u tar-riżultati tal-programm tinġabar b’mod effiċjenti, effettiv, u f’waqtu. Għal dan il-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta’ rappurtar proporzjonati fuq dawk li jirċievu l-fondi tal-UE u, fejn rilevanti fuq l-Istati Membri.

Artikolu 18

Evalwazzjoni

1. L-evalwazzjonijiet għandhom jitwettqu f'waqthom sabiex jikkontribwixxu għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

2. L-evalwazzjoni interim tal-Programm għandha titwettaq ladarba jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni tal-Programm, iżda mhux aktar tard minn erba' snin wara l-bidu tal-implimentazzjoni tal-Programm.

3. Fir-rigward tal-azzjonijiet li jimplimentaw l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(c)(ii), il-Kummissjoni għandha tħejji rapport annwali dwar l-attività tal-Fondazzjoni tal-tal-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju fir-rigward tal-iżvilupp tal-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju, tal-PIOB u tal-EFRAG. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

4. F'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika għall-parti tal-evalwazzjonijiet li jirrigwardaw l-azzjonijiet li jimplimentaw l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(f) ta' dan ir-Regolament, qabel ma dawn jiġu adottati u ppreżentati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Fi tmiem l-implimentazzjoni tal-Programm, iżda mhux aktar tard minn erba' snin wara t-tmiem tal-perjodu speċifikat fl-Artikolu 1, għandha titwettaq evalwazzjoni finali tal-Programm mill-Kummissjoni.

6. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet, akkumpanjati mill-osservazzjonijiet tagħha, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

Artikolu 19

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

Fejn pajjiż terz jipparteċipa fil-Programm permezz ta' deċiżjoni skont ftehim internazzjonali jew bis-saħħa ta' kwalunkwe strument legali ieħor, il-pajjiż terz għandu jagħti d-drittijiet u l-aċċess neċessarji meħtieġa għall-uffiċjal ta' awtorizzazzjoni responsabbli, għall-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), għall-Qorti Ewropea tal-Awdituri biex jeżerċitaw b'mod komprensiv il-kompetenzi rispettivi tagħhom. Fil-każ tal-OLAF, drittijiet bħal dawn għandhom jinkludu d-dritt li jwettaq investigazzjonijiet, inkluż verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, previsti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 dwar l-investigazzjonijiet imwettqa mill-(OLAF).

Artikolu 20

Eżerċizzju tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 9 u 17 għandha tingħata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2028.

3. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu jirrevokaw id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 9 u 17 fi kwalunkwe ħin. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Din għandu jibda jkollha effett fil-jum wara dak tal-

pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li diġà jkun fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti deżinjati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah b'mod simultanju lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 9 u 17 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għalih fi żmien xahrejn minn meta jkunu ġew mgħarrfin bih jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew u kif ukoll il-Kunsill ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw għalih. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 21

Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali stabbilit mill-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[99]. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Meta l-opinjoni tal-kumitat trid tinkiseb bi proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tiġi tterminata mingħajr riżultat meta, fil-perjodu ta' żmien għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi hekk jew maġġoranza sempliċi ta' membri tal-kumitat jitolbu hekk.

KAPITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI U FINALI

Artikolu 22

Informazzjoni, komunikazzjoni u reklamar

1. Ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-oriġini u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni (b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom) billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi inklużi lill-midja u lill-pubbliku.

---

99 Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 031, 01.02.2002, p. 1).

2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni relatati mal-Programm, u mal-azzjonijiet u r-riżultati tiegħu. Ir-riżorsi finanzjarji allokati għall-Programm għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sakemm dawn ikunu relatati mal-objettivi imsemmija fl-Artikolu 3.

3. Il-Kummissjoni (l-EUROSTAT) għandha timplimenta attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni relatati mal-implimentazzjoni tal-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(f), l-azzjonijiet u r-riżultati tiegħu meta dawn jirrigwardaw l-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea, b'konformità mal-prinċipji dwar l-istatistika kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 223/2009.

Artikolu 23

Tħassir

Ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014, (UE) Nru 258/2014, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 2017/826 jitħassru b'effett mill-1 ta' Jannar 2021.

Artikolu 24

Dispożizzjonijiet tranżitorji

1. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa t-tkomplija jew il-modifika tal-azzjonijiet ikkonċernati, sal-għeluq tagħhom, skont ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014, (UE) Nru 258/2014, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 2017/826 li għandhom ikomplu japplikaw għall-azzjonijiet ikkonċernati sal-għeluq tagħhom.

2. Il-pakkett finanzjarju għall-Programm jista' jkopri wkoll l-ispejjeż tal-assistenza teknika u amministrattiva meħtieġa biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni bejn il-Programm u l-miżuri adottati skont il-programmi preċedenti tiegħu stabbiliti permezz tal-atti elenkati fil-paragrafu 1.

3. Jekk meħtieġ, l-approprjazzjonijiet jistgħu jiddaħħlu fil-baġit lil hinn mill-2027 biex ikopru l-ispejjeż previsti fl-Artikolu 4(3), sabiex jippermettu l-ġestjoni tal-azzjonijiet li ma jkunux tlestew sal-31 ta' Diċembru 2027.

Artikolu 25

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew *Għall-Kunsill*
Il-President *Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

1.2. Qasam(oqsma) ta' politika kkonċernat(i) (*raggruppament ta' programmi*)

1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

1.4. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5. Durata u impatt finanzjarju

1.6. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rappurtar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata(i)

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Programm għas-Suq Uniku, għall-kompetittività tal-SMEs u għall-Istatistika Ewropea għall-perjodu mill-2021 sal-2027 u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014, (UE) Nru 258/2014, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 2017/826

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) (*Raggruppament ta' programmi*)

Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

☒ **azzjoni ġdida**

☐ **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja**[100]

☒ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☒ **fużjoni jew dirottar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn/ma' azzjoni oħra jew azzjoni ġdida**

1.4. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.4.1. Rekwiżit(i) li jridu jiġu ssodisfati fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għall-prosegwiment tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

It-twaqqif ta' struttura ta' governanza interna għall-koordinazzjoni bejn is-Servizzi, approċċ komuni fl-istabbiliment tal-programmi ta' ħidma, il-monitoraġġ u r-rappurtar dwar l-implimentazzjoni tal-programm u l-kisba tar-riżultati.

Id-delega tas-setgħat lill-aġenziji eżekuttivi, it-tħejjija tad-dokumentazzjoni tal-programm u tad-dokumenti standard għall-implimentazzjoni. L-adattament tas-sistemi ta' ġestjoni tal-programm.

Għall-kompetittività, l-SMEs u s-suq intern:

- It-twaqqif ta' sħubijiet għan-Netwerk Enterprise Europe, l-iskema ta' skambju għan-negozji għall-intraprendituri, l-Inizjattiva tar-Raggruppamenti Konġunti u l-isħubijiet għall-istandardizzazzjoni.

1.4.2. Il-valur miżjud bl-involviment tal-Unjoni

Raġunijiet għal azzjoni fil-livell Ewropew (*ex-ante*):

Hija meħtieġa azzjoni fil-livell tal-Unjoni biex jiġi żgurat l-iżvilupp konsistenti tas-Suq Uniku, in-nondiskriminazzjoni, il-protezzjoni tal-konsumatur, kompetizzjoni effettiva, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet fl-Istati Membri kif ukoll ta' kooperazzjoni u fiduċja bejniethom, l-indirizzar ta' kwistjonijiet transfruntiera u l-iżgurar tas-sigurtà tas-Suq Uniku. L-iżvilupp tal-Programm jista' biss jinkiseb fil-livell tal-Unjoni

[100] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

peress li l-azzjonijiet jirrikjedu kooperazzjoni u koordinazzjoni attiva tal-kapaċitajiet nazzjonali.

Valur miżjud għall-Unjoni mistenni li jkun iġġenerat (*ex-post*):

Il-valur miżjud tal-UE ewlieni tal-Programm huwa li jappoġġa suq intern li jiffunzjona tajjeb, b'mod partikolari:

- Jagħti s-setgħa liċ-ċittadini jew lill-konsumaturi (direttament jew indirettament), lin-negozji (b'mod partikolari l-SMEs) u lill-amministrazzjonijiet pubbliċi biex ikollhom aċċess sħiħ għall-opportunitajiet offruti mis-suq intern.
- Irawwem il-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni permezz tal-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki u l-bini tal-kapaċità.
- Jappoġġa t-tfassil tar-regoli, l-iffissar tal-istandards inkluż fil-livell internazzjonali, u l-infurzar fil-livell tal-Unjoni permezz tal-finanzjament tal-ġbir u tal-anliżi tad-data.

1.4.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

L-evalwazzjonijiet u t-tagħlimiet meħuda tal-programmi u l-linji baġitarji inklużi juru li kollha ġabu valur miżjud u li jenħtieġ li jkomplu.

L-evalwazzjoni interim għall-**COSME**[101] ikkonkludiet li l-programm huwa rilevanti ħafna biex jitrawwem it-tkabbir ekonomiku u biex jinħolqu opportunitajiet ta' impjiegi u huwa allinjat bis-sħiħ mal-ħtiġijiet tal-SMEs li dejjem jevolvu. Il-qawwa tiegħu hija l-użu tal-intermedjarji li għandhom kuntatt dirett u fit-tul mal-SMEs għall-implimentazzjoni tal-programm. Dan jippermetti appoġġ personalizzat għall-SMEs u adattat għas-setturi speċifiċi, bħal pereżempju t-turiżmu, it-tessuti, l-industriji kreattivi eċċ. u jippermetti li jintlaħaq effett multiplikatur għoli tal-azzjonijiet. Il-faċilità ta' garanzija għal self tal-COSME kellha impatt sinifikattiv fuq il-post u ġiet evalwata b'mod pożittiv mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

L-investiment kontinwu fit-titjib tal-kwalità, tal-viżibbiltà u tat-trasparenza tal-**Għodod ta' Governanza tas-Suq Intern** l-Ewropa Tiegħek, il-Pariri tal-Ewropa Tiegħek (YEA), SOLVIT, is-sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern) huwa meħtieġ ukoll biex ikompli jgħin liċ-ċittadini u lin-negozji biex jużaw b'mod effiċjenti d-drittijiet tagħhom tas-suq intern, iżda wkoll biex ilaħħqu mal-mobbiltà u l-attività transfruntiera dejjem jiżdiedu u d-diġitalizzazzjoni ulterjuri tas-suq uniku, jiġifieri se jkun meħtieġ aġġornament komprensiv tal-portal l-Ewropa Tiegħek, minħabba li l-gateway diġitali unika se tkun ibbażata fuq il-portal l-Ewropa Tiegħek b'interfaċċja tal-utent komuni (magna tat-tiftix) ġestita mill-Kummissjoni.

Għall-azzjonijiet fil-qasam tal-**kompetizzjoni**, l-istudji wrew li l-impatti makroekonomiċi tal-infurzar tal-kompetizzjoni tal-Unjoni kienu sinifikanti. Ittieħdu wkoll tagħlimiet ewlenin f'termini tal-identifikazzjoni ta' sfidi ġodda u li qed jikbru fl-infurzar ta' kuljum tal-politika tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni. Dawn jinkludu ambjent immexxi mid-data u mill-IT aktar kumpless u impenjattiv (għodod tal-IT dejjem aktar sofistikati użati mid-ditti, żieda kontinwa fil-volum tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, tal-big data u tal-

[101] http://ec.europa.eu/DocsRoom/documents/28084

algoritmi) kif ukoll il-ħtieġa għal impenn usa' u aktar fil-fond mal-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali.

L-evalwazzjoni kkonfermat ukoll li l-qafas regolatorju eżistenti għall-**istandardizzazzjoni** huwa adatt għall-objettivi iżda wriet oqsma fejn jista' jsir titjib fil-livell politiku u operattiv. Fil-livell politiku t-tagħlimiet ewlenin meħuda jikkonċernaw: a) il-veloċità u l-elaborazzjoni tempestiva tal-istandards; b) l-inklużività ta' partijiet ikkonċernati aktar dgħajfa li jirrappreżentaw l-interessi tal-konsumaturi, ambjentali u tal-ħaddiema u speċjalment tal-SMEs li jorbtu l-innovazzjoni mal-istandardizzazzjoni fil-proċess ta' standardizzazzjoni c) l-appoġġ għall-kompetittività tan-negozji Ewropej fil-livell dinji; d) it-tisħiħ tal-mezzi ta' komunikazzjoni bejn il-Kummissjoni u s-sistema ta' standardizzazzjoni Ewropea.

L-evalwazzjoni dwar il-funzjonament tas-**Suq Intern għall-Oġġetti** ikkonfermat il-valur miżjud tal-azzjonijiet konġunti tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. Madankollu huwa meħtieġ qafas aktar koerenti għall-koordinazzjoni tal-azzjonijiet konġunti, għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-awtoritajiet u għaż-żieda fir-riżorsi b'mod partikolari għall-ispejjeż tal-ittestjar tal-prodotti biex jitnaqqsu l-prodotti mhux konformi li jistgħu jinsabu fis-suq uniku. Barra minn hekk, biex jinkisbu l-benefiċċji kollha tas-Suq Uniku, il-funzjonament tar-rikonoxximent reċiproku jenħtieġ li jiġi ottimizzat permezz ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ immirati, inkluż azzjonijiet speċifiċi għas-setturi li fihom ir-rikonoxximent reċiproku jista' jikseb l-akbar żieda fil-kompetittività tal-UE u tiġi appoġġata l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali biex tissaħħaħ il-kultura ta' rikonoxximent reċiproku tagħhom u tinbena l-fiduċja f'sistemi legali differenti u fir-rekwiżiti relatati mal-prodotti. Ir-rwol ċentrali tas-sistema ta' akkreditament tal-UE tal-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità ġie kkonfermat, u dan jiġġustifika l-appoġġ kontinwu fil-livell tal-UE għall-infrastruttura ta' akkreditament prevista fir-Regolament (KE) Nru 765/2008.

L-evalwazzjoni tal-**Programm tal-Konsumaturi** turi sodisfazzjon ġenerali tal-partijiet ikkonċernati f'termini ta' rilevanza u effettività tal-attivitajiet. Iċ-Ċentri tal-Konsumaturi Ewropej, l-akkademja tal-infurzar elettroniku, u s-sistema RAPEX, marru tajjeb, kif ukoll l-appoġġ lill-BEUC u għall-avvenimenti kollha ta' netwerking u tal-partijiet ikkonċernati. B'mod ġenerali, l-objettivi u l-prijoritajiet tal-Programm tal-Konsumatur huma vvalutati bħala li għadhom kompletament rilevanti u jenħtieġ li jitkomplew. Jistgħu jingħataw prijoritajiet addizzjonali lill-konsum sostenibbli, livell uniformi u għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur fl-Unjoni kollha, lill-appoġġ għall-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi fil-livell tal-Istati Membri (eż. b'mod konġunt mal-Istati Membri fir-rwol tagħhom bħala gwardjani tal-konsumaturi). Finalment, l-esperjenza turi li l-Programm jenħtieġ li jkollu livell ogħla ta' flessibbiltà sabiex jindirizza aħjar l-isfidi ġodda tas-suq immexxija minn bidliet teknoloġiji u soċjetali rapidi u spiss imprevedibbli.

Fil-każ tas-**servizzi finanzjarji**, il-finanzjament ta' Better Finance u Finance Watch permezz tal-programm għall-bini tal-kapaċità li jsaħħaħ l-involviment tal-konsumaturi u utenti aħħarin oħrajn fit-tfassil tal-politiki tal-Unjoni fis-servizzi finanzjarji, kien ukoll suċċess li ppermetta liż-żewġ organizzazzjonijiet jikbru bħala organizzazzjonijiet mhux industrijali esperti bi profili komplementari li jġibu valur miżjud għoli tal-UE fl-ilħuq tal-objettivi ppjanati. Fil-kuntest tal-programm dwar l-istandards fl-oqsma tar-rappurtar finanzjarju u l-awditjar, ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet juru b'mod ċar li l-objettivi tal-programm inkisbu u li għalhekk il-mekkaniżmi eżekuttivi ta' finanzjament jiffunzjonaw b'mod effettiv.

L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-**Programm tal-Katina Alimentari** ikkonfermat li l-valur miżjud segwit mill-programm (l-ewwel ġabra flimkien tal-azzjonijiet kollha bħal dawn) kien qed jikseb l-objettivi mixtieqa, u li l-objettivi u l-oqsma ta' azzjoni għadhom validi. Fil-konsultazzjoni pubblika miftuħa, tqajjem tħassib dwar l-impatti tal-miżuri li kellhom jittieħdu wara t-tifqigħat tal-"Xylella" (organiżmu ta' ħsara tal-pjanti) fl-Ewropa t'isfel, u b'hekk ġiet ikkonfermata l-ħtieġa li jsir aktar enfasi fuq il-monitoraġġ u l-prevenzjoni fil-qasam fitosanitarju.

L-evalwazzjoni tal-**Programm Statistiku Ewropew** turi li l-mekkaniżmu eżekuttiv attwali qed jaħdem b'mod effettiv u li l-programm qed jitmexxa b'mod effiċjenti u li qed jilħaq l-objettivi tiegħu. L-ESP jipprovdi valur miżjud tal-UE ċar, bis-saħħa tal-provvista armonizzata ta' data ta' kwalità għolja u komparabbli għall-Unjoni. Madankollu, l-evalwazzjonijiet juru wkoll il-ħtieġa li jiġu żgurati riżorsi adegwati fil-ġejjieni għall-modernizzazzjoni tal-proċessi tal-produzzjoni tal-istatistika, biex ikunu jistgħu jissodisfaw il-ħtiġijiet dejjem jikbru tal-utenti, speċjalment fir-rigward it-tempestività u l-kopertura ta' data ġdida għall-ħtiġijiet emerġenti tal-politika, filwaqt li jkunu aktar aġli u jiksbu vantaġġ mit-teknoloġiji l-ġodda.

Id-diversità tal-azzjonijiet imwettqa taħt dan il-programm (studji, stħarriġ, abbonamenti għal bażijiet tad-data, l-iżvilupp u ż-żamma tas-sistemi ta' informazzjoni bħala appoġġ għan-negozji, eċċ.) fl-oqsma kollha tal-politiki tal-Unjoni ppermettiet lill-Kummissjoni tadatta l-politiki tagħha għal ambjent b'firxa wiesgħa u li qed jinbidel kontinwament u tadotta proposti bbażata fuq l-evidenza wara konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet ikkonċernati.

1.4.4. *Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti oħra xierqa*

L-attivitajiet ta' kooperazzjoni appoġġati taħt il-programmi **Fiscalis** u tad-**Dwana** jirrappreżentaw elementi ewlenin fit-tisħiħ tas-Suq Uniku. L-unjoni doganali hija pedament tal-Unjoni u faċilitatur tas-suq intern u prijoritajiet politiċi oħrajn tal-Unjoni. Għandha funzjoni ewlenija mhux biss fir-rwol tradizzjonali tagħha fil-ġbir tad-dazju għall-baġit tal-Unjoni iżda wkoll minħabba li l-awtoritajiet doganali għandhom rwol ċentrali fl-iżgurar tas-sigurtà tal-fruntieri esterni u tal-katina alimentari, u b'hekk jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-Unjoni Ewropea. L-awtoritajiet doganali għandhom rwol importanti meta jikkontrollaw is-sikurezza jew il-konformità tal-importazzjonijiet ta' prodotti tal-ikel u mhux tal-ikel. (30 % tal-oġġetti jidħlu fis-suq uniku mill-pajjiżi terzi). Il-kontrolli tal-importazzjonijiet jirrikjedu kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet doganali u ta' sorveljanza tas-suq, l-azzjonijiet konġunti, il-konnessjoni tas-sistema tal-IT fil-livell tal-Unjoni kif ukoll il-bini tal-kapaċità fl-Istati Membri biex jallinjaw is-sistemi nazzjonali.

Bl-istess mod, l-attivitajiet transfruntiera u transnazzjonali għall-kooperazzjoni ekonomika skont il-**Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej** wkoll jappoġġaw b'mod konkret is-Suq Uniku. Il-Programm se jħeġġeġ lill-SMEs biex jibbenefikaw mill-innovazzjoni rivoluzzjonarja u soluzzjonijiet oħra żviluppati taħt il-programmi tal-Unjoni bħal pereżempju d-**Disa' Programm Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp** ("Orizzont Ewropa") u l-programm Spazjali. Orizzont Ewropa se jappoġġa lill-innovazzjoni mmexxija mill-intrapriżi fil-forom tagħha kollha, iżda huwa stabbilit biex jagħti attenzjoni speċifika lill-innovazzoni rivoluzzjonarja li toħloq is-swieq li se tiġi appoġġata taħt l-inizjattiva tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni; in-Netwerk European Enterprise jista' jżid il-valur billi jipprovdi s-servizzi tiegħu ta' netwerking u servizzi oħra ta' appoġġ lill-benefiċjarji tal-azzjonijiet ta' Orizzont Ewropa.

Finalment, is-simplifikazzjoni tinkiseb billi jinġabru flimkien l-istrumenti finanzjarji ġestiti kollha b'mod ċentrali fil-livell tal-Unjoni fil-**Fond InvestEU**[102], inkluż strumenti finanzjarji ta' dejn u ekwità għall-benefiċċju tal-SMEs.

L-effettività tal-Programm, b'mod partikolari l-kooperazzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi tiegħu, tiddependi wkoll fuq l-effettività tal-programm Ewropa Diġitali, minħabba li se jipprovdi l-interoperabbiltà u l-infrastrutturi diġitali meħtieġa minn għadd ta' programmi tal-UE. Is-soluzzjonijiet ġeneriċi żviluppati taħt il-Programm Ewropa Diġitali se jiġu ssimplifikati, adattati għall-iskop tagħhom u jistgħu jiġu integrati fis-soluzzjonijiet tal-IT li jappoġġaw is-suq intern taħt il-Programm. Il-governanza komuni għas-soluzzjonijiet interoperabbli tal-IT ġewwa l-Programm u barra mill-Programm jistgħu jżidu aktar il-koerenza bejn il-programmi. L-intelliġenza artifiċjali, l-analiżi tal-big data, l-aċċess għas-sorsi tad-data u kwistjonijiet oħra relatati mal-IT jiffurmaw parti ċentrali tal-programm għall-Kompetizzjoni. Minħabba li dawk l-attivitajiet jinsabu wkoll fil-programm Ewropa Diġitali, l-effettività tal-Programm, inkluż il-programm għall-Kompetizzjoni, se tissaħħaħ mill-programm Ewropa Diġitali.

L-azzjonijiet tal-Programm għall-Katina Alimentari bħal pereżempju l-miżuri veterinarji fil-każ ta' kriżijiet tas-saħħa tal-annimali li jinvolvu l-qtil tal-annimali u d-dekontaminazzjoni tal-azjendi agrikoli jistgħu jkunu kkomplementati minn interventi bbażati fis-suq mill-ipprogrammar tal-**Politika Agrikola Komuni** (PAK) tal-Unjoni.

Il-**Fond Soċjali Ewropew** se jaġixxi bħala katalizzatur biex irawwem ix-xogħol u l-mobbiltà taż-żgħażagħ. Il-Programm huwa mistenni li jikkontribwixxi għat-tkabbir u jibni rabtiet maċ-ċentri ta' innovazzjoni (diġitali) tal-Unjoni u mal-investimenti taħt il-Politika ta' Koeżjoni u Orizzont Ewropa. Jistgħu wkoll jiġu esplorati s-sinerġiji mal-programm Erasmus.

1.5. Durata u impatt finanzjarju

☒ **durata limitata**

– ☒ effettiv mill-**1 ta' Jannar 2021** sal-**31 ta' Diċembru 2027**

– ☒ Impatt finanzjarju mill-**1 ta' Jannar 2021** sal-**31 ta' Diċembru 2027** għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u mill-**1 ta' Jannar 2021** sal-**31 ta' Diċembru 2032** għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☐ **durata illimitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,

segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.6. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[103]

☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☒ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

[102] [daħħal ir-referenza għar-Regolament tal-Fond InvestEU]

[103] Dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/MT/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx

– ☒ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☒ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

– ☐ pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

– ☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐il-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ korpi li jissemmew fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku safejn dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

Kummenti

Il-ġestjoni indiretta tista' tintuża okkażjonalment matul il-programm, jekk tinqala' ħtieġa speċifika u l-ġestjoni indiretta tirrappreżenta l-aktar mod adegwat ta' finanzjament, eż. organizzazzjonijiet internazzjonali, korpi tal-liġi pubblika.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rappurtar

Se tiġi stabbilita struttura ta' governanza għall-implimentazzjoni koordinata tal-Programm, tul il-perjodu kollu ta' applikazzjoni, li tippermetti l-iskambju kontinwu dwar l-implimentazzjoni tiegħu u l-kisba tar-riżultati.

Partijiet tal-programm huma mistennija li jiġu implimentati mill-aġenziji eżekuttivi, b'mod partikolari fir-rigward tal-objettiv dwar il-kompetittività u l-SMEs, l-objettiv tal-katina alimentari u l-politika tal-konsumatur.

Il-Programm se jkun soġġett għal evalwazzjoni *interim* u għal evalwazzjoni *ex-post* biex jevalwaw il-progress lejn l-objettivi u r-riżultati. L-evalwazzjoni *interim* għandha ssir mhux aktar tard minn erba' snin wara l-bidu tal-programm. Għandha titwettaq evalwazzjoni finali erba' snin wara dan.

L-attivitajiet fil-qasam tal-kompetizzjoni se jiġu implimentati b'mod konformi mar-rekwiżit ta' rappurtar u monitoraġġ ta-Kummissjoni, u se japplikaw ir-regoli tad-Direttorat Ġenerali. B'mod partikolari, r-Rapporti annwali tal-attività (AARs) se jagħtu rendikont tal-effettività tas-sistemi ta' kontroll interni tagħhom.

Fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, ir-regoli dwar ir-rappurtar se jipprevedu sett ta' rapporti perjodiċi u finali li jridu jiġu ppreżentati mill-kuntratturi u l-benefiċjarji biex b'hekk isir monitoraġġ effiċjenti tal-attivitajiet. Ir-regoli dwar ir-rappurtar se jkunu proporzjonati mal-ħtiġijiet ta' monitoraġġ u mar-riskji reali u se jiġu adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull kuntratt u kull għotja. It-tali rapporti se jintużaw ukoll bħala bażi biex jitwettqu evalwazzjonijiet regolari dwar il-prestazzjoni pereżempju fil-kuntest tal-għotjiet operattivi li jingħataw fil-qasam tar-rappurtar finanzjarju u l-awditjar.

Fir-rigward tas-suq intern għall-oġġett u s-servizzi, l-akkwist pubbliku, is-sorveljanza tas-suq, l-istandardizzazzjoni, il-kompetittività tal-intrapriżi u l-SMEs, il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Programm se jiġi żgurat fuq bażi kontinwa, direttament mis-servizzi tal-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi li jistgħu jiġu fdati bl-implimentazzjoni ta' partijiet tal-Programm. Il-Kummissjoni se tfassal rapport annwali ta' monitoraġġ li jeżamina l-effiċjenza u l-effettività tal-attivitajiet appoġġati f'termini tal-implimentazzjoni finanzjarja, ir-riżultati u, fejn possibbli, l-impatti u li jippermetti għal kull aġġustament meħtieġ fil-politika u l-prijoritajiet ta' finanzjament. Il-kejl tal-prestazzjoni se jkun soġġett għal sett konsistenti ta' indikaturi.

Il-fergħa tas-Sikurezza Alimentari tal-Programm se tiġi implimentata permezz ta' ġestjoni diretta, bl-użu tal-modi ta' implimentazzjoni offruti mir-Regolament Finanzjarju, l-aktar b'għotjiet u bl-akkwist. Il-ġestjoni diretta tippermetti li jiġu stabbiliti kuntatti diretti mal-benefiċjarji jew mal-kuntratturi direttament involuti fl-attivitajiet li jaqdu l-politiki tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tiżgura monitoraġġ dirett tal-eżitu tal-azzjonijiet iffinanzjati. Il-modalitajiet ta' pagament tal-azzjonijiet iffinanzjati se jiġu adattati għar-riskji li jirrigwardaw it-tranżazzjonijiet finanzjarji. Sabiex tiġi żgurata l-effettività, l-effiċjenza u l-ekonomija tal-kontrolli tal-

Kummissjoni, l-istrateġija se tkun orjentata lejn bilanċ bejn il-verifiki *ex-ante* u *ex-post*.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposti

Il-Programm se jkun prinċipalment implimentat taħt ġestjoni diretta, b'mod partikolari permezz tal-użu ta' għotjiet, akkwist u premjijiet.

Il-possibbiltà li tiġi applikata l-ġestjoni indiretta titħalla miftuħa biex isir użu sħiħ tal-flessibbiltajiet tar-Regolament Finanzjarju 2018. Il-finanzjament jista' jieħu l-forma ta' ftehimiet ta' kontribuzzjoni, meta dan il-metodu jrid jiġi ppreferut aktar milli li tingħata għotja, eż. b'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet internazzjonali jew l-entitajiet pubbliċi.

Il-metodi kollha ta' finanzjament jistgħu jiġu applikati potenzjalment, inkluż il-forom simplifikati tal-għotjiet (somom f'daqqa, spejjeż unitarji, finanzjament b'rata fissa) u l-finanzjament mhux marbut mal-ispejjeż. Dan jiżgura flessibbiltà massima tul il-perjodu kollu tal-Programm.

Dan il-programm jiġbor flimkien firxa wiesgħa ta' attivitajiet ta' appoġġ għas-suq intern, għall-kompetittività tal-intrapriżi, b'mod partikolari l-SMEs, u għall-istatistika Ewropea. Jikkombina l-implimentazzjoni tal-politika ta' għadd kbir ta' Servizzi tal-Kummissjoni, u joffri sinerġiji fl-implimentazzjoni tal-baġit fuq politiki relatati mal-funzjonament tas-suq intern.

Ir-regoli speċifiċi għall-eliġibbiltà għall-finanzjament huma limitati għal għadd minimu sabiex tingħata libertà sħiħa lill-iżvilupp ta' azzjonijiet trasversali tul il-perjodu tal-Programm. Isiru dispożizzjonijiet speċifiċi biss meta l-kontinwazzjoni tal-istrutturi eżistenti ta' finanzjament b'valur miżjud u impatt dimostrati tkun teħtieġhom.

Dan il-Programm huwa inizjattiva biex tingabar flimkien l-implimentazzjoni tal-politika fuq firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet b'rabta mas-suq intern, mal-kompetittività, mal-SMEs u mal-istatistika. L-opportunitajiet diġà identifikati fil-Valutazzjoni tal-Impatt biex jiġu stabbiliti sinerġiji u jiġu żviluppati inizjattivi trasversali se jiġu żviluppati aktar matul it-tħejjija u l-ewwel passi fl-implimentazzjoni tal-programm. Dan japplika koerenza fuq il-kontrolli interni. Se tiġi stabbilita struttura ta' governanza xierqa li tiżgura kooperazzjoni bejn is-servizzi involuti fl-implimentazzjoni. L-intenzjonijiet huma riflessi fil-formulazzjoni trasversali tal-azzjonijiet eliġibbli skont l-Artikolu 8 tal-Programm.

Meta l-Programm jiżgura kontinwità tal-azzjonijiet fis-seħħ, il-metodi ta' implimentazzjoni u l-kontrolli interni previsti huma identifikati mis-Servizzi li bħalissa huma responsabbli għall-attivitajiet ikkonċernati, kif indikat hawn taħt.

L-attivitajiet relatati mal-kompetizzjoni se jiġu implimentati l-aktar permezz tal-akkwist taħt il-ġestjoni diretta, b'mod partikolari għall-finanzjament tal-proġetti tal-IT. Dan jinkludi proċessi effettivi ta' governanza tal-IT, li jinvolvu b'mod attiv lill-utenti tas-sistemi. Il-proċess ta' kontroll intern dwar l-awtorizzazzjonijiet tan-nefqa

għandhom l-għan li jiżguraw il-ġestjoni adegwata tar-riskji relatati mal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti, u n-natura tal-pagamenti. Barra minn hekk, is-sistema ta' kontroll tikkonsisti minn elementi differenti, bħar-rappurtar lill-maniġment superjuri, il-verifika *ex ante* mit-tim finanzjarju ċentrali, il-kumitat konsultattiv intern għall-akkwisti u l-kuntratti, il-kontrolli *ex post* u l-awditi mis-Servizz tal-Awditjar Intern u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Fil-qasam tal-kuntratti jew tal-għotjiet mogħtija fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, l-istabbiltà finanzjarja u l-unjoni tas-swieq kapitali, il-Programm se jiġi implimentat taħt ġestjoni diretta. Se jkun hemm rabta kostanti mal-ħidma politika dwar is-servizzi finanzjarji li, f'oqsma speċifiċi, tiddependi fuq l-outputs tal-kuntratti jew tal-għotjiet iffinanzjati taħt il-programm. Mod ta' ġestjoni bħal dan jiżgura l-flessibbiltà neċessarja biex il-Programm jiġi adattat mal-ħtiġijiet ta' politika reali f'qasam soġġett għal bidliet frekwenti.

Il-fergħa tas-Sikurezza Alimentari tiffoka fuq l-attribuzzjoni ta' għotjiet l-aktar lill-Istati Membri filwaqt li huma previsti għadd ta' kuntratti tal-akkwist pubbliku.

L-għotjiet se jingħataw l-aktar lill-attivitajiet ta' appoġġ tal-Istati Membri, lill-organizzazzjonijiet nongovernattivi, lill-aġenziji nazzjonali, lill-universitajiet, eċċ. Il-perjodu tat-twettiq tal-proġetti u l-attivitajiet sussidjati jvarja minn sena sa tliet snin. Il-kuntratti ta' servizz se jiġu konklużi f'oqsma bħal pereżempju l-istudji, il-ġbir tad-data, il-kuntratti ta' evalwazzjoni, l-inizjattivi ta' taħriġ, il-kampanji ta' informazzjoni, is-servizzi tal-IT u tal-komunikazzjoni, il-ġestjoni tal-faċilitajiet eċċ. Barra minn hekk, l-antiġeni u l-vaċċini jinxtraw biex jiġu kontrollati t-tifqigħat tal-mard tal-annimali.

Il-mod ta' ġestjoni għall-provvista u għad-disseminazzjoni tal-istatistika huwa ġestjoni diretta ċentrali mill-Kummissjoni. Mil-lat finanzjarju, il-programm se jiġi implimentat bl-għoti ta' kuntratti prinċipalment fl-isferi tal-istatistika u s-servizzi tal-IT, u permezz ta' għotjiet (prinċipalment lill-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika). Se jiġu applikati l-modalitajiet ta' pagament standard tal-Kummissjoni Ewropea. Strateġija ta' kontroll pluriennali li tkopri l-ħajja kollha tal-Programm se tiġi stabbilita sabiex jitnaqqsu r-riskji relatati mat-tranżazzjonijiet finanzjarji tal-programm għal livell aċċettabbli filwaqt li titqies il-kosteffiċjenza tagħha. L-istrateġija ta' kontroll se tipprevedi kombinament ta' kontrolli obbligatorji *ex ante* ma' kontrolli komplementari *ex post*.

Il-parti tal-Programm li tikkonċerna l-politiki tal-konsumatur, id-dritt soċjetarju, il-liġi kuntrattwali u kontra l-ħasil tal-flus se tiġi eżegwita permezz ta' ġestjoni diretta. Il-ġestjoni diretta tippermetti li jiġu monitorjati l-objettivi tal-programm u l-implimentazzjoni tal-programm minħabba li tħalli aktar flessibbiltà f'termini ta' bidliet u aġġustamenti, inkluż dawk fid-deċiżjonijiet finanzjarji.

L-attivitajiet ta' akkwist se jkunu l-aktar, iżda mhux esklużivament, ġestiti direttament mill-Kummissjoni, minħabba li dan jippermetti li jiġu adattati aħjar mal-ħtiġijiet tal-politika u se jippermetti pereżempju li jsiru kontroll tal-konformità leġiżlattiva, studji u jiġu implimentati xi attivitajiet prerogattivi tal-Kummissjoni.

Il-biċċa l-kbira tal-politika tal-Konsumatur u l-objettiv tagħha fil-Programm għas-Suq Uniku se tiġi eżegwita mill-Aġenzija eżekuttiva CHAFEA, l-aktar permezz ta' għotjiet għalkemm se jkunu possibbli attivitajiet ta' akkwist ukoll. Dan se jkun f'kontinwazzjoni mal-esperjenza attwali li wriet li hija effettiva.

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

Il-qafas ta' kontroll intern huwa mibni fuq l-implimentazzjoni tal-Prinċipji tal-Kontroll Intern tal-Kummissjoni, il-proċeduri għall-għażla tal-aħjar proġetti u t-traduzzjoni tagħhom fi strumenti legali, f'ġestjoni tal-proġett u tal-kuntratt matul il-proġett kollu, f'kontrolli *ex ante* fuq il-pretensjonijiet, li jinkludu r-riċevuta ta' ċertifikati tal-awditi, ċertifikazzjoni *ex ante* tal-metodoloġiji tal-ispejjeż, awditjar u korrezzjonijiet *ex post,* u evalwazzjoni.

L-attivitajiet fil-qasam tal-kompetizzjoni se jiġu implimentati l-aktar permezz tal-akkwist pubbliku taħt il-mod ta' ġestjoni diretta. Għalhekk ir-riskji ta' legalità u regolarità assoċjati huma meqjusa baxxi (ħafna). F'konformità mar-rekwiżit tar-Regolament Finanzjarju, objettiv importanti tal-"istrateġija ta' baġit Iffukat fuq ir-riżultati" tal-Kummissjoni huwa li tiżgura l-kosteffettività fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll li jevitaw l-iżbalji jew jidentifikawhom u jikkoreġuhom. Għalhekk, l-istrateġija ta' kontroll tikkunsidra livell ogħla ta' skrutinju u frekwenza f'oqsma aktar riskjużi u tiżgura l-kosteffettività.

Ir-riskji ewlenin għall-azzjonijiet fil-qasam tal-kompetizzjoni se jikkonċernaw il-ġestjoni tal-proġetti tal-IT, b'mod partikolari f'termini ta' dewmien, ta' spejjeż jew riskji akbar minn dawk ippjanati u governanza ġenerali. Ħafna minn dawn ir-riskji huma marbuta man-natura inerenti ta' dawn il-proġetti u se jitnaqqsu permezz ta' sistema ta' ġestjoni tal-proġetti xierqa u rappurtar dwar il-ġestjoni tal-proġetti, inkluż rapporti dwar ir-riskji li se jiġu ppreżentati lill-maniġment superjuri kif meħtieġ.

F'dan il-kuntest, ir-rapporti dwar ir-riskji għall-proġetti (inkluż ir-reġistru tar-riskji u l-pjan ta' azzjoni ta' appoġġ għat-trattament tar-riskji, ir-rieżamijiet tad-data dwar il-prestazzjoni tal-ħidma, il-progress fl-iskeda ta' żmien tal-proġetti u l-istatus tar-riżultati tal-proġetti prodotti) se jservu bħala xprun importanti li jippermetti ġestjoni tar-riskji xierqa u l-kisba tal-eżiti tal-proġetti f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet.

Il-proċess ġenerali ta' finanzjament relatat mas-servizzi finanzjarji se jkun soġġett għal bosta saffi ta' kontroll fil-livell operattiv u f'dak finanzjarju f'konformità mar-regoli stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju. Livell ieħor ta' verifika operattiva u finanzjarja *ex ante* se jkun meħtieġ għat-tranżazzjonijiet b'riskju ogħla. Kontrolli fuq il-post addizzjonali fuq il-benefiċjarji tal-programmi ta' għotjiet se jsiru fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju. Il-modalitajiet ta' pagament se jiġu adattati għal kull kuntratt u kull azzjoni biex jiġi żgurat bilanċ korrett bejn il-ħtiġijiet ta' finanzjament u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE. Il-modalitajiet ta' rappurtar (ara l-punt 2.1) se jitwettqu b'mod li jiġu evitati kontrolli repetittivi mhux meħtieġa u se jkun iffukat fuq il-ħtiġijiet ta' monitoraġġ reali.

Il-qafas ta' kontroll intern attwali applikabbli għas-suq intern għall-oġġetti u s-servizzi, l-akkwist pubbliku, is-sorveljanza tas-suq, l-istandardizzazzjoni u l-kompetittività tal-intrapriżi u l-SMEs huwa mibni fuq l-implimentazzjoni tal-Prinċipji tal-Kontroll Intern tal-Kummissjoni, il-proċeduri għall-għażla tal-aħjar proġetti u t-traduzzjoni tagħhom fi strumenti legali, f'ġestjoni tal-proġett u tal-kuntratt matul il-proġett kollu, f'kontrolli *ex ante* fuq il-pretensjonijiet, li jinkludu r-riċevuta ta' ċertifikati tal-awditi, ċertifikazzjoni *ex ante* tal-metodoloġiji tal-ispejjeż, awditjar u korrezzjonijiet *ex post,* u evalwazzjoni.

Huwa previst li l-baġit tal-Programm għall-kompetittività u l-SMEs se jiġi implimentat permezz ta' aġenzija eżekuttiva.

Ir-regoli kumplessi tal-eliġibbiltà tal-ispejjeż għall-għotjiet u l-għarfien espert fil-ġestjoni finanzjarja relattivament limitat ta' ċerti benefiċjarji (SMEs) jinvolvu riskju ogħla ta' spejjeż iddikjarati b'mod skorrett.

Ir-riskju ewlieni identifikat huwa relatat ma' żbalji fir-reġistrazzjoni tal-ispejjeż eliġibbli tal-għotjiet, l-aktar fl-intestatura tal-ispejjeż. Sa issa, dawn huma bbażati fuq l-ispejjeż reali attwali. Ladarba jiġi adottat ir-regolament finanzjarju l-ġdid, l-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni se jkollhom l-opportunità li jużaw somom f'daqqa u mezzi oħrajn li huma mistennija li jnaqqsu l-iżbalji u għalhekk iżidu l-effiċjenza tal-kontrolli.

Id-dokumentazzjoni provduta mas-sejħiet għal proposta fil-qasam tal-kompetittività u l-SMEs tinkludi gwida ddettaljata dwar ir-regoli tal-eliġibbiltà u notevolment dwar l-iktar żbalji frekwenti fir-rigward tal-ispejjeż tal-persunal. Il-benefiċjarji huma mistiedna jipprovdu, diġà meta jagħmlu proposta, biżżejjed dettalji dwar l-ispejjeż previsti li jippermettu verifika *ex ante* u d-detezzjoni ta' żbalji possibbli jew miżinterpretazzjonijiet u fejn meħtieġ bidliet tal-implimentazzjoni jew l-adattament tal-ftehim dwar l-għotja. Dan se jżid b'mod sinifikanti ċ-ċertezza legali tal-benefiċjarji u jnaqqas ir-riskju ta' żbalji.

Jenħtieġ li jinstab bilanċ bejn, minn naħa ż-żieda fl-attrazzjoni ta' programm li jipprovdi finanzjament għall-kompetittività u l-SMEs billi jitnaqqas il-piż ta' kontroll għall-benefiċjarji (aktar fiduċja u teħid ta' riskju bl-użu akbar ta' rati fissi, somom f'daqqa u skali ta' unità) u, min-naħa l-oħra l-iżgurar li r-rata ta' żbalji mhux ikkoreġuti tibqa' baxxa kemm hu raġonevolment fattibbli.

L-istrateġija tal-awditjar *ex post* għan-nefqa skont il-Programm se tkun ibbażata fuq l-awditjar finanzjarju tat-tranżazzjonijiet definiti mit-Teħid ta' Kampjuni ta' Unità Monetarja, flimkien ma' kampjun ibbażat fuq ir-riskju.

Għall-fergħa tas-Sikurezza Alimentari, il-kuntratturi huma l-aktar istituti, ditti ta' konsulenza u kumpaniji privati oħra. Ir-riskji ewlenin huma dawn li ġejjin:

• Riskju ta' użu ineffiċjenti u mhux ekonomiku ta' fondi mogħtija, kemm għall-għotjiet (kumplessità ta' rimborż għall-ispejjeż eliġibbli attwali flimkien ma' possibbiltajiet limitati biex jiġu kkontrollati l-ispejjeż eliġibbli fuq il-bank tax-xogħol) u għall-akkwist (numru limitat ta' dawk li jipprovdu servizzi ekonomiċi bl-għarfien speċjalizzat meħtieġ, li jinkludi possibbiltajiet insuffiċjenti biex jiġu mqabbla l-offerti fil-prezz);

• Riskju għar-reputazzjoni tal-Kummissjoni, jekk jiġu skoperti attivitajiet kriminali jew frodi. mis-sistemi ta' kontroll intern ta' terzi persuni tista' tittieħed biss garanzija parzjali minħabba l-għadd pjuttost kbir ta' kuntratturi u benefiċjarji eteroġeni, li kollha joperaw is-sistema ta' kontroll proprja tagħhom u li ħafna drabi tkun waħda żgħira.

Il-Kummissjoni implimentat proċeduri interni fir-rigward tas-sikurezza alimentari li għandhom l-għan li jkopru r-riskji identifikati hawn fuq. Il-proċeduri interni huma f'konformità sħiħa mar-Regolament Finanzjarju u jinkludu l-miżuri kontra l-frodi u l-kunsiderazzjonijiet tal-ispejjeż u l-benefiċċji. F'dan il-qafas, il-Kummissjoni qed tkompli tesplora l-possibbiltajiet biex ittejjeb il-ġestjoni u biex tagħmel titjib fl-effiċjenza. Il-karatteristiċi ewlenin tal-qafas ta' kontroll huma dawn li ġejjin:

<u>Sikurezza Alimentari - Kontrolli qabel u matul l-implimentazzjoni tal-proġetti</u>:

- Fil-Kummissjoni qed jintużaw u jiġu żviluppati mudelli ta' ftehimiet ta' għotja u kuntratti ta' akkwist pubbliku. Dawn jipprevedu għadd ta' dispożizzjonijiet ta' kontroll bħal ċertifikati ta' awditu, garanziji finanzjarji, awditi fil-post kif ukoll spezzjonijiet mill-OLAF. Ir-regoli li jirregolaw l-eliġibbiltà tal-ispejjeż qegħdin jiġu ssimplifikati, pereżempju, billi jintużaw spejjeż unitarji, somom f'daqqa, kontribuzzjonijiet mhux marbuta mal-ispejjeż u possibbiltajiet oħra offruti mir-Regolament Finanzjarju. Dan se jnaqqas l-ispiża tal-kontrolli u se jixħet l-attenzjoni fuq il-verifiki u l-kontrolli f'oqsma b'riskju għoli.

- Il-persunal kollu jaderixxi mal-kodiċi ta' mġiba amministrattiva tajba. Il-persunal li huwa involut fil-proċedura tal-għażla jew fil-ġestjoni tal-ftehimiet jew tal-kuntratti ta' għotjiet jiffirma wkoll dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' kunflitt ta' interess. Il-persunal jitħarreġ regolarment u juża netwerks għall-iskambju tal-aħjar prattiki.

- L-implimentazzjoni teknika ta' proġett tiġi verifikata f'intervalli regolari mill-uffiċċju fuq il-bażi tar-rapporti ta' progress tekniku tal-kuntratturi u tal-benefiċjarji; barra minn hekk, huma previsti, skont il-każ, laqgħat tal-kuntratturi jew tal-benefiċjarji u żjarat fil-post.

<u>Sikurezza Alimentari - Kontrolli fi tmiem il-proġett</u>:

L-awditi *ex-post* isiru biex l-eliġibbiltà tal-pretensjonijiet għall-ispejjeż tiġi vverifikata fil-post. L-għan ta' dawn il-kontrolli huwa li jiġu evitati, individwati u korretti l-iżbalji materjali relatati mal-legalità u mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet finanzjarji. Bl-għan li jinkiseb impatt għoli ta' kontroll, l-għażla tal-benefiċjarji li jridu jiġu awditjati tipprevedi taħlita ta' għażla bbażata fuq ir-riskji flimkien ma' kampjunar b'mod aleatorju, u li tingħata attenzjoni lill-aspetti operazzjonali kull meta dan ikun possibbli matul l-awditu fil-post.

Il-ftehimiet ta' għotjiet fil-qasam tal-istatistika ġeneralment jiġi konklużi ma' għadd relattivament baxx ta' awtoritajiet statistiċi nazzjonali. Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 jippermetti li jsiru għotjiet diretti lil dawk l-awtoritajiet. Il-livell tar-riskji relatati ma' din il-popolazzjoni ta' benefiċjarji huwa baxx. Ma ġew identifikati l-ebda riskji sostanzjali fil-kontrolli mwettqa fuq il-ftehimiet ta' għotja konklużi taħt il-Programm Statistiku Ewropew 2013-2020. Peress li l-komponent ewlieni tal-ispejjeż tal-ftehimiet ta' għotja tal-Eurostat huma l-ispejjeż tal-persunal, fl-2015 ġew implimentati miżuri ta' simplifikazzjoni bl-introduzzjoni tal-iskema tal-ispejjeż unitarji (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 6332). Il-kontrolli mwettqa kkonfermaw l-effetti ta' simplifikazzjoni previsti u l-livell imnaqqas tar-riskji relatati mal-ispejjeż tal-persunal.

Fir-rigward tat-tranżazzjonijiet tal-akkwist fil-qasam tal-istatistika, ir-rieżamijiet ta' kwalità *ex post* annwali ma żvelaw l-ebda kwistjonijiet rilevanti. L-awditi mwettqa mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri fuq it-trażazzjonijiet ġestiti mill-Eurostat ma żvelaw l-ebda kwistjonijiet maġġuri. Awditu li twettaq fl-2016 mis-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni ma żvela l-ebda riskji sinifikanti. Ġie kkonfermat li s-sistema ta' kontroll interna tal-Eurostat tipprovdi aċċertament raġonevoli dwar l-objettiv tal-proċess ta' akkwist u l-ġestjoni finanzjarja tat-tranżazzjonijiet finanzjarji relatati.

Waqt l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' akkwist fil-qasam tal-konsumaturi jista' jkun hemm riskju li l-kuntratturi jżidu l-prezzijiet, jippreżentaw pretensjonijiet multipli għall-istess riżorsi jew riżultati tanġibbli fittizji u plaġjariżmu. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari wkoll lill-eżistenza ta' kunflitt ta' interess possibbli tal-persunal u lir-rispett tas-segretezza professjonali.

Dawn ir-riskji jitnaqqsu permezz ta' strateġija kontra l-frodi msaħħa sabiex jiġu minimizzati r-riskji ta' frodi fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-baġit li jinvolvu l-impjegati tal-Kummissjoni u l-esperti esterni. Fil-każ tal-akkwist, dan isir ukoll permezz tas-sensibilizzazzjoni dwar it-trattament tal-offerenti fost l-atturi kollha involuti, inkluż l-unitajiet operattivi.

Deskrizzjoni tas-sistema ta' kontroll intern

Is-sistema ta' kontroll prevista għall-attivitajiet relatati mal-konsumatur taħt il-programm hija kontinwazzjoni tal-kontrolli attwali.

L-istrateġija ta' kontroll hija magħmula minn elementi kostitwenti differenti:

- il-programmazzjoni, l-evalwazzjoni u l-għażla tal-offerti/proposti sabiex ikun żgurat li jiġu ffinanzjati l-aqwa offerti biss;

- Il-konklużjoni u l-monitoraġġ ta-kuntratt: It-tranżazzjonijiet u l-proċeduri kollha huma soġġetti għal verifika *ex ante* mis-servizz responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politika.

L-awditi *ex post* huma żgurati permezz ta' kooperazzjoni ma' servizzi oħra b'Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz.

L-ispiża tal-kontrolli għall-attivitajiet relatati mas-servizzi finanzjarji jammontaw għal madwar 4,49 % tal-pagamenti magħmula mis-servizz responsabbli tal-Kummissjoni. Dan huwa mistenni li jibqa' stabbli jew jonqos ftit fil-każ li l-użu tal-opzjonijiet relatati mal-ispejjeż simplifikati (SCO) ikun se jitwessa' fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss.

Meta l-baġit relatat mal-politika tal-konsumatur jiġi implimentat minn aġenzija eżekuttiva, jiġu stabbiliti strateġiji ta' pagament u ta' kontroll sabiex jiġu evitati u korreġuti l-iżbalji u l-irregolaritajiet sabiex jitnaqqsu r-rati tal-iżbalji u l-ispejjeż tal-kontrolli. Il-ġestjoni diretta timplika l-konċentrazzjoni ta' għadd akbar ta' azzjonijiet f'ċentru wieħed li tippermetti spejjeż relattivament baxxi ta' kontrolli, b'mod partikolari l-kontrolli *ex-ante*. L-aġenzija tapplika metodoloġija ta' kontroll ibbażata fuq ir-riskju li tirriżulta f'rata ta' żball taħt il-livell limitu (2 %). Tul is-snin din is-sitwazzjoni baqgħet stabbli (ara l-AAR) u ma hemm l-ebda tendenza attwali ta' żieda. Spiża tal-kontrolli stabbli (4 %) b'proporzjon ta' 1:5,6.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"ispejjeż tal-kontrolli ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-ħlas u fl-għeluq)*

F'termini tar-rata(i) ta' żball mistennija, fl-istadju tal-proposti leġiżlattivi, l-għan huwa li tinżamm ir-rata ta' żball taħt il-livell limitu ta' 2 %. Livell limitu ta' materjalità differenti jista' biss jiġi diskuss fuq bażi skont il-każ fid-dawl tad-dibattitu leġiżlattiv, partikolarment meta l-Awtorità Leġiżlattiva ma tapprovax (bis-sħiħ) is-simplifikazzjonijiet proposti tal-Programm u/jew timponi limitu fuq il-kontrolli, u dan ikollu konsegwenzi fuq ir-rata ta' żball mistennija. Dan imbagħad jirrikjedi approċċ ikkoordinat.

L-attivitajiet relatati mal-politika tal-kompetizzjoni se jiġu implimentati taħt l-objettiv tas-suq intern. Fid-dawl tal-baġit limitat, is-servizzi responsabbli japplikaw għal raġunijiet ta' effiċjenza ċirkwit finanzjarju ċentralizzat, b'rwol ta' appoġġ

finanzjarju b'saħħtu. Iċ-ċirkwit jikkonforma mar-rekwiżiti bażi tar-Regolament Finanzjarju u jippermetti l-iżvelar u r-rettifika tal-iżbalji immedjatament matul il-proċess tat-tranżazzjoni.

Huwa stmat li l-ispiża tal-kontrolli se tkun 3-5 % tan-nefqa totali.

L-għan huwa li tinżamm ir-rata ta' żball taħt il-limitu ta' 2 %. Huwa stabbilit riskju ta' żball mistenni fl-għeluq ta' 0,5 %.

L-elementi tal-Programm li jikkonċernaw il-kompetittività tal-intrapriżi u l-SMEs se jiġu implimentati minn aġenzija eżekuttiva.

Sistema ta' kontroll interna kosteffettiva se tiġi żgurata mill-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli, li tista' tkun mistennija li żżomm ir-rata ta' żball, fuq bażi annwali u tul il-perjodu tal-programm, taħt 2 %; bl-għan aħħari li jinkiseb livell residwu ta' żball taħt 2 % mal-għeluq tal-programmi pluriennali, ladarba l-impatt finanzjarju tal-awditi, il-korrezzjoni u l-miżuri ta' rkupru kollha jkunu tqiesu.

L-awditu *ex post* għandu l-għan li jipprovdi rappreżentazzjoni ġusta u affidabbli tar-riskju ta' żbalji u li jeżamina b'mod effettiv u effiċjenti l-indikazzjonijiet ta' frodi. Il-kontrolli *ex ante* tal-proposti qabel l-iffirmar tal-ftehim ta' għotja u l-kjarifika tar-regoli tal-eliġibbiltà ma għandhomx iżidu b'mod sinifikanti ż-żmien għall-kuntratt. Se jitwettqu kontrolli *ex post* sabiex jiddeterminaw il-medja rappreżentattiva tar-rata ta' żbalji li se tibqa' minkejja t-taħriġ, il-verifiki *ex ante* u l-korrezzjonijiet. L-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni permezz ta' delega għandhom jirrappurtaw kull sena dwar l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-kontroll u l-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-awtorità leġiżlattiva fil-qafas tar-rieżami ta' nofs it-terminu dwar il-livell tan-nuqqas ta' konformità li jista' jinkiseb.

Għall-elementi tal-programm li jikkonċernaw is-suq intern għall-oġġetti u s-servizz, l-akkwist pubbliku, is-sorveljanza tas-suq u l-istandardizzazzjoni, l-ispiża tal-kontrolli hija stmata għal 8-10 % tan-nefqa totali.

Dan il-livell għoli tal-ispiża tal-kontrolli jista' jiġi spjegat mill-fatt li l-parti l-kbira tal-baġit tintefaq taħt l-akkwist u għotjiet għal azzjoni żgħar u ma tistax tibbenefika mill-ekonomiji ta' skala. Is-servizzi responsabbli se jkompli jirriflettu fuq simplifikazzjonijiet possibbli fil-proċessi finanzjarji sabiex jitnaqqas il-livell ta' kontroll, filwaqt li jinżamm livell adegwat u legalment rikjest.

Fil-kuntest tal-esperjenza miksuba bl-implimentazzjoni tal-objettiv tal-katina alimentari taħt il-programm preċedenti u tal-kunsiderazzjoni tal-karatteristiċi ewlenin tad-disinn tal-Programm il-ġdid, huwa vvalutat li r-riskji tal-implimentazzjoni tal-Programm se jibqgħu relattivament stabbli. Huwa stmat li l-ispiża tal-kontrolli se tkun madwar 4-6 % tan-nefqa totali. Bis-saħħa tal-kombinament tal-għotjiet u l-akkwist, il-kontrolli *ex ante* u *ex post* kif ukoll il-verifiki mill-uffiċċju u l-awditjar fuq il-post, ir-rata medja kwantifikabbli tal-iżbalji residwi hija mistennija tibqa' inqas minn 2 %.

L-istrateġija ta' kontroll għall-attivitajiet taħt l-objettiv speċifiku tal-programm għall-istatistika għandha l-għan li żżomm ir-riskju ta' nonkonformità taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %, li huwa konformi mal-livell limitu ta' materjalità kwantitattiva standard tal-Kummissjoni Ewropea. Is-sistema ta' kontroll interna u l-ispejjeż tagħha hija meqjusa adegwata biex jinkiseb dan l-objettiv. Il-komplementarjetà bejn il-kontrolli *ex ante* obbligatorji u l-kontrolli *ex post* se tiġi żgurata, sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi u jkun hemm kontrolli kosteffiċjenti. L-Eurostat iqis li l-ispejjeż tal-kontrolli kollha se jirrappreżentaw madwar 14 % tal-baġit tal-programm.

Il-proporzjon tal-kosteffiċjenza huwa influwenzat l-aktar mid-daqs medju relattivament limitat tat-tranżazzjonijiet għall-għotjiet u għall-akkwisti, li madankollu jirrikjedi l-istabbiliment ta' sett sħiħ ta' kontrolli.

Il-benefiċċji tal-kontroll (minbarra l-konformità mad-dispożizzjonijiet regolatorji) jinkludu valur aħjar għall-flus, effetti ta' deterrent, gwadanji fl-effiċjenza u titjib fis-sistema.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Il-Programm se jiġi implimentat minn bosta DĠ tal-Kummissjoni, li kull wieħed minnhom japplika miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet li huma l-aktar xierqa għall-oqsma ta' politika taħt ir-responsabbiltà tagħhom.

Għall-ġestjoni diretta, il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri adattati biex tiżgura li jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, kontra l-korruzzjoni u kontra kull attività illegali oħra, b'verifiki effettivi u, jekk jiġu skoperti xi irregolaritajiet, bl-irkupru tal-ammonti mħallsa bi żball u, meta xieraq, b'penali effettivi, proporzjonali u deterrenti.

Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri għandu jkollhom is-setgħa ta' awditu, abbażi ta' dokumenti u verifika fuq il-post, fuq il-benefiċjarji ta' għotjiet, kuntratturi u sottokuntratturi kollha li rċevew fondi mill-Unjoni. L-OLAF għandu jkun awtorizzat biex iwettaq verifiki u spezzjonijiet fuq il-post lill-operaturi ekonomiċi kkonċernati direttament jew indirettament minn dan il-finanzjament.

Il-Kummissjoni timplimenta wkoll sensiela ta' miżuri bħal:

- deċiżjonijet, ftehimiet u kuntratti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-programm se jintitolaw espressament lill-Kummissjoni, inkluż l-OLAF, u l-Qorti tal-Awdituri biex iwettqu awditi, spezzjonijiet u verifiki fil-post;

- waqt il-fażi tal-evalwazzjoni ta' sejħa għal proposti / offerta, il-proponenti u l-offerenti jiġu ċċekkjati skont il-kriterji tal-esklużjoni ppubblikati abbażi tad-dikjarazzjonijiet u tas-Sistema ta' Detezzjoni u Esklużjoni Bikrija (EDES);

- ir-regoli li jirregolaw l-eliġibbiltà tal-ispejjeż se jiġu ssimplifikati skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju;

- taħriġ regolari dwar kwistjonijiet relatati ma' frodi u irregolaritajiet se jingħata lill-persunal kollu involut fil-ġestjoni tal-kuntratti kif ukoll lill-awdituri u lill-kontrolluri li jivverifikaw id-dikjarazzjonijiet tal-benefiċjarji fuq il-post.

Il-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni fil-qasam tal-kompetizzjoni jiffukaw fuq aktar trasparenza fil-laqgħat tal-maniġment u fil-kuntratti mal-partijiet ikkonċernati, skont l-aħjar prattiki tal-akkwist pubbliku, inkluż l-użu tal-akkwist elettroniku u l-għodda tas-sottomissjoni elettronika. L-azzjonijiet se jevitaw u jindividwaw il-kunflitti ta' interess possibbli.

L-implimentazzjoni tal-programm relatata mas-servizzi finanzjarji se ssegwi r-regoli għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet stabbiliti skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju u fid-dawl tal-azzjonijiet previsti fl-Istrateġija l-ġdida tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi (CAFS) li se tkun fis-seħħ. Kull DĠ li jimplimenta l-

programm se jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti tal-CAFS u strateġija tiegħu stess kontra l-frodi kif ukoll gwida korporattiva relatata. Se jiżgura wkoll il-kuntatti mal-OLAF għall-azzjonijiet taħt il-mandat tiegħu.

Kontrolli *ex-ante* jew *ex-post* aktar stretti relatati mas-servizzi finanzjarji se jiġu stabbiliti għall-azzjonijiet speċifiċi fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, skont ir-riskji ta' frodi li jġibu magħhom. Barra minn hekk, fejn xieraq, il-persunal involut fit-tranżazzjonijiet finanzjarji se jiġi mistieden biex isegwi taħriġ korporattiv dwar il-ġlieda kontra l-frodi u taħriġ immirat organizzat meta meħtieġ biex jiġu indirizzati riskji speċifiċi ta' ċerti azzjonijiet. Se tingħata attenzjoni fuq is-sensibilizzazzjoni dwar ir-rekwiżiti etiċi tal-persunal (pereżempju fir-rigward tal-kunflitti ta' interessi fil-proċess ta' akkwist/għotjiet).

Fil-qafas tal-Istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi (CAFS)[104] u bl-assistenza tal-OLAF permezz tal-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni fin-Netwerk tal-OLAF għall-Prevenzjoni u d-Detezzjoni tal-Frodi (FPDNet). Is-servizz tal-Kummissjoni responsabbli għas-suq intern għall-oġġetti u s-servizzi, l-akkwist pubbliku, is-sorveljanza tas-suq, l-istandardizzazzjoni, il-kompetittività tal-intrapriżi u l-SMEs żviluppa l-Istrateġija Kontra l-Frodi (AFS) tiegħu stess, li tkopri l-miżuri għall-prevenzjoni u d-detezzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet kemm internament kif ukoll lejn il-benefiċjarji u l-kuntratturi. L-AFS hija aġġornata regolarment.

Sabiex jiżdied l-għarfien dwar il-frodi, il-Pjan ta' Azzjoni tal-AFS jipprevedi taħriġ xieraq għall-persunal u għall-maniġment, valutazzjoni tar-riskju ta' frodi annwali u l-aġġornament regolari tal-lista ta' twissijiet (red flags) li jridu jintużaw għal kontrolli *ex-ante* bbażati fuq ir-riskju aktar immirati.

Il-proċeduri tal-awditjar u l-gwida għall-awditi *ex-post* ibbażati fuq ir-riskju huma ffokati fuq każijiet possibbli ta' frodi u fuq l-irregolaritajiet. Din l-AFS hija allinjata mal-istandards tal-kontroll intern, b'mod partikolari mal-eżerċizzju tal-valutazzjoni tar-riskju, u mal-AFS ta' DĠ oħra u ma' entitajiet sottodelegati.

L-istrateġija kontra l-frodi tas-servizz responsabbli għall-attivitajiet tas-suq intern relatati mal-politika fiskali u tat-tassazzjoni tiffoka fuq l-iżvilupp ta' kultura b'saħħitha kontra l-frodi permezz ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji potenzjali ta' frodi u dwar l-imġiba etika fost il-persunal. Barra minn hekk l-istrateġija tindirizza kooperazzjoni attiva mal-OLAF u l-integrazzjoni tal-aspetti tal-frodi fiċ-ċiklu tal-Ippjanar u l-Ipprogrammar Strateġiku tad-DĠ.

Meta jitqies li l-Programm se jiġi implimentat (l-aktar) permezz tal-akkwist, l-objettiv 3 tal-AFS (jiġifieri "Is-sensibilizzazzjoni dwar il-kunflitt ta' interess possibbli fir-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati esterni bħal pereżempju l-lobbisti, l-offerenti, il-kuntratturi") b'enfasi fuq 1) iż-żamma tar-rekords tal-kuntatti mal-lobbisti, 2) il-ġestjoni ċentralizzata tal-proċeduri ta' akkwist u l-kuntatti mal-offerenti, 3) taħriġ dedikat dwar il-kuntatti mal-lobbisti, se jkun partikolarment applikabbli għall-implimentazzjoni tal-programm. Il-konsultazzjoni obbligatorja tas-Sistema ta' Detezzjoni u Esklużjoni Bikrija qabel l-għoti ta' kuntratti (u kull tranżazzjoni finanzjarja) se tikkontrolla aktar kull frodi u irregolarità potenzjali.

[104] COM(2011)376, 24.06.2011

Fil-qasam tal-Istatistika Ewropea, diġà jeżistu jew huma previsti bosta miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni. It-tranżazzjonijiet finanzjarji kollha huma soġġetti għal kontrolli *ex-ante* obbligatorji. Se jitwettqu kontrolli *ex-post* kumplementari fuq bażi ta' kampjuni. Jistgħu jitwettqu aktar kontrolli skont il-ħtieġa. Ġie implimentat Kumitat tas-Suq biex jissorvelja għażla ta' fajls tal-offerti tal-Eurostat.

Ir-riskji ta' frodi tal-IT huma indirizzati mill-Eurostat permezz ta' għodod tal-IT msaħħa u integrati aktar. Se jiġu implimentati kontrolli tas-sigurtà msaħħa għall-assi; id-data kunfidenzjali se titressaq f'ambjent tal-IT segregat. Barra minn hekk, il-funzjonalitajiet tal-IT relatati mal-katina ta' disseminazzjoni tal-Eurostat se jittejbu aktar bir-renovazzjoni tal-proġett tal-katina ta' disseminazzjoni.

Is-sessjonijiet ta' taħriġ u ta' informazzjoni huma pilastru ieħor tal-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni stabbiliti mill-Eurostat. L-elementi relatati mal-ġlieda kontra l-frodi huma parti minn kull taħriġ offrut mill-Eurostat rigward il-ġestjoni tat-tranżazzjonijiet finanzjarji. Barra minn hekk, il-maniġment superjuri tal-Eurostat jiġi infurmat b'mod regolari dwar l-attivitajiet kollha tal-prevenzjoni u d-detezzjoni tal-frodi u fit-taħriġ għall-persunal ġdid huma inklużi wkoll sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni; taħriġ obbligatorju dwar il-ġlieda kontra l-frodi huwa provdut għal persunal magħżul.

Is-servizz tal-Kummissjoni responsabbli għall-politika tal-konsumatur approva Strateġija Kontra l-Frodi f'April 2018. Se jkompli japplika l-Istrateġija tiegħu Kontra l-Frodi f'konformità mal-Istrateġija Kontra l-Frodi tal-Kummissjoni (CAFS) sabiex jiżgura *inter alia* li l-kontrolli interni kontra l-frodi huma allinjati għal kollox mal-CAFS u li l-approċċ tal-ġestjoni tar-riskju ta' frodi tiegħu huwa mmirat biex jidentifika l-oqsma tar-riskju tal-frodi u reazzjonijiet adegwati.

Meta l-implimentazzjoni tiġi fdata lil aġenzija eżekuttiva, il-valutazzjoni tar-riskju tiffoka fuq l-esponiment tar-riskju residwu filwaqt li tqis il-miżuri kollha li diġà ttieħdu biex jitnaqqas ir-riskju. Ir-riskji vvalutati f'korrispondenza mal-ispeċifiċità tal-programmi ġestiti permezz tal-għotjiet u l-akkwist.

L-azzjonijiet għad-detezzjoni u l-prevenzjoni tal-frodi ppjanati b'ġestjoni diretta taħt l-objettivi strateġiċi, bħal pereżempju:

- Iż-żamma tal-kundizzjonijiet għal identifikazzjoni effettiva u l-prevenzjoni tar-riskji tal-frodi. L-iżgurar tal-livell xieraq ta' sensibilizzazzjoni fost il-persunal, u l-eżistenza u l-implimentazzjoni tal-kontrolli u tas-sistemi meħtieġa għall-kontrolli ta' prevenzjoni u ta' detezzjoni.

- It-tisħiħ tal-fokus fuq il-frodi fi ħdan il-prattiki u l-proċeduri eżistenti (il-każijiet identifikati mill-valutazzjoni tar-riskju ta' frodi). L-iżgurar li l-frodi potenzjali jitqies fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proċeduri finanzjarji u mhux finanzjarji. L-iżgurar li r-riskji tal-frodi jiġu koperti b'mod espliċitu mill-istrateġija ta' kontroll fil-kuntest tal-qafas ta' kontroll intern, u mill-eżerċizzji tal-ġestjoni tar-riskju.

- Il-kooperazzjoni ma' diversi DĠ u istituzzjonijiet. Iż-żamma ta' kollaborazzjoni effiċjenti mal-OLAF u man-netwerks tal-frodi tal-Kummissjoni.

- L-istabbiliment u l-osservazzjoni tal-politika interna filwaqt li jiġi definit kif jiġu trattati l-każijiet li jiġu notifikati lill-OLAF.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji ġodda tan-nefqa proposti

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	03.02 Il-Programm tas-Suq Uniku	Diff./mhux diff.[105]	mingħand il-pajjiżi tal-EFTA[106]	mingħand il-pajjiżi kandidati[107]	mingħand pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu [21(2)(b)] tar-Regolament Finanzjarju
1	03.0101-Appoġġ amministrattiv	Mhux diff.	IVA	IVA	LE	LE
1	03.0201 – Lejn Suq Intern aktar effettiv	Diff.	IVA	LE	LE	LE
1	03.0202 - It-titjib tal-kompetittività tal-intrapriżi, b'mod partikolari l-SMEs, u l-appoġġ tal-aċċess tagħhom għas-swieq	Diff.	IVA	IVA	LE	LE
1	03.0203 – Standardizzazzjoni Ewropea u standards internazzjonali għar-rappurtar u l-awditjar finanzjarju	Diff.	LE	LE	LE	LE
1	03.0204 - It-tisħiħ tas-soċjetà tal-konsumaturi u s-soċjetà ċivili u l-iżgurar ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u ta' sikurezza tal-prodotti inkluż il-parteċipazzjoni tal-utenti aħħarin fit-tfassil tal-politika tas-servizzi finanzjarji	Diff.	IVA	IVA	LE	LE
1	03.0205 - Il-produzzjoni u d-disseminazzjoni ta' statistika ta' kwalità għolja dwar l-Ewropa	Diff.	IVA	LE	LE	LE
1	03.0206 - il-kontribuzzjoni għal livell għoli ta' saħħa u ta' benessri għall-bniedem, għall-annimali u għall-pjanti	Diff.	LE	LE	LE	LE

105 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
106 L-EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
107 Pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	1	03.02 Il-Programm tas-Suq Uniku

			2021	**2022**	**2023**	**2024**	**2025**	**2026**	**2027**	***Wara l-2027***	**TOTAL**
Approprjazzjonijiet operazzjonali (maqsuma skont il-linji baġitarji elenkati taħt 3.1)	Impenji	(1)	531.452	539.655	548.003	556.537	565.309	574.383	581.042		3 896.382
	Pagamenti	(2)	83.351	306.163	374.529	417.531	447.076	462.281	468.746	1 336.703	3 896.382
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett tal-programm[108]	Impenji = Pagamenti	(3)	27.457	27.457	27.457	27.457	27.457	27.457	27.457		192.198
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għall-pakkett tal-programm	Impenji	=1+3	558.909	567.112	575.460	583.994	592.766	601.840	608.499		4 088.580
	Pagamenti	=2+3	110.808	333.620	401.986	444.988	474.533	489.738	496.203	1 336.703	4 088.580

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	7	"Nefqa amministrattiva"

[108] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'sostenn għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	*Wara l-2027*	TOTAL
Riżorsi umani		213.909	215.773	215.630	215.630	215.630	215.630	215.630		1507.832
Nefqa amministrattiva oħra		6.311	6.311	6.311	6.311	6.311	6.311	6.311		44.177
TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total ta' impenji = Total ta' pagamenti)	220.220	222.084	221.941	221.941	221.941	221.941	221.941		1552.009

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	*Wara l-2027*	TOTAL
TOTAL tal-approprjazzjonijiet fl-INTESTATURI kollha tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	779.13	789.196	797.401	805.935	814.707	823.781	830.440		5 640.589
	Pagamenti	331.028	555.704	623.927	666.929	696.474	711.679	718.144	1 336.703	5 640.589

3.2.2. *Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☒Il-proposta / L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Snin	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**	**2025**	**2026**	**2027**	**TOTAL**
INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani	213.909	215.773	215.630	215.630	215.630	215.630	215.630	1507.832
Nefqa amministrattiva oħra	6.311	6.311	6.311	6.311	6.311	6.311	6.311	44.177
Subtotal tal-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	220.220	222.084	221.941	221.941	221.941	221.941	221.941	1552.009

Barra mill-INTESTATURA 7[109] tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani	2.738	2.738	2.738	2.738	2.738	2.738	2.738	19.166
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	24.719	24.719	24.719	24.719	24.719	24.719	24.719	173.032
Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	27.457	27.457	27.457	27.457	27.457	27.457	27.457	192.198

TOTAL	247.677	249.541	249.398	249.398	249.398	249.398	249.398	1744.207

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

109 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'sostenn għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.2.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għal full-time

Snin		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)								
Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni		1 383	1 395	1 394	1 394	1 394	1 394	1 394
Delegazzjonijiet								
Riċerka								
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE) - AC, AL, END, INT u JED [110] Intestatura 7								
Iffinanzjati mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	- fil-Kwartieri Ġenerali	210	212	212	212	212	212	212
	- fid-Delegazzjonijiet							
Iffinanzjati mill-pakkett tal-programm [111]	- fil-Kwartieri Ġenerali	37	37	37	37	37	37	37
	- fid-Delegazzjonijiet							
Riċerka								
Oħrajn (speċifika)								
TOTAL		1 630	1 644	1 643	1 643	1 643	1 643	1 643

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu ssodisfati mill-persunal tad-DĠ li diġà huma assenjati bil-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġew allokati mill-ġdid fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	
Persunal estern	

[110] AC = Aġenti Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT= Persunal tal-aġenzija; JPD = Esperti Subordinati fid-Delegazzjonijiet.

[111] Sottolimitu massimu għall-persunal estern kopert mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

3.2.3. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☐ ma tipprevedix il-kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☒ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi u li qed jiġi stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
Kontribuzzjoni mill-Konfederazzjoni Żvizzera (ESTAT)	5.690	5.690	5.690	5.690	5.690	5.690	5.690	39.83
TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati	5.690	5.690	5.690	5.690	5.690	5.690	5.690	39.83

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

(1) ☐ fuq ir-riżorsi proprji

(2) ☐ fuq dħul ieħor

jekk jogħġbok indika, jekk id-dħul huwa assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[112]						
	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
Artikolu ………….							

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

[…]

Rimarki oħra (eż. metodu/formula użati għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

[…]

[112] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-ispejjeż tal-ġbir.

ANNESS tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva

PROGRAMM TAS-SUQ UNIKU

BAĠIT INDIKATTIV TA' WARA L-2020

Objettiv speċifiku	LB ġdida	DĠ	Deskrizzjoni attwali tal-QFP	BAĠIT INDIKATTIV*
Suq Intern	03.020101	GROW	Operazzjoni u żvilupp tas-suq intern tal-oġġetti u s-servizzi	213,812,399
	03.020102	GROW	Għodod ta' governanza tas-suq intern	29,100,000
	03.020103	TAXUD	Appoġġ ta' ħidma regolatorju tat-Taxud - Implimentazzjoni u żvilupp tas-suq intern	23,800,000
	03.020104	JUST	Dritt soċjetarju	7,000,000
	03.020105	COMP	Politika tal-kompetizzjoni għal unjoni aktar b'saħħitha fl-era diġitali (attività ġdida)	140,000,000
	03.020106	FISMA	Implimentazzjoni u żvilupp tas-Suq Uniku għas-servizzi finanzjarji	23,857,243
			TOTAL Suq Intern għall-Oġġetti u s-Servizzi	437,569,642
Kompetittività u SMEs	03.0202	GROW	COSME mingħajr il-Fond InvestEU	1,000,000,000
Standardizzazzjoni	03.020301	GROW	Standardizzazzjoni Ewropea	159,600,000
	03.020302	FISMA	Standards fl-oqsma tar-rappurtar finanzjarju u l-awditjar	60,910,500
			Total Standardizzazzjoni	220,510,500
Konsumaturi	03.020401	JUST	Konsumatur	188,000,000
	03.020402	FISMA	It-tisħiħ tal-involviment tal-konsumaturi u utenti aħħarin oħrajn fit-tfassil tal-politika tal-Unjoni għas-	10,500,000
			TOTAL Konsumatur	198,500,000
Statistika	03.0205	EUROSTAT	ESTAT	552,000,000
Is-saħħa għall-Bniedem, għall-Annimali u għall-Pjanti	03.0206	SANTE	Katina alimentari	1,680,000,000
TOTAL Programm tas-Suq Uniku				**4,088,580,142**

** Inkluża l-linja tal-appoġġ amministrattiv u s-sussidji tal-aġenziji*

MT

MT